# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

26 ta' Ottubru 2017*

"Kompetizzjoni – Konċentrazzjonijiet – Deċiżjoni li timponi multa għall-istabbiliment ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha – Artikolu 4(1), Artikolu 7(1) u (2) u Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 – Negliġenza – Prinċipju ta' *ne bis in idem* – Serjetà tal-ksur – Ammont tal-multa"

Fil-Kawża T-704/14,

**Marine Harvest ASA**, stabbilita f'Bergen (in-Norveġja), irrappreżentata minn R. Subiotto, QC,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn M. Farley, C. Giolito u F. Jimeno Fernández, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża prinċipalment għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 5089 finali, tat-23 ta' Lulju 2014, li timponi multa għall-istabbiliment ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 4(1), u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 (Każ COMP/M.7184 – Marine Harvest/Morpol), u, sussidjarjament, għall-annullament jew it-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn A. Dittrich (Relatur), President, J. Schwarcz u V. Tomljenović, Imħallfin,

Reġistratur: C. Heeren, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-15 ta' Settembru 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

## Sentenza

### I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Marine Harvest ASA, hija kumpannija stabbilita skont id-dritt Norveġiż elenkata fil-Borża ta' Oslo (in-Norveġja) u fil-Borża ta' New York (l-Istati Uniti), li tipprattika t-trobbija u t-trasformazzjoni primarja tas-salamun fil-Kanada, fiċ-Chili, fl-Iskozja, fil-gżejjer Faeroe, fl-Irlanda, u fin-Norveġja kif ukoll it-trobbija u t-trasformazzjoni primarja tal-ħalibatt abjad fin-Norveġja. Ir-rikorrenti twettaq ukoll attivitajiet ta' trasformazzjoni sekondarja fil-Belġju, fiċ-Chili, fl-Istati Uniti, fi Franza, fl-Irlanda, fil-Ġappun, fin-Norveġja, fil-Pajjiżi l-Baxxi, fil-Polonja, u fir-Repubblika Ċeka.

### A. Akkwist mir-rikorrenti ta' Morpol

2 Fl-14 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti kkonkludiet kuntratt ta' akkwist ta' azzjonijiet ("Share Purchase Agreement", iktar 'il quddiem "SPA") ma' Friendmall Ltd. u Bazmonta Holding Ltd. li kien jirrigwarda t-trasferiment tal-azzjonijiet li dawn il-kumpanniji kellhom fil-kapital ta' Morpol ASA.

3 Morpol hija produttriċi u trasformatriċi Norveġiża tas-salamun. Hija tipproduċi salamun għat-trobbija u toffri gamma wiesa' ta' prodotti b'valur miżjud derivati mis-salamun. Hija tipprattika t-trobbija u t-trasformazzjoni primarja tas-salamun fl-Iskozja u fin-Norveġja. Hija twettaq ukoll attivitajiet ta' trasformazzjoni sekondarja fil-Polonja, fir-Renju Unit u fil-Vjetnam. Qabel ma ġiet akkwistata mir-rikorrenti, Morpol kienet elenkata fil-Borża ta' Oslo.

4 Friendmall u Bazmonta Holding kienu kumpanniji privati b'responsabbiltà limitata kkostitwiti u rreġistrati f'Ċipru. Iż-żewġ kumpanniji kienu kkontrollati minn persuna waħda, M., fundatur u ex president-direttur ġenerali ta' Morpol.

5 Permezz ta' SPA, ir-rikorrenti akkwistat sehem f'Morpol li jammonta għal madwar 48.5 % mill-kapital azzjonist ta' Morpol. Dan l-akkwist (iktar 'il quddiem l-"akkwist ta' Diċembru 2012") ġie konkluż fit-18 ta' Diċembru 2012.

6 Fis-17 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti nediet, permezz ta' komunikazzjoni tal-Borża, li hija kienet sejra tvara offerta pubblika ta' xiri tal-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol. Fil-15 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti ppreżentat, skont il-liġi Norveġiża dwar in-negozju tat-titoli, tali offerta pubblika obbligatorja ta' xiri azzjonijiet rimanenti ta' Morpol, rappreżentanti 51.5 % tal-azzjonijiet tal-kumpannija. Skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi Norveġiża, l-akkwirent ta' iktar minn terz tal-azzjonijiet ta' kumpannija kkwotata fil-Borża huwa obbligat li jippreżenta offerta obbligatorja għall-azzjonijiet rimanenti ta' din il-kumpannija.

7 Fit-23 ta' Jannar 2013, il-bord tad-diretturi ta' Morpol ħatar president-direttur ġenerali ġdid li jissostitwixxi lil M., peress li dan tal-aħħar fil-frattemp tneħħa mill-kariga b'effett mill-1 ta' Marzu 2013, sabiex jiġi ssodisfatt obbligu għal dan l-iskop li kien ġie inkluż fi SPA.

8 Wara l-ħlas u l-eżekuzzjoni tal-offerta pubblika ta' xiri fit-12 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti kellu total ta' 87.1 % mill-azzjonijiet ta' Morpol. Konsegwentement, permezz tal-offerta pubblika ta' xiri, ir-rikorrenti akkwistat azzjonijiet rappreżentanti madwar 38.6 % tal-kapital ta' Morpol, minbarra l-azzjonijiet rappreżentanti 48.5 % tal-kapital ta' Morpol, li hija kienet diġà akkwistat bl-akkwist ta' Diċembru 2012.

9 L-akkwist tal-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol seħħ fit-12 ta' Novembru 2013. Fil-15 ta' Novembru 2013, waqt laqgħa ġenerali straordinarja ġie deċiż li ssir talba sabiex l-azzjonijiet ma jibqgħux ikkwotati fil-Borża ta' Oslo, li jitnaqqas in-numru ta' membri tal-bord tad-diretturi, u li jitħassar il-kumitat tal-ħatra. Fit-28 ta' Novembru 2013, Morpol ma baqgħetx ikkwotata fil-Borża ta' Oslo.

**B. Stadju ta' qabel in-notifika**

10 Fil-21 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti bagħtet lill-Kummissjoni Ewropea talba għall-ħatra ta' grupp inkarigat sabiex jipproċessa l-fajl tagħha dwar l-akkwist tal-kontroll esklużiv ta' Morpol. F'din it-talba, ir-rikorrenti informat lill-Kummissjoni li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien ġie konkluż u li hija ma kinitx sejra teżerċita d-drittijiet tal-vot tagħha qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

11 Il-Kummissjoni talbet li tiġi organizzata telekonferenza mar-rikorrenti, li saret fil-25 ta' Jannar 2013. Matul it-telekonferenza, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar l-istruttura tat-tranżazzjoni u kjarifiki fuq il-kwistjoni dwar jekk l-akkwist ta' Diċembru 2012 setgħax kien jagħti diġà lir-rikorrenti l-kontroll ta' Morpol.

12 Fit-12 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti talba għal informazzjoni dwar l-akkwist possibbli ta' kontroll effettiv ta' Morpol wara l-akkwist ta' Diċembru 2012. Hija talbet ukoll li hija tiġi pprovduta bl-aġenda u bil-minuti tal-laqgħat ġenerali ta' Morpol u tal-laqgħat tal-bord tad-diretturi ta' Morpol tal-aħħar tliet snin. Ir-rikorrenti wieġbet parzjalment għal din it-talba fid-19 ta' Frar 2013 u pproduċiet risposta sħiħa għal din tal-aħħar fil-25 ta' Frar 2013.

13 Fil-5 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti ppreżentat l-ewwel abbozz tal-formularju ta' notifika, kif jinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004, tal-21 ta' April 2004, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 88) (iktar 'il quddiem l-"ewwel abbozz tal-formularju CO"). L-ewwel abbozz tal-formularju CO kien jirrigwarda essenzjalment is-suq globali li jinkludi fih it-trobbija kif ukoll it-trasformazzjoni primarja u t-trasformazzjoni sekondarja tas-salamun ta' kull oriġini.

14 Fl-14 ta' Marzu 2013, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti talba għal informazzjoni addizzjonali dwar l-ewwel abbozz tal-formularju CO. Fis-16 ta' April 2013, ir-rikorrenti wieġbet għal din it-talba għal informazzjoni. Il-Kummissjoni qieset li din it-tweġiba kienet inkompleta u bagħtet talbiet oħra għal informazzjoni fit-3 ta' Mejju, fl-14 ta' Ġunju u fl-10 ta' Lulju 2013. Ir-rikorrenti wieġbet għal dawn it-talbiet, rispettivament, fis-6 ta' Ġunju, fit-3 u fis-26 ta' Lulju 2013.

**C. Notifika u deċiżjoni li tawtorizza l-konċentrazzjoni b'riżerva għall-osservanza ta' ċerti impenji**

15 Fid-9 ta' Awwissu 2013, it-tranżazzjoni ġiet innotifikata uffiċjalment lill-Kummissjoni.

16 Waqt il-laqgħa ta' aġġornament tat-3 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti u lil Morpol bil-fatt li hija kellha dubji serji dwar il-kompatibbiltà tat-tranżazzjoni mas-suq intern sa fejn din kienet tikkonċerna suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż.

17 Bil-għan li jiġu eliminati d-dubji serji identifikati mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti ppproponiet, fid-9 ta' Settembru 2013, obbligi skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004, tal-20 ta' Jannar 2004, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40). Il-Kummissjoni ssuġġettat dawn l-obbligi inizjali għal konsultazzjoni tas-suq.

Wara ċerti emendi, ġiet ippreżentata serje ta' obbligi finali fil-25 ta' Settembru 2013. Ir-rikorrenti obbligat ruħha li ċċedi madwar tliet kwarti tal-kapaċità ta' trobbija tas-salamun Skoċċiż li kienet kondiviża mill-partijiet fil-konċentrazzjoni, biex b'hekk tmewwet id-dubji identifikati mill-Kummissjoni.

18 Fit-30 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2013) 6449 (Każ COMP/M.6850 – Marine Harvest/Morpol) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni"), skont l-Artikolu 6(1)(b) u (2) tar-Regolament Nru 139/2004, li tawtorizza l-konċentrazzjoni b'riżerva għall-osservanza sħiħa tal-obbligi proposti.

19 Fid-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, il-Kummissjoni kkonstatat li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien diġà kkonferixxa lir-rikorrenti l-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol. Hija kkonfermat li ma setgħax jiġi eskluż ksur tal-obbligu ta' *status quo* previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, u tal-obbligu ta' notifika, previst fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmi regolament. Hija rrilevat ukoll li hija setgħet teżamina, fil-kuntest ta' proċedura separata, jekk jeħtieġx li tiġi applikata sanzjoni skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

### D. Id-deċiżjoni kkontestata u l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tagħha

20 F'ittra tat-30 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li kien hemm pendenti investigazzjoni dwar il-ksur possibbli tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

21 Fil-31 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lir-rikorrenti, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 139/2004 (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet"). Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, il-Kummissjoni waslet għal konklużjoni preliminari li r-rikorrenti kienet kisret b'mod intenzjonat, jew tal-inqas b'negliġenza, l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

22 Fit-30 ta' April 2014, ir-rikorrenti ppreżentat ir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fis-6 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti ppreżentat l-argumenti inklużi fir-risposta tagħha matul seduta. Fis-7 ta' Lulju 2014, inżammet laqgħa tal-kumitat konsultattiv fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet bejn impriżi.

23 Fit-23 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2014) 5089 finali li timponi multa għat-twettiq ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 4(1), u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 (Każ COMP/M.7184 – Marine Harvest/Morpol) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

24 L-ewwel tliet artikoli tad-dispożittiv tad-Deċiżjoni 2008/344 huma redatti kif ġej:

"Artikolu 1

Billi wettqet konċentrazzjoni ta' dimensjoni Komunitarja matul il-perijodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u t-30 ta' Settembru 2013, qabel ma din ġiet innotifikata u ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, [ir-rikorrenti] kisret l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004.

Artikolu 2

Multa ta' EUR 10 000 000 hija imposta fuq [ir-rikorrenti] għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 previst fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Multa ta' EUR 10 000 000 hija imposta fuq [ir-rikorrenti] għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 previst fl-Artikolu 1."

25 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, qabel xejn, qieset li r-rikorrenti kienet akkwistat il-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012, peress li r-rikorrenti kellha l-kważi ċertezza li tikseb maġġoranza fil-laqgħat ġenerali, b'kont meħud tan-numru ta' azzjonijiet tagħha (48.5 %) u tar-rata ta' preżenza ta' azzjonisti oħra fil-laqgħat ġenerali matul is-snin preċedenti.

26 Sussegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-akkwist ta' Diċembru 2012 ma kienx jibbenefika mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kien japplika biss għal offerti pubbliċi ta' xiri jew ta' skambju jew għal tranżazzjonijiet li bihom il-kontroll fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 139/2004 kien akkwistat "minn diversi bejjiegħa" permezz ta' serje ta' tranżazzjonijiet fuq titoli. Skont il-Kummissjoni, f'dan il-każ, is-sehem ta' kontroll ġie akkwistat mingħand bejjiegħ wieħed, jiġifieri M., permezz ta' Friendmall u Bazmonta Holding, bil-forza tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

27 Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex maħsub sabiex japplika għal sitwazzjonijiet li fihom l-akkwist ta' volum kbir ta' azzjonijiet jitwettaq minn bejjiegħ wieħed u li fihom huwa faċli li jiġi stabbilit, abbażi tal-voti espressi waqt laqgħat ġenerali ordinarji u straordinarji preċedenti, dment li dan il-volum ta' azzjonijiet ma jikkonferixxix kontroll esklużiv effettiv fuq il-kumpannija fil-mira.

28 Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat li l-akkwist ta' Diċembru 2012, li ġie konkluż fit-18 ta' Diċembru 2012, ma kienx jifforma parti mill-materjalizzazzjoni tal-offerta pubblika ta' xiri, li saret bejn il-15 ta' Jannar u s-26 ta' Frar 2013. Hija kkunsidrat li l-fatt li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien kapaċi jiskatta l-obbligu tar-rikorrenti li jvara l-offerta pubblika ta' xiri għall-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol kien irrilevanti, peress li l-kontroll effettiv kien diġà ġie akkwistat minn bejjiegħ wieħed.

29 Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li r-riferimenti, mir-rikorrenti, ta' sorsi legali li skonthom "diversi passi unitarji" għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda meta dawn ikunu, b'mod legali jew fattwali, is-suġġett ta' rabta kundizzjonali, jidhru li huma barra minn posthom. Hija tenfasizza li r-rikorrenti akkwistat il-kontroll ta' Morpol permezz ta' xirja waħda ta' 48.5 % tal-azzjonijiet ta' Morpol, u mhux permezz ta' tranżazzjonijiet parzjali multipli marbuta ma' elementi ta' attivi li jikkostitwixxu, fl-aħħar mill-aħħar, entità ekonomika waħda.

30 Il-Kummissjoni rrilevat li, skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 139/2004, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni in-natura, is-serjetà u t-tul tal-ksur.

31 Hija qieset li kull ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, min-natura tiegħu, jikkostitwixxi ksur serju.

32 Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li, fl-opinjoni tagħha, il-ksur imwettaq mir-rikorrenti twettaq b'negliġenza, li l-konċentrazzjoni inkwistjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, kif ukoll il-fatt li kienu jeżistu każijiet preċedenti ta' ksur proċedurali li jikkonċernaw lir-rikorrenti kif ukoll lil kumpanniji oħra.

33 Fir-rigward tat-tul tal-ksur, il-Kummissjoni rrilevat li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ksur instantanju u li f'dan il-każ kien twettaq fit-18 ta' Diċembru 2012, jiġifieri fid-data li fiha twettqet il-konċentrazzjoni. Barra minn hekk hija qieset li l-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ksur kontinwu u li f'dan il-każ, kien twettaq, mit-

18 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013, jiġifieri mid-data li fiha sar l-akkwist ta' Diċembru 2012 sad-data tal-awtorizzazzjoni tiegħu. Skont il-Kummissjoni, it-tul ta' disa' xhur u tnax il-ġurnata kien partikolarment twil.

34 Il-Kummissjoni ħaddnet, bħala ċirkustanza attenwanti, il-fatt li r-rikorrenti ma kinitx eżerċitat id-drittijiet tal-vot tagħha fi ħdan Morpol u li żammitha bħala entità separata tar-rikorrenti matul il-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni.

35 Barra minn hekk hija ħaddnet ukoll bħala ċirkustanza attenwanti l-fatt li r-rikorrenti kienet ippreżentat talba għall-ħatra ta' grupp xi jiem wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

36 Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ma kkonstatatx l-eżistenza ta' ċirkustanzi aggravanti.

37 Il-Kummissjoni qieset li, fil-każ ta' impriża tad-daqs tar-rikorrenti, l-ammont tas-sanzjoni kellu jkun sostanzjali sabiex ikollu effett disswaživ. Dan iktar u iktar meta l-konċentrazzjoni inkwistjoni qajmet dubji serji il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

## II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

38 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-3 ta' Ottubru 2014, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

39 Permezz ta' att separat, li ġie ppreżentat fl-istess jum quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991, li tiddeċiedi skont il-proċedura mgħaġġla. Permezz ta' ittra tas-17 ta' Ottubru 2014, il-Kummissjoni ressqet l-osservazzjonijiet tagħha dwar din it-talba. Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Ottubru 2014, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għal ipproċessar mgħaġġel.

40 Fuq rakkomandazzjoni tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura. Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali għamlet mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet u talbet lill-Kummissjoni sabiex tipprovdilha ċerti dokumenti. Il-partijiet wieġbu għall-mistoqsijiet bil-miktub u l-Kummissjoni pproduċiet il-dokumenti mitluba.

41 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tannulla l-multi imposti fuq ir-rikorrenti skont id-deċiżjoni kkontestata;

– ferm sussidjarjament, tnaqqas b'mod sostanzjali l-multi imposti fuq ir-rikorrenti skont id-deċiżjoni kkontestata;

– fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

– tadotta kwalunkwe miżura oħra li l-Qorti Ġenerali tqis xierqa.

42 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

## III. Id-dritt

43 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ċaħdet l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. It-tieni huwa bbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet li r-rikorrenti kienet negliġenti. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' *ne bis in idem*. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt imwettaq bl-impożizzjoni tal-multi fuq ir-rikorrenti. Fl-aħħar, il-ħames motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt u fuq assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-livelli tal-multi.

### A. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ċaħdet l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004

44 L-ewwel motiv huwa maqsum f'erba' partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata fid-dritt u fil-fatt sa fejn din ċaħdet il-kunċett ta' konċentrazzjoni unika fil-kuntest tal-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. It-tieni parti hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata, fil-fatt u fid-dritt, tal-kliem tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. It-tielet parti hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tar-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Fl-aħħar, ir-raba' parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li r-rikorrenti kkonformat ruħha mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

45 F'dan il-każ, jeħtieġ li jiġu eżaminati flimkien l-ewwel tliet partijiet tal-ewwel motiv, li huma kollha marbuta mal-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

#### *1. Fuq l-ewwel tliet partijiet tal-ewwel motiv*

##### *a) Osservazzjonijiet preliminari*

46 Jeħtieġ li jitfakkar, qabel xejn, li l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprovdu kif ġej:

"Il-Kummissjoni tista', permezz ta' deċiżjoni, timponi multi ta' mhux aktar minn 10 % tal-valur tal-bejgħ totali ta' l-impriża konċernata fis-sens ta' l-Artikolu 5 fuq il-persuni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) jew l-impriżi konċernati meta, b'intenzjoni jew b'negliġenza, huma:

a) jonqsu milli jinnotifikaw konċentrazzjoni skond l-Artikoli 4 jew 22(3) qabel ma tkun implimentata, sakemm m'humiex awtorizzati espressament biex jagħmlu hekk fl-Artikolu 7(2) jew f'deċiżjoni meħuda skond l-Artikolu 7(3);

b) jimplimentaw konċentrazzjoni bi ksur ta' l-Artikolu 7."

47 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, "[k]onċentrazzjoni[jiet] b'dimensjoni Komunitarja definiti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu notifikati lill-Kummissjoni qabel ma jiġu implimentati u wara l-konklużjoni tal-ftehim, id-dikjarazzjoni ta' l-offerta pubblika, jew l-akkwist ta' interess li għandu kontroll."

48 Skont l-Artikolu 7(1) tal-istess Regolament, "[k]onċentrazzjoni b'dimensjoni Komunitarja [...] ma għandhiex tkun implimentata qabel tkun notifikata jew qabel ma tkun dikjarata kompatibbli mas-suq [intern] permezz ta' deċiżjoni skond l-Artikoli 6(1)(b), 8(1) jew 8(2), jew a bażi ta' preżunzjoni skond l-Artikolu 10(6)".

49 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 139/2004:

"1. Għandu jitqies li hemm konċentrazzjoni meta jkun hemm bidla fil-kontroll fuq bażi dewwiema, liema bidla tkun ir-riżultat ta':

[…]

b) l-akkwist, minn persuna jew minn aktar minn persuna waħda li diġa tikkontrolla jew jikkontrollaw mill-anqas impriża waħda, jew minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda, ta' kontroll dirett jew indirett ta' impriża jew ta' aktar minn impriża waħda, jew ta' partijiet minn impriża jew minn aktar minn impriża waħda. Dan l-akkwist jista' jsir kemm permezz tax-xiri ta' titoli jew ta' assi, permezz ta' kuntratt jew permezz ta' kull mezz ieħor."

50 Fl-aħħar, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 139/2004, "[k]ontroll għandu jkun permezz ta' drittijiet, kuntratti, jew permezz ta' kull mezz ieħor li, separatament jew flimkien, fil-kuntest tal-fatti u tal-liġijiet involuti, jikkonferixxu l-possibbiltà li tkun eżerċitata influwenza deċiżiva fuq l-impriża".

51 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi kkonstatat qabel xejn li, permezz tal-akkwist ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti akkwistat sehem f'Morpol li jammonta għal li jammonta għal madwar 48.5 % tal-kapital azzjonist ta' Morpol.

52 Kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-punt 55 tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr ebda kontradizzjoni dwar dan il-punt mir-rikorrenti, fil-mument tal-akkwist ta' Diċembru 2012, Morpol kienet kumpannija pubblika b'responsabbiltà limitata ["**public limited company**"] Norveġiża u, abbażi ta' dan, id-drittijiet tal-vot kienu attribwiti skont il-prinċipju "azzjoni tagħti dritt għal vuċi". Għaldaqstant, maġġoranza sempliċi tal-azzjonijiet preżenti u votanti waqt laqgħat ġenerali kienet suffiċjenti sabiex tiġi adottata mozzjoni, b'riżerva għal xi tranżazzjonijiet li kienu jirrikjedu maġġoranza kkwalifikata ta' żewġ terzi.

53 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġustament rrilevat, fil-punt 57 tad-deċiżjoni kkontestata, li azzjonist minoritarju jista' jitqies bħala li jiddetjeni kontroll esklużiv effettiv, b'mod partikolari meta dan tal-aħħar ikollu l-kważi-ċertezza li ser jikseb maġġoranza fil-laqgħat ġenerali, fid-dawl tar-rata tas-sehem tiegħu u tar-rata ta' preżenza ta' azzjonisti oħra fil-laqgħat ġenerali matul is-snin preċedenti (ara, f'dan is-sens, sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punti 45 sa 48).

54 Sussegwentement, il-Kummissjoni rrilevat li M. (permezz ta' Friendmall u Bazmonta Holding) dejjem irrappreżenta maġġoranza netta ta' voti espressi waqt il-laqgħat ġenerali u li l-kapital rimanenti ta' Morpol kien imferrex ħafna, fatt li jimplika li l-azzjonisti rimanenti ma kinux kapaċi li jifformaw minoranza li tibblokka li kapaċi tiddomina s-setgħa deċiżiva ta' M., b'mod partikolari minħabba n-numru dgħajjef fosthom ta' assistenti fil-laqgħat ġenerali.

55 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet, mingħajr ebda kontradizzjoni dwar dan il-punt mir-rikorrenti, li qabel l-akkwist ta' Diċembru 2012, M. Kien jeżerċita kontroll esklużiv effettiv fuq Morpol permezz tal-azzjonijiet tiegħu fi Friendmall u Bazmonta Holding.

56 Fl-aħħar, il-Kummissjoni kkonkludiet ġustament li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien ikkonferixxa lir-rikorrenti l-istess drittijiet u l-istess possibbiltajiet li teżerċita influwenza determinanti fuq Morpol bħal dawk li kien jibbenefika minnhom M. preċedentement permezz ta' Friendmall u Bazmonta Holding.

57 Minn dak li ntqal jirriżulta li kien b'mod ġust li l-Kummissjoni kkonstatat, fil-punt 68 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti kien akkwista l-kontroll ta' Morpol wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

58 Ir-rikorrenti tenfasizza diversi drabi, minkejja li f'kuntesti oħra, li hija ma eżerċitatx id-drittijiet tagħha tal-vot qabel l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-kontroll jirriżulta b'mod partikolari minn drittijiet li jikkonferixxu l-"possibbiltà" li tiġi eżerċitata influwenza determinanti fuq l-attività ta' impriża. B'hekk, il-fatt determinanti huwa l-akkwist ta' dan il-kontroll fis-sens formali u mhux l-eżerċizzju effettiv ta' tali kontroll (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 189). Il-fatt li d-detenzjoni tad-drittijiet tal-vot kienet tikkonferixxi lir-rikorrenti l-kontroll effettiv ta' Morpol ma huwiex ikkontestat miċ-ċirkustanza li r-rikorrenti ma eżerċitatx id-drittijiet tagħha tal-vot qabel l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni.

59 Kif irrilevat il-Kummissjoni fil-punti 72 u 73 tad-deċiżjoni kkontestata, ċerti Artikoli ta' SPA jidhru li jimplikaw li r-rikorrenti eżerċitat id-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol biss wara li kisbet l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Madankollu SPA ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni li tipprekludi lir-rikorrenti milli teżerċita id-drittijiet tagħha tal-vot qabel ma tirċievi l-awtorizzazzjoni. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kienet libera li teżerċita d-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol f'kull mument wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

60 Barra minn hekk, b'risposta għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali magħmula waqt is-seduta, ir-rikorrenti kkonfermat li hija ma kinitx tikkontesta li l-akkwist tas-sehem ta' 48.5 % ta' Morpol kien ipprovdielha l-kontroll ta' Morpol fis-sens tar-Regolament Nru 139/2004.

61 Kif irrilevat il-Kummissjoni, fil-punti 8, 13 u 66 tad-deċiżjoni kkontestata, il-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012 seħħet fit-18 ta' Diċembru 2012. Ir-rikorrenti tiddikjara, fil-punt 13 tar-rikors, li, fit-18 ta' Diċembru 2012, is-SPA kien ġie konkluż u l-azzjonijiet li kellu M. f'Morpol ġew ittrasferiti lir-rikorrenti.

62 Ir-rikorrenti ma tikkontestax il-fatt li l-konċentrazzjoni inkwistjoni kienet konċentrazzjoni ta' dimensjoni Komunitarja.

63 Peress li r-rikorrenti kisbet il-kontroll ta' Morpol bis-saħħa tal-akkwist ta' Diċembru 2012, bħala prinċipju, hija kellha, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4(1) u tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, tinnotifika din il-konċentrazzjoni lill-Kummissjoni qabel it-twettiq tagħha u li ma twettaqhiex qabel ma din tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni.

64 Minn dawn il-konstatazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-kwistjoni rilevanti għall-finijiet tal-eżami tal-ewwel tliet partijiet tal-ewwel motiv hija dik dwar jekk kinitx applikabbli għal dan il-każ, l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

***b) Dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004***

65 L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprovdi kif ġej:

"Il-paragrafu 1 ma għandux ifixkel l-implimentazzjoni ta' offerta pubblika [ta' xiri jew ta' skambju] jew ta' serje ta' transazzjonijiet f'titoli inklużi dawk li jistgħu jinbidlu f'titoli oħra u li tħallew jiġu negozjati f'suq bħal ma huwa [B]orża u li permezz tagħhom kien akkwistat il-kontroll, fis-sens ta' l-Artikolu 3, minn diversi bejjiegħa. Dan sakemm:

a) il-konċentrazzjoni tkun notifikata mingħajr dewmien lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 4; u

b) minn jakkwista ma jeżerċitax id-drittijiet tal-vot marbuta mat-titoli konċernati jew jagħmel hekk biss sabiex iżomm il-valur totali ta' l-investimenti tiegħu u dan a bażi ta' deroga mogħtija mill-Kummissjoni skond il-paragrafu 3."

66 Għaldaqstant, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprovdi għal żewġ każijiet: każ minnhom huwa marbut ma' offerta pubblika ta' xiri jew ta' skambju (l-ewwel każ) u l-ieħor huwa marbut ma' serje ta' tranżazzjonijiet fuq it-titoli (it-tieni każ).

67 B'risposta għal mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta, ir-rikorrenti tispeċifika li hija kienet tibbaża r-raġunament tagħha fuq l-ewwel każ prevista mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, u ta' dan kollu ġie nnotat fil-proċess verbali tas-seduta.

*1) Fuq il-fatt li l-konċentrazzjoni inkwistjoni ma hijiex koperta mill-kliem tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004*

68 Jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-ewwel każ previst fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, "[i]l-paragrafu 1 ma għandux ifixkel l-implimentazzjoni ta' offerta pubblika [ta' xiri jew ta' skambju]", dment li l-konċentrazzjoni tiġi nnotifikata bla dewmien u li l-akkwirent ma jeżerċitax id-drittijiet tiegħu tal-vot qabel l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni.

69 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma kkonstatatx li r-rikorrenti kienet kisret l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 billi wettqet l-offerta pubblika ta' xiri. Hija kkonstatat li r-rikorrenti kienet kisret l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 bl-akkwist ta' Diċembru 2012. Jeħtieġ li jitfakkar li l-offerta pubblika ta' xiri ġiet ppreżentata biss fil-15 ta' Jannar 2013, jiġifieri wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

70 Għaldaqstant, il-fatt li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-paragrafu 1 ta' dan l-istess artikolu ma għandux jostakola t-twettiq ta' offerta pubblika ta' xiri, bħala prinċipju, huwa irrilevanti fil-kawża odjerna.

71 L-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jippermetti, f'ċerti ċirkustanzi, it-twettiq ta' offerta pubblika qabel ma din tiġi nnotifikata u awtorizzata, anki jekk din tikkostitwixxi konċentrazzjoni ta' dimensjoni Komunitarja. Madankollu, skont il-kliem tagħha, din id-dispożizzjoni ma tippermettix li jitwettaq akkwist privat.

72 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat li, skont il-kliem tiegħu, l-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex applikabbli għall-każ odjern.

73 Minkejja li r-rikorrenti indikat, waqt is-seduta, li hija kienet tibbaża ruħha fuq l-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-konċentrazzjoni inkwistjoni lanqas ma hija koperta mill-kliem tat-tieni każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

74 Skont it-tieni każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, "[i]l-paragrafu 1 ma għandux ifixkel l-implimentazzjoni ta' […] transazzjonijiet f'titoli inklużi dawk li jistgħu jinbidlu f'titoli oħra u li tħallew jiġu negozjati f'suq bħal ma huwa [B]orża u li permezz tagħhom kien akkwistat il-kontroll, fis-sens ta' l-Artikolu 3, minn diversi bejjiegħa", dment li jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet.

75 Hemm lok li jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti akkwista l-kontroll ta' Morpol permezz ta' bejjiegħ wieħed bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda ta' titoli, jiġifieri l-akkwist ta' Diċembru 2012, u dan kif ġie rrilevat mill-Kummissjoni fil-punt 101 tad-deċiżjoni kkontestata.

76 Fil-fatt, peress li M. kien jikkontrolla, dak iż-żmien, lil Friendmall u Bazmonta Holding, M. kien l-unika bejjiegħ tal-azzjonijiet ta' Morpol.

77 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti sostniet, waqt is-seduta, li, fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Frar 2007 (Każ LGI/Telenet – COMP/M.4521) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni LGI/Telenet"), il-Kummissjoni ma għamlitx il-mistoqsija dwar minn kien jikkontrolla b'mod definittiv l-entitajiet li biegħu l-azzjonijiet tal-kumpannija Telenet. Skont ir-rikorrenti, dawn l-entitajiet, jiġifieri entitajiet interkomunali, kienu kkontrollati b'mod definittiv mir-reġjun Fjamming. Ir-rikorrenti enfasizzat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq iċ-ċirkustanza li Friendmall u Bazmonta Holding kienu t-tnejn ikkontrollati minn M., b'tali mod li r-rikorrenti ma kinitx, skont il-Kummissjoni, akkwistat il-kontroll permezz ta' diversi bejjiegħa, iżda li hija ma kinitx għamlet l-istess mistoqsija fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni LGI/Telenet.

78 Fl-ewwel lok, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Qorti Ġenerali ma hijiex marbuta bil-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni. Fit-tieni lok, mit-tabella marbuta mal-parteċipazzjoni fil-laqgħat ġenerali tal-azzjonisti, inkluża fil-punt 59 tad-deċiżjoni kkontestata, jirriżulta li Friendmall kellha waħedha maġġoranza ċara ħafna tal-voċijiet matul dawn il-laqgħat ġenerali kollha. Għaldaqstant, ir-rikorrenti akkwistat il-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol anki permezz tal-akkwist tal-azzjonijiet waħedhom li kienu jappartjenu lil Friendmall. Barra minn hekk, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-punt 63 tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti rrikonoxxiet, b'risposta għat-talba għal informazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Frar 2013, li Morpol reġgħet sabet ruħha taħt il-kontroll esklużiv ta' Friendmall, fid-dawl tal-azzjonijiet irrappreżentati fil-laqgħat ġenerali annwali u straordinarji. Għaldaqstant, f'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġu analizzati fid-dettall, il-fatti li servew bħala bażi għad-deċiżjoni LGI/Telenet (ara l-punt 77 iktar 'il-fuq).

79 Kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-punt 66 tad-deċiżjoni kkontestata, l-akkwist ta' Diċembru 2012 ġie konkluż fit-18 ta' Diċembru 2012.

80 L-offerta pubblika ta' xiri ġiet ippreżentata biss fil-15 ta' Jannar 2013, jiġifieri f'data li fiha r-rikorrenti diġà kellha il-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol.

81 Għalkemm huwa minnu li x-xiri mill-ġdid totali ta' Morpol mir-rikorrenti twettaq f'diversi stadji u permezz ta' diversi bejjiegħa, l-akkwist tal-kontroll twettaq bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda u minn bejjiegħ wieħed. Għaldaqstant, il-kontroll la nkiseb permezz ta' diversi bejjiegħa u lanqas bis-saħħa ta' serje ta' tranżazzjonijiet.

82 Minn dan isegwi li, skont il-kliem tiegħu, it-tieni każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 lanqas ma huwa applikabbli għall-każ odjern.

83 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat li, skont il-kliem tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, l-akkwist ta' Diċembru 2012 ma huwiex kopert minn din id-dispożizzjoni.

84 Ir-raġunament tar-rikorrenti huwa bbażat fuq l-eżistenza ta' konċentrazzjoni waħda, fis-sens li l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri ulterjuri kienet tikkostitwixxi unità. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi eżaminata l-fondatezza ta' dan l-argument.

*2) Fuq l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegata eżistenza ta' konċentrazzjoni unika*

*i) Osservazzjonijiet preliminari*

85 Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tinjora r-rabta legali essenzjali u l-kundizzjonalità bejn l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika, u li din tippreżenta raġunament li jikkontradixxi r-Regolament Nru 139/2004, il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali, l-Avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat tal-Kummissjoni taħt ir-Regolament Nru 139/2004 (ĠU C 95, p. 1), il-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni kif ukoll il-prassi fl-Istati Membri.

86 Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kellha tikkonkludi li l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri ulterjuri kienu jikkostitwixxi stadji ta' konċentrazzjoni unika.

87 F'dan il-każ, jeħtieġ li jitfakkar li r-rikorrenti speċifikat, waqt is-seduta, li hija kienet tibbaża r-raġunament tagħha fuq l-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti essenzjalment issostni li l-akkwist ta' Diċembru 2012, għalkemm qabel it-tnedija tal-offerta pubblika ta' xiri, kien jifforma parti minn din tal-aħħar, b'tali mod li l-Kummissjoni, skont ir-rikorrenti, essenzjalment ikkonstatat ksur li jikkonsisti fit-twettiq ta' offerta pubblika ta' xiri, u dan minkejja li jirriżulta mill-ewwel każ previst mill-Artikolu7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kif ukoll mill-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament, li dan ma kienx jostakola tali implementazzjoni.

88 Hemm lok li jiġi eżaminat jekk l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri jistgħux jew le jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika.

89 Jeħtieġ li jiġi speċifikat, qabel xejn, li l-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" ma hijiex inkluża fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 31) li huwa l-predeċessur tar-Regolament Nru 139/2004.

90 F'diversi deċiżjonijiet, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" u l-Qorti Ġenerali kkonfermat dan il-kunċett, b'mod partikolari fis-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64).

91 Fir-rigward tar-Regolament Nru 139/2004, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" huwa inkluż biss fil-premessa 20, u mhux fl-artikoli ta' dan ir-regolament.

92 It-tielet sentenza tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 hija redatta kif ġej:

"Barra minn hekk, huwa xieraq li jkunu meqjusa bħala konċentrazzjoni waħda dawk it-transazzjonijiet li jkunu marbuta ħafna ma xulxin fis-sens li jkunu relattati b'kundizzjoni jew jieħdu l-forma ta' serje ta' transazzjonijiet f'titoli liema transazzjonijiet isiru f'perjodu ta' żmien raġjonevolment qasir."

93 Fil-prassi tagħha, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-kunċett ta' konċentrazzjoni unika f'żewġ każijiet.

94 F'dan ir-rigward, l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, fil-punt 44 tiegħu, jistabbilixxi:

"Il-prinċipju li bosta tranżazzjonijiet jistgħu jiġu ttrattati bħala konċentrazzjoni unika taħt il-kondizzjonijiet imsemmija jgħodd biss jekk ir-riżultat huwa li l-kontroll ta' waħda mill-impriżi jiġi akkwistat mill-istess persuna/i jew impriża/i. L-ewwel dan jista' jkun il-każ jekk negozju wieħed jew impriża waħda j/tinkiseb permezz ta' bosta tranżazzjonijiet legali. It-tieni, l-akkwist tal-kontroll ta' bosta impriżi wkoll – li jikkostitwixxu konċentrazzjonijiet fihom infushom – jistgħu jiġu marbuta b'tali mod li jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda."

95 Għaldaqstant jeżistu żewġ każijiet, jiġifieri, l-ewwel, l-akkwist ta' attività jew ta' impriża individwali permezz ta' diversi tranżazzjonijiet legali u, it-tieni, it-teħid tal-kontroll ta' diversi impriżi li, bħala tali, jista' jiġi assimilat ma' konċentrazzjonijiet distinti.

96 Barra minn hekk, it-tielet sentenza tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004, issemmi żewġ possibbiltajiet bil-għan li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' konċentrazzjoni unika. It-tranżazzjonijiet għandhom ikunu marbuta mill-qrib sa fejn ikunu jew suġġetti għal rabta kundizzjonali, jew, li jkunu fil-forma ta' serje ta' tranżazzjonijiet ta' titoli mwettqa f'terminu raġonevolment qasir.

97 B'risposta għal mistoqsija magħmula f'dan ir-rigward waqt is-seduta, ir-rikorrenti kkonfermat li hija kienet tibbaża ruħha fuq l-ewwel possibbiltà msemmija fit-tielet sentenza tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004, dwar it-tranżazzjonijiet li huma suġġetti għal rabta kundizzjonali, u ta' dan ittieħdet nota fil-proċess verbali tas-seduta.

98 Jeħtieġ li tiġi eżaminata l-kwistjoni dwar jekk, f'dan il-każ, l-eżistenza ta' konċentrazzjoni unika tistax tiġi stabbilita abbażi tal-ewwel possibbiltà msemmija fit-tielet sentenza tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004.

99 F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni inkwistjoni ma taqax b'mod ċar taħt it-tieni ipoteżi kif iddefinita fil-punt 95 iktar 'il fuq, jiġifieri taħt dik tat-teħid ta' kontroll ta' diversi impriżi.

100 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi eżaminat jekk il-konċentrazzjoni inkwistjoni taqax taħt l-ewwel ipoteżi kif iddefinita fil-punt 95 iktar 'il fuq, jiġifieri dik tal-akkwist ta' impriża individwali permezz ta' diversi tranżazzjonijiet legali.

101 Ir-rikorrenti tqis li diversi tranżazzjonijiet jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika jekk dawn it-tranżazzjonijiet ikunu interdipendenti b'tali mod li waħda ma kinitx titwettaq mingħajr l-oħrajn. Essenzjalment, hija tqis li l-fatt waħdu li diversi tranżazzjonijiet jkunu suġġetti għal rabta kundizzjonali huwa suffiċjenti sabiex jiġi kkunsidrat li dawn jifformaw parti minn konċentrazzjoni unika. B'hekk, hija tirrileva li l-Kummissjoni kellha tqis li l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika kienu "ta' natura unitarja", kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt, liema fatt jobbligaha li teżaminahom u li tevalwahom flimkien, bħala elementi ta' konċentrazzjoni unika.

102 Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 105 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija kienet tqis "bħala irrilevanti l-fatt li [ir-rikorrenti] [kienet] forsi ipperċiviet l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-istadju sussegwenti tat-teħid lura tagħha ta' Morpol bħala li jifformaw parti ekonomikament mill-istess tranżazzjoni". Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 113 tad-deċiżjoni kkontestata, li "r-riferimenti, mir-[rikorrenti], għal sorsi legali li skonthom 'diversi stadji unitarji' għandhom jitqiesu bħala li jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika meta dawn ikunu, fattwalment u legalment, suġġetti għal rabta kundizzjonali, jidhru li ma humiex f'lokhom", liema teżi ġiet spjegata iktar fid-dettall fil-punti 114 sa 117 tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni ma esprimietx ruħha, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq il-kwistjoni dwar jekk kinitx teżisti jew le kundizzjonalità legali jew fattwali bejn l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri ulterjuri.

103 Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi eżaminata il-kwistjoni dwar jekk, fil-kuntest tal-ewwel ipoteżi, jiġifieri dik tal-akkwist ta' impriża individwali permezz ta' diversi tranżazzjonijiet legali, l-eżistenza waħedha ta' kundizzjonalità legali jew fattwali hijiex suffiċjenti sabiex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' konċentrazzjoni unika, u dan anki meta l-kontroll tal-impriża immirata jiġi akkwistat permezz ta' tranżazzjoni privata waħda qabel it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri.

104 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġu eżaminati, fl-ewwel lok, l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, fit-tieni lok, l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni, fit-tielet lok, l-argumenti tar-rikorrenti li pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004, fir-raba' lok, l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-prassi fl-Istati Membri u, fil-ħames lok, l-argumenti tar-rikorrenti li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat ir-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

*ii) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat*

105 Ir-rikorrenti tqis li l-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tikkontradixxi l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat. Ir-rikorrenti tikkonferma li l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat jindika, fil-punt 43, li "żewġ jew diversi tranżazzjonijiet jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika meta jkunu marbutin *legalment*, jiġifieri li l-ftehimiet stess ikunu marbutin b'"*kundizzjonalità reċiproka*', jew marbutin *fattwalment*, […]".

106 Madankollu, dan l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq qari żbaljat tal-punt 43 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat. Dan il-punt huwa redatt kif ġej:

"Il-kondizzjonalità meħtieġa timplika li ebda waħda mit-tranżazzjonijiet ma sseħħ mingħajr l-oħrajn u għalhekk jikkostitwixxu operazzjoni waħda. Din il-kondizzjonalità normalment tintwera jekk it-tranżazzjonijiet huma marbutin *de jure*, i.e. l-ftehimiet stess huma marbutin b'kondizzjonalità reċiproka. Jekk tista' tintwera l-kondizzjonalità *de facto* b'mod sodisfaċenti, tista' tkun biżżejjed biex it-tranżazzjonijiet jiġu ttrattati bħala konċentrazzjoni waħda. Dan jinħtieġ evalwazzjoni ekonomika ta' jekk kull waħda mit-tranżazzjonijiet tiddependix neċessarjament fuq il-konklużjonijiet ta' l-oħrajn. Indikazzjonijiet ulterjuri ta' l-interdipendenza ta' bosta tranżazzjonijiet jistgħu jkunu d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet jew il-konklużjoni simultanja tal-ftehimiet rilevanti. Konklużjoni ta' l-interkondizzjonalità *de facto* ta' bosta tranżazzjonijiet hija diffiċli li tintlaħaq fin-nuqqas li jkunu simultanji. Nuqqas pronunzjat ta' simultanjetà ta' tranżazzjonijiet legalment interkondizzjonali jista' bl-istess mod iġib dubji dwar l-interdipendenza vera tagħhom."

107 Fir-rigward tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika", dan il-punt jinkludi biss il-konstatazzjoni li kundizzjonalità fattwali "tista'" wkoll tkun suffiċjenti sabiex tippermetti li t-tranżazzjonijiet jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika. Minn din il-formulazzjoni ma jirriżultax li kundizzjonalità hija dejjem suffiċjenti sabiex tranżazzjonijiet multipli jkunu jistgħu jiġu assimilati ma' konċentrazzjoni unika.

108 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-ewwel sentenza tal-punt 45 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat huwa redatt kif ġej:

"Konċentrazzjoni waħda għalhekk tista' teżisti jekk l-istess xerrejj(a) *jakkwista/jakkwistaw l-kontroll* ta' negozju wieħed, jiġifieri entità ekonomika waħda, *permezz ta' bosta tranżazzjonijiet legali*, jekk dawk huma inter-kondizzjonali." (korsiv miżjud).

109 Dan il-punt jikkonċerna, kif jindika t-titolu tiegħu, l-"[a]kkwist ta' impriża unika" (jiġifieri l-ewwel ipoteżi kif iddefinita fil-punt 95 iktar 'il fuq). Skont il-punt 45 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, sabiex tkun tista' teżisti konċentrazzjoni unika fl-ewwel ipoteżi, huwa neċessarju li t-teħid ta' kontroll iseħħ permezz ta' diversi tranżazzjonijiet legali. Madankollu, f'dan il-każ, it-teħid tal-kontroll avvera ruħu unikament permezz tal-akkwist ta' Diċembru 2012, li ġie konkluż qabel it-tnedija tal-offerta pubblika ta' xiri għall-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol.

110 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq il-punt 40 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, li jiddikjara, fl-ewwel sentenza tiegħu, li, "fil-kuntest tar-Regolament [Nru 139/2004], it-tranżazzjonijiet li huma validi jew jaqgħu flimkien skond l-għanijiet ekonomiċi mfittxija mill-partijiet għandhom ukoll jiġu analizzati fi proċedura waħda". Madankollu hemm lok li jiġi rrilevat li t-tieni sentenza tal-punt 40 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat jispeċifika li, "[f'] dawn iċ-ċirkostanzi, it-tibdil ta' l-istruttura tas-suq huwa kkawżat minn dawn it-tranżazzjonijiet flimkien". Għaldaqstant, il-punt 40 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat jikkonċerna s-sitwazzjonijiet li fihom it-tibdil tal-istruttura tas-suq tkun tirriżulta minn għadd ta' tranżazzjonijiet, u mhux dawk is-sitwazzjonijiet li fihom it-tibdil tal-istruttura tas-suq, jiġifieri t-teħid tal-kontroll ta' impriża mmirata individwali, jitwettaq bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda.

111 Skont l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, meta l-kontroll ta’ impriża unika jinkiseb bis-saħħa ta’ diversi tranżazzjonijiet, huwa possibbli, taħt ċerti kundizzjonijiet, li dawn it-tranżazzjonijiet jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika. Għaldaqstant, it-teħid ta’ kontroll bis-saħħa ta’ diversi tranżazzjonijiet, skont l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, jikkostitwixxi kundizzjoni sabiex ikun jista’ jiġi applikat il-kunċett ta’ konċentrazzjoni unika fl-ewwel ipoteżi kif iddefinit fil-punt 95 iktar ’il fuq, jiġifieri dak tal-akkwist ta’ attività jew ta’ impriża individwali permezz ta’ diversi tranżazzjonijiet legali.

112 Essenzjalment, ir-rikorrenti ssostni li, peress li l-akkwist ta’ Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta’ xiri ulterjuri huma marbuta b’kundizzjonalità, dawn jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika, u minn dan hija tikkonkludi li hija akkwista il-kontroll ta’ Morpol bis-saħħa ta’ diversi tranżazzjonijiet.

113 Madankollu, it-teħid ta’ kontroll ta’ impriża individwali bis-saħħa ta’ diversi tranżazzjonijiet jikkostitwixxi, skont l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, kundizzjoni sabiex diversi tranżazzjonijiet ikunu jistgħu jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika, u mhux konsegwenza tal-fatt li dawn it-tranżazzjonijiet jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika.

114 F’dan il-każ, din il-kundizzjoni ma hijiex issodisfatta, peress li l-kontroll ta’ Morpol ma ġiex akkwistat bis-saħħa ta’ diversi tranżazzjonijiet.

115 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti bbażat ruħha wkoll fuq il-punt 38 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat. Hija enfasizzat li minn dan il-punt jirriżulta li l-mistoqsija deċiżiva sabiex tiġi evalwata l-kwistjoni dwar jekk diversi tranżazzjonijiet jikkostitwixxux konċentrazzjoni unika kienet dik dwar jekk ir-“riżultat finali” kienx iwassal għal konċentrazzjoni unika. Skont ir-rikorrenti, ir-“riżultat finali” għandu jitqies bħala l-akkwist ta’ 100 % tal-azzjonijiet ta’ Morpol li kien ġie previst mir-rikorrenti sa mill-bidu.

116 F’dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-punt 38 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat jikkostitwixxi essenzjalment sinteżi tal-punti 104 sa 109 tas-sentenza tat-23 ta’ Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), li hemm riferenza għaliha fin-nota ta’ qiegħ il-paġna Nru 43 ta’ dak l-avviż. Kif jirriżulta mill-punt 128 iktar ’il quddiem, mill-punt 104 ta’ din is-sentenza jirriżulta li l-kwistjoni rilevanti ma hijiex dik tal-mument li fih twettaq l-akkwist tal-azzjonijiet kollha ta’ impriża mmirata, iżda dik tal-mument li fih twettaq l-akkwist tal-kontroll. Il-punt 38 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat ma jinkludi l-ebda element li jippermetti li jiġi kkunsidrat li, meta impriża jkollha mil-bidu l-intenzjoni li takkwista l-azzjonijiet kollha ta’ impriża mmirata, ir-“riżultat finali” għandu jiġi ddefinit fid-dawl tal-akkwist tal-azzjonijiet kollha u mhux fid-dawl tal-akkwist tal-kontroll.

117 Għall-kuntrarju, l-ewwel sentenza tal-punt 38 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, bl-istess mod bħall-punt 104 tas-sentenza tat-23 ta’ Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), b’mod ċar tagħmel riferiment għad-definizzjoni ta’ konċentrazzjoni li tinsab fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 139/2004, u r-riżultat ta’ dan huwa “l-akkwist tal-kontroll” ta’ impriża waħda jew ta’ diversi impriżi. Barra minn hekk, skont it-tielet sentenza tal-punt 38 tal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat, “[g]ħalhekk għandu jiġi determinat jekk ir-riżultat iwassalx biex jingħata lil impriża waħda jew aktar il-kontroll dirett jew indirett fuq l-attivitajiet ta’ impriża waħda jew aktar”. Din is-sentenza tikkonferma li r-“riżultat” għandu jiġi ddefinit fid-dawl tat-teħid tal-kontroll tal-impriża mmirata.

118 F’dan il-każ, dan ir-riżultat, jiġifieri l-akkwist tal-kontroll, inkiseb wara l-akkwist uniku ta’ Diċembru 2012.

119 Għaldaqstant u għall-kuntrarju ta’ dak li kkonfermat ir-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata hija konformi mal-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat.

*iii) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni*

120 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkonferma li r-raġunament tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata jikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni.

121 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat dan li ġej.

122 Ir-rikorrenti tibbaża ruħha, fl-ewwel lok, fuq is-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64).

123 Fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza sentenza, kienet qamet il-kwistjoni dwar jekk diversi gruppi ta' tranżazzjonijiet jikkostitwixxux diversi konċentrazzjonijiet distinti jew konċentrazzjoni waħda (sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punti 8, 45 u 91). Għaldaqstant, din il-kawża taqa' taħt it-tieni ipoteżi kif iddefinita fil-punt 95 iktar 'il fuq, jiġifieri taħt dik tat-teħid ta' kontroll ta' diversi impriżi li, bħala tali, jistgħu jiġu assimilati ma' konċentrazzjonijiet distinti. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-kawża odjerna ma taqax taħt din it-tieni ipoteżi (ara l-punt 99 iktar 'il fuq).

124 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li kienet il-Kummissjoni li kellha tevalwa jekk diversi tranżazzjonijiet "[kinux] ta' natura unitarja b'tali mod li jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda fis-sens ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 4064/89" (sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punt 105). Barra minn hekk, hija rrilevat li, "sabiex tiġi stabbilita n-natura unitarja tat-tranżazzjonijiet in kwistjoni, f'kull każ in kwistjoni [kellu] jiġi evalwat jekk dawn l-operazzjonijiet [kinux] interdipendenti b'mod li waħda ma [setgħetx] titwettaq mingħajr l-oħra" (sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, T-282/02, EU:T:2006:64, punt 107).

125 Ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq il-punt 107 tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), u tikkonferma li minnu jirriżulta li diversi tranżazzjonijiet legalment distinti jkunu ta' natura unitarja u b'hekk, jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika skont ir-Regolament Nru 139/2004 jekk "jekk dawn [it-tranżazzjonijiet ikunu] interdipendenti b'mod li waħda ma tistax titwettaq mingħajr l-oħra".

126 Madankollu, mis-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64) ma jistax jiġi dedott li, kull darba li diversi tranżazzjonijiet ikunu interdipendenti, allura neċessarjament dawn ikunu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika.

127 Hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-punt 104 tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), il-Qorti Ġenerali kkonstatat dan li ġej:

"Din id-definizzjoni ġenerali u teleoloġika ta' operazzjoni ta' konċentrazzjoni - peress li r-riżultat huwa l-kontroll ta' impriża waħda jew iżjed - timplika li huwa irrilevanti jekk *it-teħid*, dirett jew indirett, *ta' dan il-kontroll* kienx sar fi stadju wieħed, tnejn jew iktar permezz ta' operazzjoni waħda, tnejn jew iżjed sakemm ir-riżultat milħuq jikkostitwixxi operazzjoni waħda ta' konċentrazzjoni" (korsiv miżjud).

128 L-argument tar-rikorrenti, imqajjem waqt is-seduta, li mill-punt 104 tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64) jirriżulta li l-kwistjoni rilevanti hija dik dwar jekk il-kontroll jiġix akkwistat fi tmiem tas-serje ta' tranżazzjonijiet, irrispettivament mill-mument li fih jiġi akkwistat il-kontroll, għandu jiġi miċħud. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi enfasizzat li l-punt 104 ta' din is-sentenza ma jsemmix l-akkwist tal-impriża mmirata li jista' jitwettaq f'salt wieħed jew f'diversi stadji, iżda l-akkwist tal-kontroll li jista' jitwettaq f'salt wieħed jew f'diversi stadji. Għaldaqstant, il-kwistjoni rilevanti ma hijiex dik tal-mument li fih jitwettaq l-akkwist tal-azzjonijiet kollha ta' impriża mmirata, iżda dik tal-mument li fih jitwettaq l-akkwist.

Jeħtieġ li jiġi rrilevat li meta, bħal f'dan il-każ, l-akkwist tal-kontroll esklużiv effettiv tal-unika impriża mmirata jkun twettaq permezz ta' operazzjoni inizjali waħda, it-tranżazzjonijiet ulterjuri li bihom l-akkwirent jikseb partijiet addizzjonali minn din l-impriża ma jibqgħux rilevanti sabiex jinkiseb il-kontroll u b'hekk sabiex titwettaq il-konċentrazzjoni.

129 Fil-punt 108 tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-proċess li jikkonsisti fl-evalwazzjoni dwar jekk ir-tranżazzjonijiet kinux interdipendenti huwa intiż b'mod partikolari "sabiex tiggarantixxi lill-impriżi li jinnotifikaw operazzjoni ta' konċentrazzjoni l-benefiċċju taċ-ċertezza legali għat-tranżazzjonijiet kollha li jagħmlu l-konċentrazzjoni".

130 F'dan il-każ, ma jeżistux għadd ta' tranżazzjonijiet "li jagħmlu [l-]operazzjoni [ta' konċentrazzjoni]", peress li l-konċentrazzjoni twettqet bl-akkwist uniku ta' Diċembru 2012.

131 Fl-aħħar, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 109 tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), li konċentrazzjoni setgħet "titwettaq ukoll fil-preżenza ta' pluralità ta' tranżazzjonijiet ġuridiċi formalment distinti meta dawk it-tranżazzjonijiet [kienu] interdipendenti b'tali mod li ma jitwettqux mingħajr l-oħrajn *u li r-riżultat tagħhom [kien] jikkonsisti fl-għoti lil impriża waħda jew iżjed tal-kontroll* ekonomiku, dirett jew indirett, fuq l-attività ta' impriża waħda jew iżjed differenti" (korsiv miżjud)

132 Dan il-punt tas-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), jikkonferma li r-riżultat ta' "pluralità ta' tranżazzjonijiet ġuridiċi formalment distinti" għandu jikkonsisti fl-għoti tal-kontroll ekonomiku fuq l-attività ta' impriża waħda jew iktar. F'dan il-każ, l-akkwist tal-kontroll huwa r-riżultat ta' tranżazzjoni waħda, jiġifieri tal-akkwist ta' Diċembru 2012, u mhux ta' diversi tranżazzjonijiet.

133 Minn dan li ntqal jirriżulta li mis-sentenza tat-23 ta' Frar 2006, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni (T-282/02, EU:T:2006:64), ma jistax jiġi dedott li, f'sitwazzjoni li fiha l-akkwist tal-kontroll ta' impriża waħda mmirata jkun twettaq permezz ta' tranżazzjoni waħda, huwa neċessarju li din it-tranżazzjoni titqies bħala li tifforma parti minn konċentrazzjoni unika, meta x-xiri mill-ġdid ta' azzjonijiet li jkun wassal għat-teħid tal-kontroll u offerta pubblika ta' xiri obbligatorju ulterjuri jkunu interdipendenti.

134 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281), u fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza. Hija tirrileva li, f'din il-kawża, Ryanair Holdings plc (iktar 'il quddiem "Ryanair") kienet akkwistat madwar 19 % tal-azzjonijiet ta' Aer Lingus Group plc u ta' Aer Lingus Ltd (iktar 'il quddiem, flimkien, "Aer Lingus") u kienet, sussegwentement, nediet offerta pubblika, u li l-Kummissjoni, segwita f'dan mill-Qorti Ġenerali, qieset iż-żewġ tranżazzjonijiet bħala li jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika. Skont ir-rikorrenti, minn dan jirriżulta li akkwist ta' azzjonijiet qabel offerta pubblika u l-offerta pubblika stess għandhom jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika.

135 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li mill-punt 16 tas-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281), jirriżulta li l-Kummissjoni kienet qieset, fid-deċiżjoni tagħha li tiddikjara l-konċentrazzjoni prevista bħala inkompatibbli mas-suq intern, dan li ġej:

"Peress li Ryanair akkwistat l-ewwel 19 % tal-kapital azzjonarju ta' Aer Lingus f'perijodu ta' inqas minn għaxart ijiem qabel it-tnedija tal-[offerta pubblika ta' xiri], u s-6 % supplementari ftit taż-żmien wara, u fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ta' Ryanair fir-rigward tal-għan ekonomiku li hija kienet qed issegwi meta wettqet dawn it-tranżazzjonijiet, it-tranżazzjoni kollha li tinkludi l-akkwist ta' azzjonijiet qabel u wara l-perijodu tal-[offerta pubblika ta' xiri] kif ukoll l-[offerta pubblika ta' xiri] nnifisha jitqiesu li jikkostitwixxu konċentrazzjoni waħda, fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament fuq il-konċentrazzjonijiet."

136 F'din il-kawża, Ryanair ma kinitx kisbet il-kontroll ta' Aer Lingus bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda qabel it-tnedija tal-offerta pubblika ta' xiri. Kif irrilevat il-Kummissjoni, kienu l-akkwist tal-ewwel 19 % tal-kapital azzjonist ta' Aer Lingus, magħqud flimkien mal-akkwist tal-azzjonijiet li Ryanair kienet tispera li tikseb bis-saħħa tal-offerta pubblika ta' xiri, li tat lil Ryanair il-kontroll ta' Aer Lingus. Finalment, Ryanair qatt ma akkwistat il-kontroll ta' Aer Lingus, peress li l-offerta pubblika skadiet wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament Nru 139/2004.

137 Għaldaqstant ma jistax jiġi konkluż minn din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li din tal-aħħar qieset li l-akkwist ta' parti mill-kapital ta' impriża bis-saħħa ta' tranżazzjoni privata u offerta pubblika ta' xiri għall-partijiet rimanenti kellhom dejjem jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika, anki meta l-akkwist tal-parti mill-kapital bis-saħħa ta' tranżazzjoni privata jkun ikkonferixxa lix-xerrej il-kontroll esklużiv tal-impriża mmirata qabel it-tnedija tal-offerta pubblika ta' xiri.

138 Fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281), il-Qorti Ġenerali lanqas ma esprimiet ruħha fuq il-kwistjoni dwar jekk l-akkwist tal-kontroll esklużiv permezz ta' tranżazzjoni privata waħda u offerta pubblika obbligatorja ulterjuri għandux jitqies bħala konċentrazzjoni unika.

139 Ir-rikorrenti tqis li, għalkemm il-Kummissjoni kienet applikat ir-raġunament segwit fil-punt 101 tad-deċiżjoni kkontestata fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281), hija ma ħadet l-ebda kont tal-akkwisti tal-azzjonijiet ta' Ryanair li twettqu bis-saħħa ta' ftehim privat qabel it-tnedija tal-offerta pubblika, partikolarment peress li tali akkwisti privati ma wasslux għall-akkwist tal-kontroll tal-impriża mmirata.

140 Dan l-argument ma huwiex konvinċenti. Fil-fatt, kien ġustament il-fatt li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281), l-akkwist privat ma wassalx għall-akkwist tal-kontroll tal-impriża mmirata li kellu l-konsegwenza li l-kontroll, li kieku nkiseb, kien ikun permezz ta' diversi tranżazzjonijiet.

141 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq id-deċiżjoni LGI/Telenet.

142 Madankollu, din il-kawża ma kinitx tikkonċerna l-każ ta' operazzjoni inizjali waħda li biha x-xerrej ikun diġà akkwista l-kontroll ta' impriża mmirata, segwita mit-tieni operazzjoni li biha dan l-istess xerrej ikun akkwista partijiet addizzjonali minn din l-istess impriża mmirata.

143 Fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni LGI/Telenet, l-ewwel operazzjoni kienet it-"tranżazzjoni Telenet", li biha Telenet akkwistat lil UPC Belgium. Din l-ewwel operazzjoni ma kinitx tirrikjedi notifika, peress li ma kinitx tilħaq il-livelli minimi (ara l-punt 6 tad-deċiżjoni LGI/Telenet). It-tieni operazzjoni kienet it-"tranżazzjoni LGE", li biha LGE akkwistat il-kontroll esklużiv ta' Telenet, inkluż ta' UPC Belgium (ara l-punt 7 tad-deċiżjoni LGI/Telenet). Il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn it-tranżazzjonijiet, li kienu marbuta minn kundizzjonalità fattwali, kienu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika.

144 Għaldaqstant, il-fatti li taw lok għall-kawża li wasslet għad-deċiżjoni LGI/Telenet kienu kompletament differenti minn dawk li taw lok għas-sentenza odjerna. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma tistax tipprevalixxi ruħha b'suċċess mil-fatt li, fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni LGI/Telenet, il-Kummissjoni kkonkludiet favur l-eżistenza ta' konċentrazzjoni unika, u lanqas li tislet minnha konklużjonijiet għall-kawża odjerna.

145 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tinvoka d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2011 (Każ COMP/M.6263, Aelia/Aéroports de Paris/JV). Ir-rikorrenti tenfasizza li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni qieset bħala konċentrazzjoni unika ż-żewġ l-ewwel stadji tat-tranżazzjoni.

146 F’dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li din il-kawża ma kinitx tikkonċerna sitwazzjoni li fiha l-ewwel waħda mit-tranżazzjonijiet kienet suffiċjenti sabiex twassal għal tibdil fil-kontroll ta’ impriża mmirata u li t-tranżazzjonijiet ulterjuri kienu jikkonsistu sempliċiment fl-akkwist ta’ partijiet addizzjonali minn din l-istess impriża mmirata. Il-fatt li l-Kummissjoni qieset, f’din il-kawża, li l-ewwel żewġ tranżazzjonijiet kienu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika ma jfissirx għaldaqstant li hija qieset li t-teħid tal-kontroll esklużiv ta’ impriża mmirata permezz ta’ tranżazzjoni waħda ta’ akkwist ta’ azzjonijiet mingħand bejjiegħ wieħed, minn naħa, u t-tranżazzjonijiet ulterjuri ta’ xiri ta’ partijiet addizzjonali tal-impriża mmirata, min-naħa l-oħra, setgħu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika.

147 Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li r-rikorrenti ma tidentifika l-ebda eżempju fil-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni jew fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea li fiha ġie kkonstatat li tranżazzjoni ta’ akkwist privat minn bejjiegħ wieħed li tikkonferixxi lilu biss il-kontroll esklużiv ta’ impriża mmirata, minn naħa, u offerta pubblika ta’ xiri ulterjuri għall-azzjonijiet rimanenti ta’ din l-impriża mmirata, min-naħa l-oħra, jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika. B’mod iktar ġenerali, hija ma tipprovdi l-ebda eżempju li fih diversi tranżazzjonijiet ta’ xiri marbuta ma’ partijiet minn impriża mmirata waħda ġew meqjusa bħala li jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika meta l-kontroll esklużiv tal-impriża mmirata kien ġie akkwistat bis-saħħa tal-ewwel operazzjoni ta’ xiri.

*iv) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004*

148 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkonferma li r-raġunament segwit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tikkontradixxi l-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004. Hija tenfasizza li din il-premessa tindika li “[j]eħtieġ, barra minn hekk, li jitqiesu bħala konċentrazzjoni unika tranżazzjonijiet li huma *marbuta flimkien mill-qrib* sa fejn dawn *huma suġġetti għal rabta kundizzjonali* jew huma fil-forma ta’ serje ta’ tranżazzjonijiet f’titoli mwettqa f’terminu raġonevolment qasir”. Skont ir-rikorrenti, din il-premessa tikkonferma l-intenzjoni tal-leġiżlatur li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-rabta sostanzjali bejn id-diversi stadji li jikkostitwixxu tranżazzjoni, iktar mill-istruttura formali ta’ din tal-aħħar.

149 Jeħtieġ li jitfakkar li r-rikorrenti bbażat ruħha fuq l-ewwel possibbiltà msemmija fit-tielet sentenza tal-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004, dwar tranżazzjonijiet li huma suġġetti għal rabta kundizzjonali (ara l-punt 97 iktar ’il fuq).

150 Hemm lok li jiġi kkonstatat li l-unika sentenza, qasira ħafna, ċċitata fil-punt 148 iktar ’il fuq, ma hijiex definizzjoni eżawrjenti tal-kundizzjonijiet li fihom żewġ tranżazzjonijiet jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika. F’dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li premessa ta’ regolament, għalkemm tista’ tippermetti li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil regola legali, ma tistax tikkostitwixxi hija stess tali regola (ara s-sentenza tal-11 ta’ Ġunju 2009, X, C-429/07, EU:C:2009:359, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-preambolu ta’ att tal-Unjoni ma għandux valur legali vinkolanti (ara s-sentenza tad-19 ta’ Ġunju 2014, Karen Millen Fashions, C-345/13, EU:C:2014:2013, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

151 Barra minn hekk, jekk is-sentenza ċċitata fil-punt 148 iktar ’il fuq titqies bħala definizzjoni eżawrjenti tal-kundizzjonijiet li fihom żewġ tranżazzjonijiet jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika, dan iwassal sabiex it-tranżazzjonijiet kollha li jkunu suġġetti għal rabta kundizzjonali jew li jkunu fil-forma ta’ serje ta’ tranżazzjonijiet f’titoli f’terminu raġonevolment qasir ikollhom jiġu ttrattati bħala konċentrazzjoni unika, u dan anki meta dawn ir-tranżazzjonijiet, meħudin flimkien, ma jkunux suffiċjenti sabiex jittrasferixxu l-kontroll tal-impriża mmirata, riżultat li ma jkun jagħmel l-ebda sens.

152 Mill-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 jirriżulta li l-leġiżlatur kellu l-intenzjoni li jikkonferma l-kunċett ta’ konċentrazzjoni unika. Madankollu minn din il-premessa ma jirriżultax li l-leġiżlatur xtaq jestendi dan il-kunċett.

153 Għaldaqstant l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 għandhom jiġu miċħuda.

*v) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-prassi fl-Istati Membri*

154 Ir-rikorrenti tqis li r-raġunament segwit mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata jikkontradixxi "il-prassi fl-Istati Membri". F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tiddikjara li "[i]d-drittijiet nazzjonali jirriflettu wkoll il-prinċipju li akkwist privat ta' sehem ta' kontroll, segwit minn offerta pubblika għall-azzjonijiet rimanenti, għandu jitqies bħala konċentrazzjoni unika".

155 Madankollu, l-unika dritt nazzjonali li b'mod konkret tagħmel riferiment għalih ir-rikorrenti huwa d-dritt Franċiż. Hija tirrileva li, skont ittra tal-ministru tal-ekonomija, tal-finanzi u tal-industrija Franċiż tat-18 ta' Novembru 2002 lill-kunsill tal-kumpannija Atria Capital Partenaires, dwar konċentrazzjoni fis-settur tal-parrukkerija domiċiljari (Kawża C2002-39), "l-akkwist permezz ta' ftehim reċiproku ta' parteċipazzjoni msejjaħ 'ta' kontroll' segwit bl-obbligu li ssir [offerta pubblika ta' xiri] fuq il-kapital rimanenti" jikkostitwixxu żewġ stadji tal-istess konċentrazzjoni.

156 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li l-awtoritajiet Franċiżi jikkummentaw fuq il-portata tal-Artikolu 6 tad-Digriet Nru 2002-689, tat-30 ta' April 2002, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-ktieb IV tal-kodiċi tal-kummerċ marbut mal-libertà tal-prezz u mal-kompetizzjoni (JORF tat-3 ta' Mejju 2002, p. 8055) (iktar 'il quddiem id-"digriet"), li għandu portata materjalment iktar wiesgħa mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. B'hekk, il-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi kienu qiesu li l-Artikolu 6 tad-digriet kien japplika għall-akkwist ta' azzjonijiet f'suq irregolat minn ftehim privat li jiskatta offerta pubblika ma jinċidix fuq l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

157 Ir-rikorrenti tirrifjuta li, fl-ittra tal-ministru tal-ekonomija, tal-finanzi u tal-industrija Franċiż tat-18 ta' Novembru 2002, dan tal-aħħar qabel xejn stabbilixxa li l-akkwist inizjali u l-offerta pubblika obbligatorja li segwietu kienu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika, u li kien biss fit-tieni lok li sar eżami tal-Artikolu 6 tad-digriet.

158 Barra minn hekk, hija ssostni li, skont il-ġurisprudenza, u b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Romeo (C-313/12, EU:C:2013:718, punt 22), "il-kunċetti meħuda mid-dritt tal-Unjoni jingħataw interpretazzjoni uniformi, meta leġiżlazzjoni nazzjonali tikkonforma ruħha, fir-rigward tas-soluzzjonijiet li hija tadotta fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-att tal-Unjoni kkonċernat, ma' dawk stabbiliti mill-imsemmi att" u li l-ġustifikazzjoni sottostanti hija li "sabiex jiżguraw li s-sitwazzjonijiet interni u s-sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni jingħataw trattament identiku, *indipendentement mill-kundizzjonijiet li fihom għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet jew il-kunċetti msemmija fid-dritt tal-Unjoni*".

159 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-punt 22 tas-sentenza tas-7 ta' Novembru 2013, Romeo (C-313/12, EU:C:2013:718), għandu jinqara' fid-dawl tal-punt 23 ta' din l-istess sentenza, li jiddikjara li "[d]an huwa l-każ meta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni jkunu saru applikabbli għal tali sitwazzjonijiet permezz tad-dritt nazzjonali b'mod dirett u mhux kundizzjonali".

160 Ir-rikorrenti ma tippreżenta l-ebda element li jippermetti li jitqies li dan huwa l-każ fil-kawża odjerna. Hija tirreferi biss, fil-punt 19 tar-replika, għal ċerti sforzi mil-leġiżlatur Franċiż u mill-awtoritajiet Franċiżi tal-kompetizzjoni bil-għan li jiġu allinjati ċerti kunċetti marbuta mal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet użati fil-kodiċi tal-kummerċ Franċiż ma' dawk użati fir-Regolament Nru 139/2004 u fl-avviżi differenti ppubblikati mill-Kummissjoni. Tali sforzi ta' allinjament ma jimplikawx li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni saru applikabbli b'mod dirett u mhux kundizzjonali.

161 Fi kwalunkwe każ, id-dritt nazzjonali jew il-prassi deċiżjonali ta' Stat Membru ma jistgħux jorbtu lill-Kummissjoni jew lill-qrati tal-Unjoni. Skont il-ġurisprudenza, l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni ma huwiex intiż bħala prinċipju li jiddefinixxi l-kunċetti tiegħu billi jispira ruħu minn ordinament ġuridiku nazzjonali wieħed jew iktar dment li dan ma jkunx speċifikat b'mod espress (ara s-sentenza tat-22 ta' Mejju 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-103/01, EU:C:2003:301, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

162 Barra minn hekk, f'dan il-każ, jeħtieġ li jiġi rrilevat, li l-kuntest legali eżistenti fi Franza huwa differenti minn dak tad-dritt tal-Unjoni.

163 Fil-fatt, l-Artikolu 6 tad-digriet huwa redatt kif ġej:

"Meta titwettaq konċentrazzjoni bix-xiri jew bl-iskambju ta' titoli f'suq irregolat, it-twettiq effettiv tagħha, fis-sens tal-Artikolu L. 430-4 tal-kodiċi tal-kummerċ, iseħħ meta jiġu eżerċitati d-drittijiet marbuta mat-titoli. L-assenza ta' deċiżjoni tal-ministru ma tostakolax it-trasferiment ta' tali titoli."

164 B'hekk, id-dritt Franċiż huwa sinjifikattivament differenti dwar dan il-punt mid-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, skont id-dritt tal-Unjoni, it-trasferiment tat-titoli huwa suffiċjenti sabiex titwettaq konċentrazzjoni (ara l-punt 58 iktar 'il fuq), filwaqt li, skont id-dritt Franċiż, it-twettiq isir biss fil-mument li jiġu eżerċitati d-drittijiet marbuta ma' dawn it-titoli.

165 Għaldaqstant, il-pożizzjoni adottata fl-ittra tal-ministru tal-ekonomija, tal-finanzi u tal-industrija Franċiż tat-18 ta' Novembru 2002 ma twassalx sabiex, permezz tal-applikazzjoni tal-kunċett ta' konċentrazzjoni unika, ikun permess li operatur jakkwista l-kontroll ta' impriża mmirata mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel. Fil-fatt, minn din l-ittra, jirriżulta b'mod ċar li "is-sospensjoni tat-twettiq effettiv tal-operazzjoni fis-sens tal-Artikolu 6 [...] tapplika kemm għall-eżerċizzju tad-drittijiet marbuta mat-titoli akkwistati mhux minn fuq is-suq kif ukoll għall-dak tad-drittijiet marbuta mat-titoli suġġetti għall-offerta pubblika".

166 Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq il-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" speċifikament sabiex issostni li hija kellha dritt li twettaq l-akkwist ta' Diċembru 2012 mingħajr notifika jew awtorizzazzjoni minn qabel.

167 Għaldaqstant ir-rikorrenti ma tistax tinvoka b'suċċess il-prassi segwita fi Franza.

*vi) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat ir-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004*

168 Ir-rikorrenti tikkonferma li kien b'mod żbaljat li l-Kummissjoni qieset, fil-punt 103 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma kienx maħsub li japplika għal sitwazzjonijiet li fihom kien sempliċi li jinkiseb il-kontroll effettiv.

169 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-punt 103 tad-deċiżjoni kkontestata huwa redatt kif ġej:

"Għall-kuntrarju, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament [Nru 139/2004] ma huwiex maħsub li japplika għal sitwazzjonijiet li fihom l-akkwist ta' volum kbir ta' azzjonijiet jitwettaq minn bejjiegħ wieħed u fejn huwa faċli li jiġi stabbilit, abbażi tal-voti espressi waqt laqgħat ġenerali ordinarji u straordinarji preċedenti, li dan il-volum ta' azzjonijiet jikkonferixxi kontroll esklużiv effettiv fuq il-kumpannija mmirata."

170 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma kkonfermatx li l-fatt waħdieni li huwa faċli li jiġi stabbilit l-akkwist tal-kontroll jeskludi, b'mod ġenerali, l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-punt 103 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll fuq il-fatt li l-akkwist ta' volum kbir ta' azzjonijiet li jikkonferixxi kontroll esklużiv effettiv fuq il-kumpannija mmirata kien ipprovjena minn bejjiegħ wieħed.

171 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, fil-punt 102 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kien maħsub "li jkopri sitwazzjonijiet li fihom huwa diffiċli li jiġi ddeterminat liema azzjonijiet jew liema volumi ta' azzjonijiet speċifiċi akkwistati permezz ta' diversi azzjonisti preċedenti ipoġġu lill-akkwirent f'sitwazzjoni ta' kontroll fattwali tal-kumpannija mmirata" u li dan kien intiż "li jipprovdi livell suffiċjenti ta' ċertezza legali f'każ li l-offerti pubbliċi ta' xiri jew ta' skambju jew ta' teħid gradwali, billi tiġi ppreżervata b'dan il-mod, il-likwidità tal-[B]oroż fis-swieq tal-azzjonijiet, billi jiġu protetti l-offerenti minn ksur involontarju u imprevist tal-obbligu ta' *status quo*".

172 Madankollu, hemm lok li jitqies li, permezz ta' dan, il-Kummissjoni ma kkonfermatx li kien hemm lok li tiġi limitata l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għal sitwazzjonijiet li fihom jeżistu diffikultajiet konkreti sabiex jiġi stabbilit liema azzjonijiet akkwistati permezz ta' diversi azzjonisti preċedenti jpoġġu lill-akkwirent f'sitwazzjoni ta' kontroll fattwali tal-kumpannija mmirata. Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq iċ-ċirkustanza ewlenija li kien faċli li jiġi stabbilit li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kien jikkonferixxi lir-rikorrenti l-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol bil-għan li teskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

173 Ir-rikorrenti tipprovdi diversi eżempji sabiex turi li, anki f'sitwazzjonijiet li fihom l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa applikabbli, jista' jkun faċli li jiġi stabbilit l-akkwist tal-kontroll. Madankollu, peress li l-Kummissjoni ma kkonfermatx, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-fatt waħdieni li jkun faċli li jiġi stabbilit l-akkwist tal-kontroll jeskludi l-applikazzjoni applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, l-argumenti mqajma mir-rikorrenti f'dan ir-rigward ma jistgħux juru l-eżistenza ta' żball imwettaq mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

174 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li r-raġuni vera għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 tikkorrispondi għal dak li ġie mtenni espressament mill-Kummissjoni fil-punt 66 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta tagħha għal-Regolament tal-Kunsill dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet bejn impriżi [COM(2002) 711 finali] (ĠU C 20, p. 4) (iktar 'il quddiem il-"proposta għal regolament"). Fih hemm indikat:

"Skont dak li ġie propost fil-ktieb l-aħdar, huwa propost li jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga awtomatika prevista fl-Artikolu 7(2) (ex Artikolu 7(3), minbarra għall-offerti pubbliċi ta' akkwist, għat-tranżazzjonijiet kollha ta' xiri mis-suq tal-ishma minn diversi bejjiegħa, jiġifieri għall-'amalgamazzjonijiet gradwali', b'tali mod li tiġi eliminata kull inċertezza legali li tirriżulta mill-Artikolu 7(1) fir-rigward ta' tali akkwisti".

175 Minn din il-proposta jirriżulta li l-Kummissjoni tissuġġerixxi li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għat-"teħid gradwali". Madankollu, f'dan il-każ, it-teħid ta' Morpol mir-rikorrenti ma kienx "gradwali". Fil-fatt, l-akkwist tal-kontroll ta' Morpol ma sarx f'diversi stadji. Għall-kuntrarju, it-teħid tal-kontroll twettaq bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda ta' xiri privata mingħand bejjiegħ wieħed, li ġiet konkluża qabel it-tnedija tal-offerta pubblika ta' xiri għall-azzjonijiet rimanenti ta' Morpol.

176 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li r-rikorrenti speċifikat li hija kienet tibbaża r-raġunament tagħha fuq l-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, jiġifieri dak marbut ma' offerta pubblika ta' xiri jew ta' skambju (ara l-punti 66 u 67 iktar 'il fuq). Għall-kuntrarju, mill-punt 66 tal-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal regolament jirriżulta li l-Kummissjoni kienet tipproponi li żżid it-tieni alternattiva li hija issa prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, marbuta

ma' serji ta' tranżazzjonijiet fit-titoli, bil-għan li tiġi eliminata kull inċertezza legali. Fid-dawl tal-fatt li l-konċentrazzjoni inkwistjoni taqa', skont ir-rikorrenti, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel każ previst mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, ma huwiex ċar liema argument ir-rikorrenti tixtieq tislet mill-fatt li l-Kummissjoni pproponiet li żżid it-tieni alternattiva bil-għan li telimina kull inċertezza legali.

177 Ir-rikorrenti tibbaża ruħha wkoll fuq il-punt 134 tal-ktieb l-aħdar dwar ir-reviżjoni tar-Regolament Nru 4064/89 (COM/2001/0745 finali) (iktar 'il quddiem il-"Ktieb l-aħdar"), li huwa redatt kif ġej:

"It-teħid 'gradwali' permezz tas-suq tal-ishma joffru eżempju ieħor ta' konċentrazzjoni li jinvolvu tranżazzjonijiet multipli. Dawn it-tranżazzjonijiet jistgħu jiġu implementati b'diversi modi, ftit jew wisq kumplessi, li jvarjaw minn tranżazzjonijiet relattivament sempliċi ta' xiri ta' azzjonijiet minn ċertu numru ta' azzjonisti preċedenti, għal strutturi ta' tranżazzjoni li jinvolvu numru varju ta' intermedjarji finanzjarji li jużaw gamma ta' strumenti finanzjarji [...] Fix-xenarji ta' din it-tip, ikun ftit li xejn prattiku u artifiċjali li jitqies li l-konċentrazzjoni sseħħ max-xiri tal-azzjoni jew tal-grupp ta' azzjonijiet li jikkonferixxu lill-akkwirent il-kontroll (fattwali) tal-impriża mmirata. Għall-kuntrarju, huwa evidenti għall-partijiet kollha inkwistjoni li ċertu numru ta' akkwist[i] ta' drittijiet, legalment distinti, jifformaw unità u li l-intenzjoni hija li jittieħed il-kontroll tal-kumpannija mmirata [...]"

178 F'dan ir-rigward, qabel xejn, hemm lok li jiġi osservat li dokument tat-tip tal-ktieb l-aħdar huwa biss dokument li l-għan tiegħu huwa li jistimula riflessjoni fil-livell Ewropew fuq suġġett partikolari.

179 Barra minn hekk jeħtieġ li jiġi rrilevat li mill-ewwel sentenza tal-punt 134 tal-ktieb l-aħdar jirriżulta li dan il-punt jikkonċerna l-istanzi ta' teħid "gradwali", li jikkostitwixxu "eżempju ta' konċentrazzjoni li tinvolvi tranżazzjonijiet multipli". Madankollu, hemm lok li jitfakkar li, f'dan il-każ, il-konċentrazzjoni ma kinitx "gradwali" u li l-kontroll ta' Morpol ġie akkwistat bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda u mhux permezz ta' tranżazzjonijiet multipli.

180 Barra minn hekk, il-punt 134 tal-ktieb l-aħdar isemmi "l-intenzjoni li jittieħed il-kontroll tal-kumpannija mmirata" inkonnessjoni ma' "ċertu numru ta' akkwist[i] ta' drittijiet, legalment distinti". F'dan il-każ, l-unika akkwist ta' Diċembru 2012 twettaq bl-intenzjoni li jittieħed il-kontroll ta' Morpol. Ċertament, ir-rikorrenti ipproċedew bix-xiri totali ta' Morpol u, sabiex jaslu għal dan, kienu neċessarji diversi tranżazzjonijiet ta' xiri, jiġifieri b'mod partikolari, l-akkwist ta' Diċembru 2012 u x-xiri mingħand diversi azzjonisti ta' Morpol fil-kuntest tal-offerta pubblika ta' xiri. Madankollu, peress li r-rikorrenti kellha l-kontroll esklużiv ta' Morpol mit-twettiq tal-akkwist ta' Diċembru 2012, it-tranżazzjonijiet ta' xiri ulterjuri ma twettqux bl-intenzjoni li jittieħed il-kontroll tal-kumpannija mmirata.

181 Barra minn hekk, jeħtieġ ukoll li jiġi kkonstatat ġustament li l-ktieb l-aħdar jirrileva li "[f]ix-xenarji ta' dan it-tip, ikun ftit li xejn prattiku u artifiċjali li jitqies li l-konċentrazzjoni sseħħ max-xiri tal-azzjoni jew tal-grupp ta' azzjonijiet li jikkonferixxu lill-akkwirent il-kontroll (fattwali) tal-impriża mmirata". Madankollu, din id-dikjarazzjoni tikkonċerna biss ix-xenarju ta' teħid "gradwali". Effettivament, meta jkunu neċessarji diversi akkwisti ta' azzjonijiet jew ta' gruppi ta' azzjonijiet sabiex jinkiseb il-kontroll tal-impriża mmirata, ikun artifiċjali li jitqies, b'mod iżolat, ix-xiri tal-azzjoni jew tal-grupp ta' azzjonijiet "deċiżiv" bħala konċentrazzjoni.

182 Madankollu, f'sitwazzjoni bħal dik f'dan il-każ, li fih il-kontroll esklużiv tal-unika impriża mmirata inkiseb mingħand bejjiegħ wieħed permezz ta' operazzjoni inizjali waħda, ma huwa bl-ebda mod artifiċjali li din it-tranżazzjoni titqies bħala li tikkostitwixxi, waħedha, konċentrazzjoni.

183 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tenfasizza li l-għan tal-estensjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kien li tiġi eliminata kull inċertezza legali (ara l-punt 174 iktar 'il fuq). Fl-opinjoni tagħha, mill-punt 134 tal-ktieb l-aħdar jirriżulta li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għandu japplika anki għal struttura ta' tranżazzjonijiet sempliċi sabiex tiffaċilita l-offerti pubbliċi u t-teħid gradwali.

184 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, ċertament, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jista' japplika anki fil-każ ta' struttura ta' tranżazzjonijiet sempliċi. Madankollu, F'dan il-każ, ma hijiex is-sempliċità tat-tranżazzjoni bħala tali li teskludi l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, iżda l-fatt li l-kontroll diġà ġie akkwistat mingħand bejjiegħ wieħed permezz tal-ewwel operazzjoni.

185 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, fuq offerti ta' xiri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 20), l-Istati Membri huma obbligati li jiżguraw li persuna li tkun kisbet il-kontroll ta' kumpannija, bis-saħħa ta' akkwist ta' titoli, tkun obbligata li tagħmel offerta bil-għan li jiġu protetti l-azzjonisti minoritarji ta' din il-kumpannija. Din l-offerta għandha tkun indirizzata lid-detenturi kollha ta' dawn it-titoli u tkun tirrigwarda l-azzjonijiet kollha tagħhom. Minn dan isegwi li l-obbligu ta' impriża, li tkun kisbet titoli li jagħtuha l-kontroll ta' impriża mmirata bis-saħħa ta' akkwist privat, li tippreżenta offerta pubblika li tirrigwarda l-azzjonijiet rimanenti tal-impriża mmirata, tikkonċerna l-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

186 Jekk jiġi segwit ir-raġunament tar-rikorrenti, li akkwist tal-kontroll permezz ta' tranżazzjoni waħda privata, segwit minn offerta pubblika obbligatorja, jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika, dan ikollu l-konsegwenza li, f'każ ta' konċentrazzjonijiet li jinvolvu kumpanniji elenkati f'borża li tinsab fl-Istati Membri, l-akkwist privat ta' titoli li jikkonferixxu l-kontroll ikun dejjem kopert mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-fatt, jeżisti dejjem l-obbligu li tiġi ppreżentata offerta pubblika ta' xiri li, skont ir-raġunament tar-rikorrenti, tifforma parti minn konċentrazzjoni unika li tiġbor fiha x-xiri li jikkonferixxi l-kontroll kif ukoll l-offerta pubblika. Dan ikollu l-konsegwenza li jestendi wisq il-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

187 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li r-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 hija li jiġu ffaċilitati l-offerti pubbliċi u t-teħid gradwali, fl-ewwel lok, jeħtieġ li jitfakkar li l-Kummissjoni ma mponietx fuqha multa minħabba t-twettiq tal-offerta pubblika ta' xiri, iżda minħabba t-twettiq tal-akkwist ta' Diċembru 2012. Fit-tieni lok, jeħtieġ li jitfakkar li, kif ġie kkonstatat fil-punt 175 iktar 'il fuq, f'dan il-każ, it-teħid ma kienx "gradwali".

188 Ma jidhirx li l-pożizzjoni adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tmur kontra prinċipju ta' ċertezza legali. Hemm lok li jitfakkar li s-sitwazzjoni ineżami ma hijiex koperta mill-kliem tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara l-punti 68 sa 83 iktar 'il fuq). Il-fatt li l-Kummissjoni ma estendietx il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" bil-għan li tkopri sitwazzjonijiet li fihom il-kontroll ta' impriża mmirata waħda jiġi akkwistat bis-saħħa ta' operazzjoni inizjali waħda ma jmurx kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali.

189 Anki jekk isir riferiment għall-ktieb l-aħdar sabiex tiġi ddeterminata r-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, kif propost mir-rikorrenti, ma jidhirx li tmur kontra r-raġuni għall-eżistenza ta' din id-dispożizzjoni l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, sitwazzjoni li fiha impriża takkwista l-kontroll esklużiv tal-impriża mmirata waħda bis-saħħa ta' operazzjoni inizjali ta' xiri ta' azzjonijiet mingħand bejjiegħ wieħed, anki jekk dan jiġi segwit minn offerta pubblika obbligatorja.

190 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkonferma li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni, fil-punti 102 u 103 tad-deċiżjoni kkontestata, tar-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 hija kompatibbli mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281, punt 83). Ir-rikorrenti tirrileva li, f'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali "ikkonfermat l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkonsisti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament [Nru 139/2004] għall-akkwist ta' sehem minoritarju ta' 19 % f'Aer Lingus li seħħ qabel it-tnedija ta' offerta pubblika, liema akkwist hija qisitu bħala li huwa ta' natura unitarja u li jikkostitwixxi konċentrazzjoni unika, minkejja li kien bla dubju sempliċi li jiġi konkluż li tali sehem minoritarju ma kienx jikkonferixxi l-kontroll".

191 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fis-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281, punt 83), il-Qorti Ġenerali rrilevat li "l-akkwist ta' holding li fih innifsu ma jagħtix il-kontroll fis-sens tal-Artikolu 3 tar-Regolament [Nru 139/2004] jista' jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament". Minn din is-sentenza jirriżulta li huwa possibbli li l-akkwist ta' sehem minoritarju, li ma jikkonferixxix il-kontroll tal-impriża mmirata, segwit minn offerta pubblika ta' xiri, jista' jkun jifforma parti minn konċentrazzjoni unika li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ma esprimietx ruħha fuq sitwazzjoni li fiha l-ewwel operazzjoni kienet diġà tikkonferixxi l-kontroll tal-impriża mmirata (ara l-punt 138 iktar 'il fuq).

192 Hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-każ ta' akkwist ta' sehem minoritarju, li ma jikkonferixxix il-kontroll tal-impriża mmirata u li huwa segwit minn offerta pubblika ta' xiri, iż-żewġ tranżazzjonijiet jistgħu jiġu implementati bl-intenzjoni li jinkiseb il-kontroll tal-impriża mmirata. Madankollu, f'dan il-każ, peress li l-operazzjoni inizjali kienet diġà kkonferixxiet lir-rikorrenti, il-kontroll esklużiv effettiv ta' Morpol, huwa eskluż li l-offerta pubblika ta' xiri ġiet mnedija bl-intenzjoni li jinkiseb il-kontroll ta' Morpol (ara l-punt 180 iktar 'il fuq).

193 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2010, Aer Lingus Group vs Il-Kummissjoni (T-411/07, EU:T:2010:281).

194 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkonferma li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għandu jiġi interpretat favur tagħha minħabba n-natura penali tal-multa, fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"). Fl-opinjoni tagħha, id-deċiżjoni kkontestata kienet tikser il-prinċipju li ma tistax tiġi applikata b'mod estensiv għad-detriment tal-persuna mixlija. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, kif mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata, timplika l-użu ta' kunċetti tant wiesgħa u ta' kriterji tant vagi li d-dispożizzjoni penali inkwistjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-KEDB inkonnessjoni maċ-ċarezza u l-prevedibbiltà l-effetti tagħha.

195 Il-Kummissjoni tenfasizza li, skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament Nru 139/2004, il-multi imposti skont dan l-artikolu ma humiex ta' natura penali.

196 Jeħtieġ li jiġi rrilevat, anki jekk jiġi preżunt li s-sanzjonijiet previsti fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienu ta' natura penali, xorta hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti.

197 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li d-dispożizzjoni inkwistjoni ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-KEDB inkonnessjoni maċ-ċarezza u l-prevedibbiltà l-effetti tagħha, dan jikkonċerna essenzjalment l-allegat ksur tal-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni, invokat mir-rikorrenti fil-kuntest tal-ewwel parti tar-raba' motiv, li ser tiġi eżaminata fil-punti 376 sa 394 iktar 'il quddiem.

198 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju li ma għandhiex tiġi applikata l-liġi penali b'mod estensiv b'detriment għall-persuna mixlija, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.

199 Kif irrilevat ġustament il-Kummissjoni, ir-rikorrenti ma ġietx immultata minħabba li kisret l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Hija ġiet immultata, skont l-Artikolu 14(2)(a) u (b), tar-Regolament Nru 139/2004, peress li kisret l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

200 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jistabbilixxi eċċezzjoni għall-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

201 Il-Kummissjoni tenfasizza ġustament li skont ġurisprudenza stabbilita l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-492/08, EU:C:2010:348, punt 35, u tat-23 ta' Ottubru 2014, flyLAL-Lithuanian Airlines, C-302/13, EU:C:2014:2319, punt 27). Fir-rigward b'mod iktar partikolari tad-dritt tal-kompetizzjoni, u b'mod partikolari l-interpretazzjoni mogħtija lid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta' eżenzjonijiet skont il-kategorija, il-Qorti Ġenerali kkonfermat, fil-punt 48 tas-sentenza tat-8 ta' Ottubru 1996, Compagnie maritime belge transports *et* vs Il-Kummissjoni (T-24/93 sa T-26/93 u T-28/93, EU:T:1996:139), li, fid-dawl tal-prinċipju ġenerali ta' projbizzjoni tal-akkordji ta' kontra l-kompetizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' natura derogatorja inseriti fir-regolament ta' eżenzjoni għandhom, min-natura tagħhom, jingħataw interpretazzjoni restrittiva. Għaldaqstant il-fatt waħdu li l-Kummissjoni tista' timponi sanzjonijiet kiefra għall-ksur ta' dispożizzjoni li taqa' taħt id-dritt tal-kompetizzjoni jikkontesta l-fatt li d-dispożizzjonijiet ta' natura derogatorja għandhom jingħataw interpretazzjoni restrittiva. Barra minn hekk, fis-sentenza tat-22 ta' Marzu 1984, Paterson *et* (90/83, EU:C:1984:123), li kienet tikkonċerna domandi preliminari magħmula fil-kuntest tal-investigazzjonijiet penali (ara l-punt 2 ta' din is-sentenza), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punt 16, li artikolu, sa fejn jipprovdi għal derogi mill-applikazzjoni ta' regoli ġenerali ta' regolament, ma jistax jiġi interpretat b'mod li l-effetti tiegħu jiġu estiżi lil hinn minn kemm huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi li huwa intiż li jiggarantixxi. Din is-sentenza tikkonferma li l-prinċipju li l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod ristrett japplika wkoll għall-qasam penali.

202 Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, skont il-kliem tiegħu, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża odjerna (ara l-punti 68 sa 83 iktar 'il fuq).

203 Ir-rikorrenti essenzjalment tipprova testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" bil-għan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

204 Anki jekk jiġi preżunt li l-multi imposti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 139/2004 kienu ta' natura penali, ma jistax jitqies f'dan il-każ li l-Kummissjoni applikat il-liġi penali b'mod estensiv għad-detriment tal-persuna mixlija. Fil-fatt, il-Kummissjoni sempliċiment irrifjutat li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 lil hinn mill-kliem tiegħu u li tapplika l-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" għal sitwazzjoni li fiha l-kontroll esklużiv tal-unika impriża mmirata ġie akkwistat bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda privata ta' xiri mingħand bejjiegħ wieħed, qabel it-tnedija ta' offerta pubblika ta' xiri obbligatorja.

205 L-argument tar-rikorrenti għandu, għaldaqstant, jiġi miċħud.

206 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkonferma li d-deċiżjoni kkontestata hija inkompatibbli mal-għan tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 "li huwa li jiġu ffaċilitati l-akkwisti u li tiġi żgurata l-likwidità fis-swieq tal-azzjonijiet". Id-deċiżjoni kkontestata ma għandha effett negattiv biss fuq il-kumpanniji li għandhom mudell ta' tmexxija ta' impriża ġeneralment użat mill-kumpanniji stabbiliti

fl-Ewropa kontinentali u fl-Iskandinavja, fatt li joħloq diskriminazzjoni bejn il-kumpanniji stabbiliti f'dawn ir-reġjuni meta mqabbla mal-kumpanniji stabbiliti fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, billi jirrendi iktar diffiċli; l-akkwist u, konsegwentement, billi jostakola l-investiment f'kumpanniji stabbiliti fl-Ewropa kontinentali u fl-Iskandinavja, u billi għandu effett negattiv fuq is-swieq tal-kapitali u l-kumpanniji li huma stabbiliti f'dawn ir-reġjuni. Ir-raġuni hija li l-kumpanniji stabbiliti fl-Ewropa kontinentali u fl-Iskandinavja huma ġeneralment kkaratterizzati minn azzjonisti importanti u kkonċentrati, b'differenza mill-kumpanniji stabbiliti fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, li għandhom it-tendenza li jkollhom struttura ta' azzjonisti mifruxa. Ir-rifjut, fid-deċiżjoni kkontestata, li tiġi applikata l-eżenzjoni ta' offerta pubblika abbażi tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għall-akkwist inizjali ta' sehem ta' kontroll kif ukoll għall-offerta pubblika obbligatorja li tirriżulta minnu huma rilevanti biss għall-kumpanniji li għandhom azzjonisti "kkonċentrati".

207 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li, billi tinvoka diskriminazzjoni bejn il-kumpanniji stabbiliti fl-Ewropa kontinentali u fl-Iskandinavja u l-kumpanniji stabbiliti fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, ir-rikorrenti bbażaw ruħhom, essenzjalment, fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni jirrikjedi li, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, sitwazzjonijiet komparabbli ma għandhomx ikunu ttrattati b'mod differenti (ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, T-58/05, EU:T:2007:218, punt 75, u l-ġurisprudenza ċċitata).

208 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi rrilevat li ż-żewġ sitwazzjonijiet, jiġifieri, minn naħa, dik tat-teħid tal-kontroll tal-unika impriża mmirata bis-saħħa ta' tranżazzjoni waħda ta' akkwist ta' azzjonijiet mingħand bejjiegħ wieħed, segwit minn offerta pubblika ta' xiri obbligatorja u, min-naħa l-oħra, dik ta' teħid ta' kontroll bis-saħħa ta' offerta pubblika ta' xiri jew permezz ta' diversi bejjiegħa bis-saħħa ta' serje ta' tranżazzjonijiet, ma humiex paragunabbli, b'tali mod li xejn ma jipprekludi trattament differenti. Fil-fatt, f'sitwazzjoni fejn il-kontroll esklużiv ta' impriża mmirata waħda jiġi akkwistat bis-saħħa ta' operazzjoni inizjali waħda, bl-ebda mod ma huwa artifiċjali li din it-tranżazzjoni titqies bħala li tikkostitwixxi, waħedha, konċentrazzjoni (ara l-punt 182 iktar 'il fuq). Il-fatt waħdu li huwa possibbli li, fl-Ewropa kontinentali u fl-Iskandinavja, l-ewwel sitwazzjoni hija iktar komuni milli fir-Renju Unit jew fl-Istati Uniti ma jimplikax li dawn is-sitwazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati b'mod identiku.

209 Barra minn hekk, il-fatt waħdu li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa maħsub li jiffaċilita l-akkwisti u li jiżgura l-likwidità tas-swieq tal-azzjonijiet, kif issostni r-rikorrenti, ma jimplikax li huwa neċessarju li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jiġi estiż lil hinn mill-kliem bil-għan li jiġu ffaċilitati iktar l-akkwisti.

210 Fid-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fir-risposta, il-Kummissjoni tindika diversi rimedji li r-rikorrenti setgħet issegwi sabiex timplementa l-konċentrazzjoni inkwistjoni mingħajr ma tikser l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. B'hekk, hija tirrileva, fil-punt 106 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti setgħet tniedi l-offerta pubblika ta' xiri mingħajr ma tkun għadha akkwistat minn qabel l-azzjonijiet ta' M. (l-ewwel possibbiltà) u li r-rikorrenti setgħet tiffirma ftehim ma' M. dwar ix-xiri tal-azzjonijiet qabel ma tniedi l-offerta pubblika ta' xiri, filwaqt li tipposponi madankollu l-konklużjoni sal-kisba tal-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni (it-tieni possibbiltà).

211 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li dawn il-possibbiltajiet jistgħu jippreġudikaw l-azzjonisti minoritarji tal-kumpannija mmirata, jiffaċilitaw l-abbużi mis-suq u jimminaw l-għanijiet tad-Direttiva 2004/25. Fir-rigward tal-ewwel possibbiltà, hija tenfasizza li l-linja politika tal-Kummissjoni hija intiża li tipprekludi lill-akkwirent milli jissostitwixxi struttura ta' offerta obbligatorja b'offerta volontarja peress li din tkun tippermetti lill-offerenti li jevitaw li jkollhom iniedu offerta obbligatorja bi prezz ġust. Barra minn hekk, fil-każ ta' Morpol, it-tnedija ta' offerta volontarja ma kinitx implementabbli fil-prattika peress li l-akkwist ta' Morpol kien kummerċjalment marbut mal-akkwist ta' kumpanniji awżiljarji kkontrollati minn M., u li dawn l-entitajiet legali ma setgħux jiġu

ttrasferiti fil-kuntest ta' offerta volontarja. Fir-rigward tat-tieni possibbiltà, ir-rikorrenti ssostni li din tal-aħħar kienet toħloq prezz minimu rregolat li jista' jiġi mmanipulat u miżjud artifiċjalment, li jmur kontra l-għan tad-Direttiva 2004/25 li kienet intiża li tipprekludi r-riskju ta' abbuż mis-suq.

212 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li kienet ir-rikorrenti li kellha tistruttura l-konċentrazzjoni b'mod li hija tqis li jikkorrispondi l-iktar mal-ħtiġijiet tagħha, filwaqt li tosserva l-obbligi tagħha previsti fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Kif tirrileva l-Kummissjoni, hija li tirrakkomanda, u lanqas b'xi mod tippreskrivi, mod partikolari kif ir-rikorrenti għandha tistruttura t-tranżazzjoni tagħha.

213 Barra minn hekk, fir-rigward tat-tieni possibbiltà kif iddefinita fil-punt 210 iktar 'il fuq, jeħtieġ li jiġi rrilevat dan li ġej fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-eżistenza ta' riskju ta' manipulazzjoni tal-prezz tal-azzjonijiet.

214 L-approċċ segwit fid-deċiżjoni kkontestata ma jqajjem l-ebda problema fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-azzjonisti minoritarji. Fil-fatt, kif tenfasizza r-rikorrenti, skont ir-regoli Norveġjani dwar l-akkwisti, l-offerent għandu jħallas għall-azzjonijiet rimanenti prezz li huwa dak li huwa l-ogħla miż-żewġ prezzijiet li ġejjin: il-prezz li l-offerent ħallas jew li ftiehem fuqu matul perijodu ta' sitt xhur qabel il-mument li fih ġiet skattata l-offerta obbligatorja (jiġifieri, l-prezz miftiehem fis-SPA) jew il-prezz tas-suq fil-mument li fih jiġi skattat l-obbligu ta' offerta obbligatorja. Għaldaqstant huwa ċert li l-azzjonisti minoritarji jistgħu jiksbu prezz ġust għall-azzjonijiet tagħhom.

215 Madankollu, ir-rikorrenti ssostni li, kieku ma kienx applikabbli l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, l-offerent kien ikollu jipposponi l-offerta pubblika sa meta jirċievi l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-Kummissjoni, għal mument li fih il-prezz minimu rregolat jaf ikun żdied b'konsegwenza tal-fatt li l-prezz elenkat fuq is-suq kien jeċċedi l-prezz miftiehem fis-SPA. Għaldaqstant, il-prezz minimu rregolat jiġi ssuġġettat għal manipulazzjonijiet u għal żieda, li jkunu potenzjalment jobbligaw lill-offerent jakkwista l-azzjonijiet rimanenti bi prezz li jeċċedi l-prezz miftiehem fis-SPA, jiġifieri l-prezz ġust.

216 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi hemm lok li jiġi kkonstatat li, bħala prinċipju, jista' jkun li jeżisti riskju ta' manipulazzjoni tal-prezz tal-azzjonijiet sabiex dan jiżdied. Madankollu, kieku r-rikorrenti qieset li, f'dan il-każ, kien jeżisti dan ir-riskju, hija setgħet titlob lill-Kummissjoni li tikkonċedilha deroga skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004. Skont din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni tista', fuq talba, tikkonċedi deroga mill-obbligi previsti fl-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 139/2004.

217 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza li hija diġà kkonċediet fil-passat derogi skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004 speċifikament f'sitwazzjonijiet li fihom dewmien fit-tnedija ta' offerta pubblika seta' jwassal għal manipulazzjonijiet tas-suq. Bħala eżempju, hija tippreżenta d-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' Jannar 2005 (Każ Orkla/Elkem – COMP/M.3709) (iktar 'il quddiem if-"deċiżjoni Orkla/Elkem"), adottata abbażi tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-kawża li tat lok għal din id-deċiżjoni, Orkla, li kellha diġà 39.85 % tal-azzjonijiet ta' Elkem, ikkonkludiet ftehimiet individwali ma' tliet azzjonisti ta' Elkem. Skont dawn il-ftehimiet, Orkla kellha takkwista l-kontroll esklużiv ta' Elkem. L-implementazzjoni tat-tranżazzjoni ġiegħlet lil Orkla tniedi offerta pubblika obbligatorja għall-azzjonijiet rimanenti ta' Elkem skont id-dritt Norveġiż.

218 Qabel ma eżegwiet kull wieħed minn dawn il-ftehimiet, Orkla talbet lill-Kummissjoni għal deroga skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004. Hija enfasizzat li, minħabba l-volum baxx ta' azzjonijiet ta' Elkem li kien liberament aċċessibbli, ma kienx diffiċli li jiġi mmanipulat il-prezz ta' dawn l-azzjonijiet sabiex dan jogħla. Sitt ijiem wara li rċeviet it-talba ta' Orkla, il-Kummissjoni kkonċediet deroga filwaqt li rrilevat li "is-sospensjoni tat-tranżazzjoni [se]tgħet ikollha l-effett fuq Orkla li, jekk hija tosserva l-leġiżlazzjoni Norveġiża dwar l-azzjonijiet applikabbli, Orkla kienet tesponi ruħha għal riskju kunsiderevoli li jkollha tagħmel offerta għall-azzjonijiet rimanenti ta' Elkem bi prezz nettament

ogħla wara li t-tranżazzjoni tkun ġiet ddikjarata kompatibbli mas-suq [intern]". Il-Kummissjoni wettqet ibbilanċjar tal-interessi u rrilevat li l-obbligu ta' sospensjoni seta' jaffettwa b'mod serju l-interessi finanzjarji ta' Orkla, li t-tranżazzjoni ma kinitx tidher li tqajjem problemi għall-kompetizzjoni u li deroga ma kinitx taffettwa d-drittijiet leġittimi ta' parti terza.

219 Għaldaqstant, il-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Orkla/Elkem turi li l-possibbiltà li tintalab deroga skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004 tikkostitwixxi mezz effikaċi sabiex jiġu ndirizzati sitwazzjonijiet li fihom jeżisti riskju ta' manipulazzjoni tal-prezz tal-azzjonijiet.

220 Essenzjalment, ir-rikorrenti ssostni li l-eżistenza (teoretika) ta' riskji ta' manipulazzjoni għaż-żieda tal-prezz tal-azzjonijiet tobbliga lill-Kummissjoni tinterpreta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 b'mod estensiv. Madankollu, tali argument għandu jiġi miċħud, peress li l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004, jippermetti soluzzjoni sodisfaċenti għal sitwazzjoni li fiha jkun jeżisti tali riskju.

221 L-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprevedi l-possibbiltà li l-Kummissjoni tidderoga mill-obbligu ta' sospensjoni f'każ partikolari, wara li tkun ibbilanċjat l-interessi inkwistjoni. Tali deroga f'każ partikolari hija strument iktar adegwat sabiex jiġu indirizzati riskji possibbli ta' manipulazzjoni mill-applikazzjoni estensiva tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, li tkun timplika applikazzjoni awtomatika tal-eċċezzjoni mingħajr il-possibbiltà li jsir ibbilanċjar tal-interessi.

222 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti sostniet li, fid-deċiżjoni Orkla/Elkem, il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-eżistenza ta' bżonn ta' ċelerità u tan-neċessità li jiġu evitati manipulazzjonijiet fis-suq f'ċirkustanzi li jixbhu lil dawk tal-każ ineżami.

223 Madankollu, iċ-ċirkustanza li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-bżonn ta' ċelerità u tan-neċessità li jiġu evitati manipulazzjonijiet fis-suq bil-għan li tikkonċedi deroga skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004 ma timplikax li hemm lok ta' interpretazzjoni estensiva tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

224 Fl-aħħar, ir-rikorrenti sostniet, waqt is-seduta, li skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 4064/89, li kien jippreċedi l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, kien neċessarju li tiġi nnotifikata l-offerta pubblika ta' xiri jew ta' skambju fit-terminu previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 4064/89, jiġifieri fit-terminu ta' ġimgħa, u li, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, huwa biss neċessarju li l-konċentrazzjoni tiġi nnotifikata "mingħajr dewmien" lill-Kummissjoni. Skont ir-rikorrenti, dan it-tibdil jixhed l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jagħti prijorità lill-proċess ta' akkwisti pubbliċi meta mqabbla mal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

225 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ma għadux jipprevedi, għan-notifika ta' konċentrazzjonijiet, it-terminu ta' ġimgħa dekorribbli mill-konklużjoni tal-ftehim jew mill-pubblikazzjoni tal-offerta ta' xiri li kien previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 4064/89.

226 Ir-raġunijiet għat-tħassir ta' dan it-terminu jirriżultaw mill-punti 61 sa 64 tal-motivazzjoni tal-proposta għal regolament. Fihom il-Kummissjoni rrilevat b'mod partikolari li "[i]l-prattika tal-aħħar tnax-il sena juru li applikazzjoni stretta ta' terminu ta' ġimgħa sabiex jiġu ppreżentati n-notifiki […] la kienet realistika u lanqas neċessarja" u li, "[f]id-dawl tal-effett ta' sospensjoni tal-Artikolu 7(1), [kien] fl-interess kummerċjali tal-impriżi stess li jiksbu l-awtorizzazzjoni regolatorja tal-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr sabiex ikunu jistgħu jimplementaw il-konċentrazzjoni tagħhom".

227 Għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, għaldaqstant, ir-raġunijiet għat-tħassir ta' dan it-terminu ma kinux marbuta mal-intenzjoni tal-leġiżlatur li jagħti prijorità lill-proċess ta' akkwisti pubbliċi meta mqabbla mal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet.

228 Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti maħsuba sabiex jiġi stabbilit li l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 tmur kontra r-raġuni għall-eżistenza ta' din id-dispożizzjoni għandhom jiġu miċħuda.

229 Fid-dawl ta' dak li ntqal, jeħtieġ li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri kienu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika. Fil-fatt, il-kunċett ta' konċentrazzjoni unika ma huwiex intiż li japplika f'każ li fih il-kontroll esklużiv effettiv ta' kumpannija mmirata waħda jinkiseb mingħand bejjiegħ wieħed permezz ta' tranżazzjoni inizjali privata waħda, anki meta din tal-aħħar tiġi segwita minn offerta pubblika obbligatorja.

230 Għaldaqstant ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti tal-partijiet marbuta mal-eżistenza jew le ta' kundizzjonalità legali jew fattwali bejn l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika ta' xiri.

### *2. Fuq ir-raba' parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-fatt li r-rikorrenti kkonformat ruħha mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004*

231 Fil-kuntest tar-raba' parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li hija osservat il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004, billi nnotifikat il-konċentrazzjoni mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u billi ma eżerċitatx id-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol qabel l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni mill-Kummissjoni.

232 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex applikabbli f'dan il-każ, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel tliet partijiet tal-ewwel motiv. Għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti osservatx il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004, hija rrilevanti.

233 Minn dak kollu li ntqal, jirriżulta li hemm lok li jiġi miċħud l-ewwel motiv fl-intier tiegħu.

### B. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi li r-rikorrenti kienet negliġenti

234 Ir-rikorrenti ssostni li kien b'mod żbaljat li l-Kummissjoni qieset, fid-deċiżjoni kkontestata, li hija kienet negliġenti. Fl-opinjoni tagħha, l-ebda kumpannija normalment avżata u suffiċjentement attenta ma setgħet raġonevolment tipprevedi li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kellu jiġi nnotifikat u li s-sehem korrispondenti ma setgħax jiġi ttrasferit lir-rikorrenti qabel l-awtorizzazzjoni. L-interpretazzjoni mogħtija mir-rikorrenti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienet raġonevoli, fatt li ġie kkonfermat mill-opinjoni legali mill-konsulent legali estern tar-rikorrenti.

235 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

236 Jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Kummissjoni jista' jimponi multi biss għal ksur li jkun twettaq "b'intenzjoni jew b'negliġenza".

237 Fir-rigward, tal-kwistjoni dwar jekk ksur ġiex imwettaq b'mod intenzjonat jew b'negliġenza, mill-ġurisprudenza jirriżulta li din il-kundizzjoni tiġi ssodisfatta ġaladarba l-impriża inkwistjoni ma tkunx tista' ma tkunx konxja min-natura antikompetittiva tal-aġir tagħha, irrispettivament minn jekk kinitx konxja li qiegħda tikser ir-regoli tal-kompetizzjoni [ara, fir-rigward tal-ksur li jista' jiġi ssanzjonat b'multa skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et*, C-681/11, EU:C:2013:404, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata].

238 Il-fatt li l-impriża kkonċernata kienet ikklassifikat b'mod ġuridikament żbaljat l-aġir tagħha li fuqu hija bbażata l-konstatazzjoni tal-ksur ma jistax ikollu bħala effett li jeżentaha mill-impożizzjoni ta' multa sa fejn din ma setgħetx ma tkunx konxja min-natura antikompetittiva tal-imsemmi aġir (ara b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et*, C-681/11, EU:C:2013:404, punt 38). Impriża ma tistax taħrab mill-impożizzjoni ta' multa meta l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jkun joriġina minn żball ta' din l-impriża dwar il-legalità tal-aġir tagħha minħabba abbażi ta' parir legali ta' avukat (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2013, Schenker & Co. *et*, C-681/11, EU:C:2013:404, punt 43).

239 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li hemm lok li jiġi eżaminat jekk kienx b'mod ġust li l-Kummissjoni kkonkludiet, fid-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti aġixxiet b'negliġenza billi implementat l-akkwist ta' Diċembru 2012 bi ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

240 Qabel xejn, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' pariri legali sabiex tikkonstata, fil-punt 142 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti wettqet il-ksur b'negliġenza u mhux b'mod intenzjonat.

241 Fil-punti 144 sa 148 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-elementi li ġejjin sabiex tikkonkludi li r-rikorrenti kienet negliġenti:

– ir-rikorrenti hija kumpannija Ewropea kbira li għandha esperjenza solida tal-proċeduri ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet u tan-notifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali;

– ir-rikorrenti kienet taf, jew kellha tkun taf, li, bl-akkwist ta' sehem ta' 48.5 % mill-kapital ta' Morpol, hija kienet qiegħda takkwista l-kontroll fattwali ta' din tal-aħħar;

– ir-rikorrenti ma pprovatx li hija kienet irċeviet mill-konsulenti legali tagħha evalwazzjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 qabel it-18 ta' Diċembru 2012, data li fiha ġie konkluż l-akkwist ta' Diċembru 2012;

– l-eżistenza ta' preċedent dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 [deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2007 (Każ COMP/M.4730 – Yara/Kemira GrowHow) (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow")] kellha twassal lir-rikorrenti sabiex tikkonkludi li t-twettiq tal-akkwist ta' Diċembru 2012 kien probabbilment iwassal għal ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, jew tal-inqas li l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) ma kinitx sempliċi f'dan il-każ, u ir-rikorrenti setgħet, jew kellha, tirrikorri għand il-Kummissjoni permezz tal-proċedura ta' konsultazzjoni dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 sabiex titlob deroga mill-obbligu ta' *status quo* bis-saħħa tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004;

– ir-rikorrenti diġà ġiet immultata fil-livell nazzjonali għall-implementazzjoni prematura ta' konċentrazzjoni fil-kuntest tal-akkwist tagħha tal-kumpannija Fjord Seafood, b'tali mod li kien hemm lok li jiġi mistenni minnha livell għoli ta' diliġenza.

242 Ir-rikorrenti tikkontesta r-rilevanza ta' dawn l-elementi kollha.

243 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, ir-rikorrenti setgħet faċilment tipprevedi li, bl-akkwist ta' 48.5 % tal-azzjonijiet ta' Morpol, hija kienet qiegħda takkwista l-kontroll esklużiv effettiv ta' din il-kumpannija. Ir-rikorrenti ma tikkonfermax li hija ma kellhiex konoxxenza ta' ċerti elementi fattwali u li minħabba dan ma kienx possibbli li hija tifhem li, bit-twettiq tal-akkwist ta' Diċembru 2012, hija kienet qiegħda timplementa konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju.

244 Barra minn hekk, jirriżulta mill-komunikazzjoni tal-Borża tas-17 ta' Diċembru 2012, imsemmija fil-punt 6 iktar 'il fuq, li r-rikorrenti kienet konxja mill-fatt li xiri ta' Morpol kien jikkostitwixxi konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju. Fil-fatt, fih tirrileva dan li ġej:

"L-akkwist probabbilment sejjer jagħti lok għal obbligu ta' notifika lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, f'liema każ Marine Harvest ma tkunx ammessa li teżerċita d-drittijiet tagħha tal-vot marbuta mal-azzjonijiet tagħha f'Morpol sal-awtorizzazzjoni tat-tranżazzjoni".

245 Il-fatt li r-rikorrenti kkunsidrat b'mod żbaljat li l-obbligi tagħha kienu biss limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha tal-vot qabel l-awtorizzazzjoni ma jpoġġix f'dubju l-fatt li hija kienet konxja miċ-ċirkustanza li din kienet konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju.

246 Jeħtieġ li jitfakkar li mill-kliem tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jirriżulta li konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju għandha tiġi nnotifikata qabel it-twettiq tagħha u li hija ma għandhiex tiġi implementata mingħajr notifika u awtorizzazzjoni minn qabel.

247 Ir-rikorrenti ma setgħetx ma tkunx konxja minn dawn id-dispożizzjonijiet u barra minn dan hija ma tiddikjarax li ma kinitx konxja minnhom.

248 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li, skont il-kliem tiegħu, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ (ara l-punti 68 sa 83 iktar 'il fuq).

249 Ir-rikorrenti tiddikjara li l-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienet tal-inqas raġonevoli, b'tali mod li hija ma aġixxietx b'mod negliġenti.

250 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, bir-raġunament segwit fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti essenzjalment tipprova testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" bil-għan li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara l-punt 203 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li r-rikorrenti ma tidentifika l-ebda eżempju fil-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni jew fil-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea li fih diversi tranżazzjonijiet ta' xiri marbuta ma' partijiet minn impriża mmirata waħda ġew meqjusa bħala li jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika meta l-kontroll esklużiv tal-impriża mmirata kien ġie akkwistat bis-saħħa tal-ewwel operazzjoni ta' xiri (ara l-punt 147 iktar 'il fuq).

251 Għall-kuntrarju, kienet teżisti deċiżjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri d-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, li fiha din tal-aħħar kkonstatat, fil-punti 6 u 7, dan li ġej:

"6. Fl-24 ta' Mejju 2007, Yara akkwistat mingħand l-Istat Finlandiż sehem ta' 30.05 % fi GrowHow. Yara tqis li dan l-akkwist jikkostitwixxi l-ewwel stadju tal-offerta pubblika bil-ħsieb tal-akkwist ta' GrowHow mniedi fit-18 ta' Lulju 2007 u li, bħala tali, kien kopert mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament [Nru 139/2004], mill-projbizzjoni li tiġi implementata konċentrazzjoni. Yara tindika li, matul l-eżami tat-tranżazzjoni mill-Kummissjoni, hija ma kinitx sejra teżerċita d-drittijiet tal-vot ikkonferiti mis-sehem ta' 30,05 %. L-informazzjoni pprovduta mill-partijiet tindika li Yara akkwistat il-kontroll ta' GrowHow bl-akkwist tas-sehem ta' 30.05 %.

7. L-Artikolu 7(2) [tar-Regolament Nru 139/2004] japplika għall-akkwisti ta' gruppi ta' azzjonijiet mingħand 'diversi bejjiegħa', jiġifieri għal 'offerti gradwali'. Il-Kummissjoni tqis li konsegwentement, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2), [tar-Regolament Nru 139/2004] ma hijiex applikabbli f'kawża li fiha sehem ta' kontroll ikun ġie akkwistat mill-akkwirent ta' grupp uniku ta' azzjonijiet mingħand bejjiegħ wieħed. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li f'dan il-każ ma jistax jiġi eskluż ksur tal-obbligu ta' status quo previst fl-Artikolu 7(1) [tar-Regolament

Nru 139/2004] kif ukoll tal-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 4(1) [tal-imsemmi regolament] u li hija tista' teżamina fil-kuntest ta' proċedura distinta jekk hijiex adegwata sanzjoni abbażi tal-Artikolu 14(2) [tar-Regolament Nru 139/2004]."

252 Ċertament huwa minnu li, kif tenfasizza r-rikorrenti, il-konstatazzjoni li ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ma setgħax jiġi eskluż tikkostitwixxi *obiter dictum* tad-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, li hija deċiżjoni li tawtorizza konċentrazzjoni b'riżerva għall-osservanza ta' ċerti obbligi. Finalment, il-Kummissjoni ma fetħitx proċedura bil-ħsieb li timponi multa abbażi tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Ir-rikorrenti ġustament tenfasizza li tali *obiter dictum* ma għandux effetti legali obbligatorji u ma jistax jkun is-suġġett ta' stħarriġ mill-qrati tal-Unjoni.

253 Xorta jibqa' l-fatt li tali *obiter dictum* jista' jagħti lill-operaturi indikazzjonijiet fuq il-mod kif il-Kummissjoni tinterpreta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. L-eżistenza tad-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, li kienet tikkonċerna sitwazzjoni paragunabbli ma' dik ineżami u li fiha l-Kummissjoni rrilevat li hija kienet tqis li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma kinitx applikabbli, huwa element li jirrendi iktar diffiċli għall-impriżi sabiex jiġġustifikaw il-fatt li żball imwettaq dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma jammontax għal aġir negliġenti.

254 Ċertament huwa minnu li, kif tenfasizza r-rikorrenti fil-kuntest tar-raba' motiv, li d-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow ma ġietx ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u li l-verżjoni sħiħa hija biss disponibbli bl-Ingliż.

255 Madankollu, ġiet ippubblikata opinjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* (ĠU 2007, C 245, p. 7) fil-lingwi uffiċjali kollha, li tindika katina tal-internet sabiex jinkiseb l-aċċess għad-deċiżjoni sħiħa tad-deċiżjoni fil-lingwa Ingliża. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġustament tenfasizza li d-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, u b'mod partikolari l-interpretazzjoni mogħtija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 f'din id-deċiżjoni, ġiet iċċitata f'xogħlijiet ta' prattikanti. Għaldaqstant, operatur diliġenti seta' jkollu konoxxenza ta' din id-deċiżjoni u tal-interpretazzjoni mogħtija lill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 mill-Kummissjoni.

256 Barra minn hekk, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti setgħu jikkonsultaw mal-Kummissjoni fuq il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. F'każ ta' dubju dwar l-obbligi tagħha skont ir-Regolament Nru 139/2004, l-aġir adegwat ta' impriża huwa li tirrikorri għall-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 255). Ir-rikorrenti ma tiddikjarax li ma kinitx taf b'din il-possibbiltà.

257 Il-Kummissjoni kellha wkoll dritt li tieħu inkunsiderazzjoni, kif għamlet fil-punt 144 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li r-rikorrenti kienet kumpannija Ewropea kbira li kellha esperjenza solida tal-proċeduri ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet u tan-notifika lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali. Għalhekk, mill-punt 252 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672), jirriżulta li l-esperjenza ta' impriża fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet u fil-qasam tal-proċeduri ta' notifika hija element rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-negliġenza.

258 Barra minn hekk, il-Kummissjoni kellha dritt li tieħu inkunsiderazzjoni, kif għamlet fil-punt 148 tad-deċiżjoni kkontestata, il-fatt li r-rikorrenti (dak iż-żmien Pan Fish) kienet diġà ġiet immultata fil-livell nazzjonali għat-twettiq prematur ta' konċentrazzjoni fil-kuntest tal-akkwist tagħha tal-kumpannija Fjord Seafood. Ċertament huwa minnu li d-deċiżjoni tal-ministru tal-ekonomija Franċiż tat-8 ta' Diċembru 2007 (Każ Pan Fish/Fjord Seafood) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood") ma kinitx tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

Xorta jibqa' l-fatt li hemm lok li tiġi mistennija diliġenza partikolari min-naħa ta' impriża Ewropea ta' daqs kbir li diġà ġiet immultata, minkejja li dan seħħ fil-livell nazzjonali, għat-twettiq prematur ta' konċentrazzjoni.

259 F'dan il-każ, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti aġixxiet b'mod negliġenti meta tat interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 li la hija koperta mill-kliem tiegħu u lanqas mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni jew mill-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni u li ma hijiex konformi ma' dak li kkonstatat il-Kummissjoni, f'*obiter dictum*, fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, u dan kollu mingħajr ma rrikorriet minn qabel għand il-Kummissjoni bil-għan li tivverifika l-korrettezza tal-interpretazzjoni tagħha. B'dan il-komportament, ir-rikorrenti aġixxiet billi ħadet riskju għaliha u ma tistax validament tibbaża ruħha fuq in-natura allegatament "raġonevoli" tal-interpretazzjoni tagħha.

260 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li "l-ebda kumpannija normalment avżata u suffiċjentement attenta ma setgħet raġonevolment tipprevedi li l-akkwist ta' Diċembru 2012 kellu jiġi nnotifikat u li s-sehem korrispondenti ma setgħax jiġi ttrasferit [lir-rikorrenti] qabel l-awtorizzazzjoni".

261 Fir-rigward tal-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq l-evalwazzjoni tal-konsulenti legali esterni tagħha, jeħtieġ li jiġi rrilevat dan li ġej.

262 Minn naħa, ir-rikorrenti tiddikjara li l-konsulenti legali esterni tagħha, li għandhom esperjenza kbira fil-kwistjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni, kienu jaqblu li għandu jitqies li l-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-offerta pubblika kienu jikkostitwixxu konċentrazzjoni unika li taqa' taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, fatt li jikkonferma n-natura raġonevoli tal-interpretazzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra hija tikkonferma li l-esperjenza tagħha marbuta mat-tranżazzjoni li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood hija waħda mill-fatturi li wassluha titlob u tikseb assigurazzjonijiet, f'diversi okkażjonijiet, dwar il-fatt li l-akkwist ta' sehem ta' 48.5 % f'Morpol kien jaqa' taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Fl-aħħar, ir-rikorrenti tiddikjara li kien b'mod żbaljat li l-Kummissjoni qieset, fil-punt 146 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija ma kinitx fittxet li tikseb, u ma kinitx irċeviet, parir dwar il-portata tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 qabel it-18 ta' Diċembru 2012.

263 Għaldaqstant hemm lok li jiġi eżaminat il-kontenut tal-parir mogħti mill-konsulenti legali esterni tagħha.

264 Ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq li kien bagħtilha l-konsulent legali Norveġiż tad-29 ta' Novembru 2012. Din irrilevat dan li ġej:

"6. Kompetizzjoni

L-akkwist tal-azzjonijiet ta' Friendmall f'[Morpol] tagħti lok għal notifika lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni kompetenti.

Aħna ma għandniex ħjiel tad-dħul mill-bejgħ taż-żewġ kumpanniji maqsuma f'ġurisdizzjonijiet differenti u lanqas informazzjoni oħra neċessarja sabiex nanalizza kif u meta hemm lok li ssir tali notifika.

Aħna nirrakkomandaw bis-sħiħ li għandkom tagħmlu dak kollu possibbli sabiex bi prijorità jiġu ddeterminati dawn l-elementi peress li dawn ikunu jippermettulna li nirrediġu u nippreżentaw in-notifiki relattivament malajr wara d-data possibbli tal-akkwist.

Mill-esperjenza tagħna l-kisba tal-awtorizzazzjonijiet neċessarji għal tali akkwisti tieħu ż-żmien. Ma jistax jiġi eskluż li intom tiġu ordnati tbigħu partijiet min-negozju sabiex tiksbu l-awtorizzazzjoni f'ċerti ġurisdizzjonijiet. Intom għandkom, malli tkunu tafu li din tista' tkun neċessarja, tistabbilixxu strateġiji dwar il-mod kif tistgħu tirrispondu għal tali oġġezzjonijiet.

Kif issemma qabel, [Marine Harvest] ma hija sejra tkun kapaċi teżerċita l-ebda dritt bħala azzjonist f'[Morpol] marbuta mal-azzjonijiet akkwistati qabel ma intom tkunu ksibtu l-awtorizzazzjonijiet kollha abbażi tad-dritt tal-kompetizzjoni."

265 Minn din l-ittra, jirriżulta b'mod ċar li l-konsulent legali Norveġiż tar-rikorrenti ma kellux l-informazzjoni neċessarja dwar id-dħul mill-bejgħ tal-impriżi kkonċernati u b'hekk ma kienx f'pożizzjoni li janalizza l-kwistjoni dwar quddiem liema awtoritajiet tal-kompetizzjoni kellha tiġi nnotifikata t-tranżazzjoni. Ir-rikorrenti ma setgħetx tistenna lill-konsulent legali Norveġiż tagħha jwettaq analiżi eżawrjenti tal-implikazzjonijiet tal-konċentrazzjoni mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni qabel ma jikseb pussess tal-elementi li jippermettulu jiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk din kinitx konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju.

266 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li xi paragrafi minn din l-ittra ddedikati għad-dritt tal-kompetizzjoni, kif iċċitati fil-punt 264 iktar 'il fuq, ma jistgħux jitqiesu bħala analiżi veru tal-obbligi tar-rikorrenti fir-rigward tan-notifiki u tal-obbligi possibbli ta' *status quo*. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti ma setgħetx tiddeduċi mis-sentenza waħda li "[k]if issemma qabel, [Marine Harvest] ma hija sejra tkun kapaċi teżerċita l-ebda dritt bħala azzjonist f'[Morpol] marbuta mal-azzjonijiet akkwistati qabel ma intom tkunu ksibtu l-awtorizzazzjonijiet kollha abbażi tad-dritt tal-kompetizzjoni" li hija kellha dritt tikkonkludi l-akkwist ta' Diċembru 2012 mingħajr notifika u mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

267 L-eżistenza ta' din l-ittra tal-konsulent legali Norveġiż bl-ebda mod ma tista' teżenta lir-rikorrenti mir-responsabbiltà tagħha.

268 Fl-14 ta' Diċembru 2012 fl-10.02, dan l-istess konsulent legali, bagħat ittra lil konsulent legali tal-uffiċċju ta' avukati F. li kienet redatta kif ġej:

"In-negozjati fuq il-proġett [Morpol] huma, preżentement, kważi lesti u ninsabu pjuttost ċerti li sejjer jintlaħaq ftehim matul il-ġurnata u li s-[SPA] ser jiġi ffirmat tard wara nofsinhar.

L-aħħar abbozz huwa mehmuż għall-eżami u l-kummentarju min-naħa tagħkom mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Ma huwiex stramb li sal-lum ħadd ma ffoka wisq fuq dan l-aspett partikolari. Ilħaqna wkoll fi stadju fejn nippreferi ħafna li ma ninkludux iktar tibdil fit-test sa fejn jista' faċilment ifixkel lill-partijiet.

Tistgħu għaldaqstant taraw dan l-abbozz tgħadduli l-kummentarji jew il-proposti għal tibdil li intom tqisu bħala assolutament neċessarju inkonnessjoni mal-proċedura ta' awtorizzazzjoni abbażi tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni?

Naturalment, dan huwa ftit urġenti u b'hekk inkunilkom grat ħafna jekk tistgħu tiddedikawlu l-attenzjoni immedjata tagħkom."

269 Din l-ittra turi b'mod ċar li r-rikorrenti ma aġixxietx bħalma kien jaġixxi operatur diliġenti. Fil-fatt, minnha jirriżulta li "ħadd ma [kien i]ffoka wisq" fuq l-aspett tad-dritt tal-kompetizzjoni sal-jum li fiha ntbagħtet din l-ittra, jiġifieri l-istess jum tal-iffirmar tas-SPA. Operatur diliġenti kieku kien jikkonċentra fuq l-implikazzjonijiet tat-tranżazzjoni mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni fi stadju iktar bikri.

270 Meta ġiet mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta, ir-rikorrenti rrilevat li l-awtur tal-ittra tal-14 ta' Diċembru 2012 kien l-istess wieħed tal-ittra tad-29 ta' Novembru 2012 u li din l-aħħar imsemmija ittra kienet turi li dan kien irrifletta fuq is-suġġett tad-dritt tal-kompetizzjoni diġà f'dan l-istadju. Barra minn hekk, hija rrilevat li l-konsulent legali Norveġiż tar-rikorrenti kien avukat speċjalizzat fid-dritt tal-kumpanniji u mhux avukat speċjalizzat fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni u li dan kien talab il-parir ta' speċjalista fl-uffiċċju ta' avukati F. fl-14 ta' Diċembru 2012.

271 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-ittra tad-29 ta' Novembru 2012 ma tinkludix analiżi vera tal-obbligi tar-rikorrenti fir-rigward tan-notifiki u tal-obbligi ta' *status quo* (ara l-punt 266 iktar 'il fuq). Għalkemm huwa veru li l-konsulent legali Norveġiż irrifletta fuq l-aspett tad-dritt tal-kompetizzjoni, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fuq ammissjoni tiegħu stess fl-ittra tal-14 ta' Diċembru 2012, ħadd ma kien "iffoka wisq" fuq dan l-aspett sa dik id-data.

272 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, billi rrilevat, waqt is-seduta, li l-konsulent legali Norveġiż tar-rikorrenti kien avukat speċjalizzat fid-dritt tal-kumpanniji u mhux avukat speċjalizzat fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, ir-rikorrenti, fir-rigward ta' dan il-konsulent legali, tal-inqas biddlet id-dikjarazzjoni, inkluża fil-punt 71 tar-rikors, li l-konsulenti legali esterni tagħha kellhom esperjenza kbira fi kwistjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni.

273 Fl-14 ta' Diċembru 2012 fl-22.36, il-konsulent legali tal-uffiċċju ta' avukati F. wieġeb għall-ittra ċċitata fil-punt 268 iktar 'il fuq billi rrileva b'mod partikolari kif ġej:

"Mistoqsija waħda: ma stajna nsibu l-ebda dispożizzjoni li tkopri l-kwistjoni dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot sakemm iddum pendenti l-proċedura ta' awtorizzazzjoni. Huwa evidenti li x-xerrej ma jistax jeżerċita d-drittijiet tal-vot qabel l-awtorizzazzjoni."

274 Din l-ittra, li ġiet skambjata bejn żewġ konsulenti legali esterni tar-rikorrenti, ma tistax titqies bħala analiżi veru tal-implikazzjonijiet tal-konċentrazzjoni mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni, u barra minn hekk, il-konsulent legali tal-uffiċċju ta' avukati F. ma kellux għad-dispożizzjoni tiegħu biżżejjed ħin sabiex iwettaq tali analiżi.

275 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li la l-ittra tad-29 ta' Novembru 2012 u lanqas dawk tal-14 ta' Diċembru 2012 ma jsemmu l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

276 L-ewwel dokument li jsemmi b'mod espliċitu l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa memorandum tal-konsulent legali Norveġiż tar-rikorrenti datat it-18 ta' Diċembru 2012.

277 F'dan il-memorandum, wara li ċċita l-kliem tal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 139/2004, dan il-konsulent legali rrileva dan li ġej:

"Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li Marine Harvest tista' tikseb l-azzjonijiet f'Morpol iżda ma tistax teżerċita d-drittijiet tal-vot marbuta ma' dawk l-azzjonijiet sakemm it-tranżazzjoni tiġi awtorizzata mill-Kummissjoni. B'hekk, Marine Harvest ma tistax teżerċita d-drittijiet tagħha bħala azzjonist ta' Morpol u għaldaqstant hija ma tikkontrollax, fil-prattika, il-kumpannija sakemm tinkiseb l-awtorizzazzjoni."

278 Madankollu, dan il-memorandum ma jinkludix analiżi veru tal-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Is-sempliċi ċitazzjoni tal-kliem tal-Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 139/2004, u d-dikjarazzjoni li r-rikorrenti setgħet tikseb l-azzjonijiet ta' Morpol jekk ma teżerċitax id-drittijiet tal-vot ma jistgħux jiġu assimilati ma' tali analiżi, b'mod partikolari fid-dawl taċ-ċirkustanza li, skont il-kliem tiegħu, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma huwiex applikabbli. F'dan il-memorandum, il-konsulent legali Norveġiż tar-rikorrenti b'mod partikolari ma bbażax ruħu fuq l-eżistenza ta' konċentrazzjoni unika sabiex tiġġustifika l-allegata applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

279 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li s-SPA kien diġà ġie ffirmat fl-14 ta' Diċembru 2012. Is-SPA kien jipprevedi, fl-Artikolu 7.1 tiegħu, li l-konklużjoni għandha sseħħ kemm jista' jkun malajr u mhux iktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol wara l-iffirmar. Barra minn hekk, san kien jipprevedi, fl-Artikolu 7.2 tiegħu, li, fid-data tal-konklużjoni, ir-rikorrenti kellha turi li kienet ħallset il-prezz tal-bejgħ. Fl-aħħar, is-SPA kien jipprevedi fl-Artikolu 7.3 tiegħu, li, f'din id-data, il-bejjiegħa kellhom juru li kienu ttrasferixxew l-azzjonijiet lir-rikorrenti.

280 Għaldaqstant, il-memorandum tat-18 ta' Diċembru 2012 ġie redatt f'mument li fih ir-rikorrenti kienet diġà marbuta li tagħlaq l-akkwist mhux iktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol wara l-iffirmar tas-SPA.

281 Fir-rigward tal-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, inkluża fil-punt 146 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti ma pproduċietx elementi li jipprovaw li hija kienet irċeviet mill-konsulenti legali tagħha evalwazzjoni marbuta mal-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 qabel it-18 ta' Diċembru 2012, li hija kkontestata mir-rikorrenti, jeħtieġ li jiġi rrilevat dan li ġej.

282 Ċertament huwa veru li r-rikorrenti kienet indikat impliċitament, fil-paġna 14 tar-risposta tagħha tat-30 ta' April 2014 għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li hija kienet irċeviet mingħand il-konsulent legali Norveġiż tagħha, qabel it-18 ta' Diċembru 2012, l-informazzjoni li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienu ssodisfatti. Fil-fatt, ir-rikorrenti indikat li din l-informazzjoni kienet ġiet "imtennija bil-miktub" fil-memorandum ta' dan il-konsulent tat-18 ta' Diċembru 2012.

283 Madankollu, il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni, li r-rikorrenti "ma pproduċietx elementi li jipprovaw" li hija kienet irċeviet tali evalwazzjoni qabel it-18 ta' Diċembru 2012, hija korretta. Fil-fatt, għalkemm ir-rikorrenti impliċitament ikkonfermat, fir-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li hija rċeviet mill-konsulent legali Norveġiż tagħha, qabel it-18 ta' Diċembru 2012, l-informazzjoni li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienu ssodisfatti, hija ma pproduċiet l-ebda prova f'dan ir-rigward. B'mod partikolari hija ma pproduċietx, fl-anness tar-risposta tagħha għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, l-ittri tad-29 ta' Novembru u tal-14 ta' Diċembru 2012, iċċitati fil-punti 264, 268 u 273 iktar 'il fuq, li hija pproduċiet fl-anness tar-rikors.

284 Fi kwalunkwe każ, dawn l-ittri ma jpoġġux f'dubju in-negliġenza tar-rikorrenti. Fir-rigward tal-ittra tad-29 ta' Novembru 2012, prodotta quddiem il-Qorti Ġenerali, jeħtieġ li jitfakkar li din tal-aħħar ma ssemmix l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 u li ma tinkludix analiżi vera tal-obbligi tar-rikorrenti (ara l-punti 264 sa 266 iktar 'il fuq). Dan jgħodd ukoll għall-ittra tal-konsulent legali tal-uffiċċju ta' avukati F. tal-14 ta' Diċembru 2012 (ara l-punti 273 sa 275 iktar 'il fuq).

285 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jiġi preżunt li r-rikorrenti kienet kisbet, qabel it-18 ta' Diċembru 2012, min-naħa tal-konsulenti legali l-informazzjoni li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kien applikabbli, dan ma jpoġġix f'dubju l-konstatazzjoni li l-aġir tar-rikorrenti kien negliġenti.

286 Min-naħa, jeħtieġ li jitfakkar li impriża ma tistax taħrab mill-impożizzjoni ta' multa meta l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jkun joriġina minn żball ta' din l-impriża dwar il-legalità tal-aġir tagħha minħabba l-kontenut tal-parir legali ta' avukat (ara l-punt 238 iktar 'il fuq).

287 Min-naħa l-oħra, l-ittra tal-konsulent legali Norveġiż tar-rikorrenti tal-14 ta' Diċembru 2012, li tibbaża ruħha fuqha r-rikorrenti, mhux talli ma tikkonfermax li r-rikorrenti tat prova ta' diliġenza, iżda tirrileva n-negliġenza tagħha, peress li minnha jirriżulta li "ħadd ma [kien i]ffoka wisq" fuq l-aspett tad-dritt tal-kompetizzjoni sal-jum stess tal-iffirmar tas-SPA.

288 Kieku r-rikorrenti aġixxiet bħala operatur diliġenti, hija kienet tiżgura ruħha li kien twettaq analiżi sħiħ tal-implikazzjonijiet tas-SPA mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni qabel l-iffirmar tas-SPA, iktar u iktar meta is-SPA kien jipprovdi li l-konklużjoni tal-akkwist kellha sseħħ mhux iktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol wara l-iffirmar tiegħu.

289 Ir-rikorrenti tibbaża ruħha wkoll fuq ittra mibgħuta lilha mill-avukat tal-kumpannija F. fis-27 ta' Jannar 2013. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li din l-ittra ntbagħtet wara l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012 u li għaldaqstant bl-ebda mod ma tista' teżenta lir-rikorrenti mir-responsabbiltà tagħha. Barra minn hekk, dan l-ittra ma tinkludix analiżi veru tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, iżda sempliċiment u essenzjalment tirriproduċi l-kliem ta' din id-dispożizzjoni. B'mod partikolari, din l-ittra ma ssemmix il-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika".

290 Minn dan li ntqal jirriżulta li kien b'mod ġust li l-Kummissjoni kkonstatat li l-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien twettaq b'negliġenza.

291 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud it-tieni motiv.

### C. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' *ne bis in idem*

292 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni imponiet fuqha, fid-deċiżjoni kkontestata, żewġ multi għall-istess u uniku aġir, bi ksur tal-prinċipju ġenerali ta' *ne bis in idem*. Hija tirrileva li ksur tal-obbligu ta' notifika, previst fl-Artikolu 4(1), tar-Regolament Nru 139/2004 iwassal neċessarjament għal ksur tal-obbligu ta' *status quo*, previst fl-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament. Fl-opinjoni tagħha, il-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa l-ksur l-iktar speċifiku, filwaqt li l-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament huwa ksur iktar ġenerali, b'tali mod li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jiġbor fih il-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament jew jipprekludi, tal-inqas, lill-Kummissjoni milli timponi multa distinta għal dan tal-aħħar.

293 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

#### *1. Osservazzjonijiet preliminari fuq ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004*

294 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li, kif issostni r-rikorrenti u kif tikkonċedi l-Kummissjoni, ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 iwassal awtomatikament għal ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-fatt, jekk impriża tikser l-obbligu, previst fl-Artikolu 4(1), tar-Regolament Nru 139/2004, li tinnotifika konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha, dan ikollu bħala konsegwenza l-ksur tal-projbizzjoni li twettaq konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha.

295 Madankollu, il-kuntrarju ta' dan ma huwiex minnu. Fil-fatt, meta impriża tinnotifika konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha, iżda twettaqha qabel ma din tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, hija tikser l-Artikolu 7(1) iżda mhux l-Artikolu 4(1), tar-Regolament Nru 139/2004.

296 Barra minn hekk, hemm lok li jitfakkar li l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprevedi l-possibbiltà tal-impożizzjoni ta' multi, minn naħa, għal ksur tal-obbligu ta' notifika prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 139/2004 u, min-naħa l-oħra, għal twettiq ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 7 tal-istess regolament.

297 Minn dak li ntqal jirriżulta li, meta impriża tikser l-Artikolu 4(1), tar-Regolament Nru 139/2004, hija tikser awtomatikament l-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament, li, skont il-kliem ta' dan ir-regolament, iwassal għall-possibbiltà li l-Kummissjoni timponi multi kemm skont l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004 kif ukoll tal-Artikolu 14(2)(b) ta' dan l-istess regolament.

298 Jeħtieġ li jiġi osservat li din hija sitwazzjoni li ilha teżisti biss sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 139/2004. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ma għadux jipprevedi, għan-notifika ta' konċentrazzjonijiet, it-terminu ta' ġimgħa dekorribbli mill-konklużjoni tal-ftehim jew tal-pubblikazzjoni tal-offerta ta' xiri, li kien previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 4064/89 (ara l-punt 225 iktar 'il fuq).

299 Skont ir-Regolament Nru 4064/89 kien possibbli li jinkiser l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament, mingħajr ma jinkiser l-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament. Fil-fatt, impriża li kienet tkun innotifikat konċentrazzjoni iktar minn ġimgħa wara l-konklużjoni tal-ftehim, iżda li kienet tistenna l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni qabel ma twettaqha, kienet tikser l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 4064/89, iżda mhux l-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament.

300 Fir-rigward tas-sanzjonijiet previsti, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 4064/89, l-assenza ta' notifika skont l-Artikolu 4 tal-istess regolament kienet issanzjonata b'multi li jammontaw biss għal ECU 1 000 sa 50 000. It-twettiq ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89 kien, skont l-Artikolu 14(2)(b) ta' dan ir-regolament, issanzjonat b'multi li jistgħu jilħqu 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali mwettaq mill-impriżi kkonċernati.

301 Għall-kuntrarju, fir-Regolament Nru 139/2004, il-ksur tal-obbligu ta' notifika prevista fl-Artikolu 4 ma għadux iktar ikkontemplat fl-Artikolu 14(1) iżda jinsab fl-Artikolu 14(2) ta' dan l-istess regolament, fatt li jimplika li l-iskali tal-pieni għall-ksur tal-Artikolu 4(1) u għall-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament huma issa identiċi u jikkorrispondu għall-possibbiltà tal-impożizzjoni ta' li jistgħu jilħqu 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali mwettaq mill-impriżi kkonċernati.

302 Minkejja li l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jipprevedi obbligu li ssir azzjoni (li tiġi nnotifikata konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha) u li l-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament jipprevedi obbligu li ma ssirx azzjoni (li ma titwettaqx konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha), ksur tal-obbligu li ssir azzjoni twassal awtomatikament għal ksur tal-obbligu li ma ssirx azzjoni previst fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-fatt, skont il-kuntest legali attwali, huwa biss fil-mument tat-twettiq ta' konċentrazzjoni li huwa possibbli li jiġi magħruf b'mod definittiv jekk impriża nnotifikatx il-konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha.

303 Minn dan isegwi li, fil-mument li fih impriża tikser l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, awtomatikament jiġi skattat ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Fil-fatt, fil-mument tat-twettiq tal-konċentrazzjoni, l-impriża kkonċernata tikser l-obbligu li tinnotifika l-konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha, previst fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 u l-projbizzjoni korrispondenti li titwettaq konċentrazzjoni qabel ma tiġi nnotifika, prevista fl-Artikolu 7(1), l-ewwel alternattiva tar-Regolament Nru 139/2004. Fl-istess ħin, hija tikser il-projbizzjoni li titwettaq konċentrazzjoni qabel ma tiġi awtorizzata, prevista fl-Artikolu 7(1), it-tieni alternattiva tar-Regolament Nru 139/2004, peress li konċentrazzjoni li ma ġietx innotifikata ma tistax tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

304 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi rrilevat li ma huwiex ikkontestat, f'dan il-każ, li ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jikkostitwixxi ksur instantanju. Madankollu, ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa ksur kontinwu li jipperdura sakemm l-operazzjoni ma tiġix iddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni, kif ikkonstatat il-Kummissjoni fil-punti 128, 165 u 166 tad-deċiżjoni kkontestata [ara, fir-rigward tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 212].

305 F'dan il-każ, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 127 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-aġir li ta lok għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 u għall-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament kien wieħed u l-istess aġir, jiġifieri t-twettiq ta' konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha. B'risposta għal mistoqsija bil-miktub magħmula f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kkonfermat li hija ma tikkontestax li l-fatti li wasslu għall-ksur ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet kienu f'dan il-każ identiċi.

306 Hemm lok li jiġi kkonstatat li l-kuntest legali attwali ma huwiex wieħed tas-soltu, sa fejn jeżistu żewġ artikoli fir-Regolament Nru 139/2004, li skonthom il-ksur huwa ssanzjonat b'multi fl-istess skala ta' pieni, iżda li għalihom ksur tal-ewwel artikolu jwassal neċessarjament għal ksur tat-tieni. Madankollu jeħtieġ li jiġi rrilevat li dan huwa l-kuntest legali li kellha tapplika l-Kummissjoni u li r-rikorrenti ma tqajjem l-ebda eċċezzjoni ta' illegalità fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 139/2004.

### *2. Fuq l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' ne bis in idem għall-każ odjern*

307 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* għandu jiġi osservat fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni. Dan il-prinċipju jipprekludi, fil-qasam tal-kompetizzjoni, li impriża tiġi kkundannata jew imħarrka darba oħra minħabba aġir antikompetittiv li abbażi tiegħu ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata (ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

308 Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-kawżi dwar il-kompetizzjoni, li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* kienet suġġetta għall-kundizzjoni tripla tal-identità tal-fatti, ta' min wettaq il-ksur u tal-interess ġuridiku protett (ara s-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et*, C-17/10, EU:C:2012:72, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

309 Mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 307 iktar 'il fuq jirriżulta li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* għandu żewġ partijiet. Dan tal-aħħar jipprojbixxi kemm li impriża tiġi "ipproċessata" għal darba oħra li kif ukoll li din l-impriża tiġi "kkundannata" għal darba oħra. Madankollu, skont il-formulazzjoni riprodotta fil-punt 307 iktar 'il fuq, iż-żewġ partijiet jippreżumu li l-impriża inkwistjoni tkun ġiet issanzjonata jew iddikjarata mhux responsabbli "b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata".

310 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea huwa redatt kif ġej:

"L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skond il-liġi."

311 Dan l-artikolu wkoll jinkludi ż-żewġ partijiet, jiġifieri l-projbizzjoni ta' ipproċessar doppju u dik ta' issanzjonar doppju (ipproċessat jew issanzjonat). Barra minn hekk jeħtieġ li jiġi rrilevat li dan l-artikolu jsemmi b'mod ċar sentenza "li daħlet f'ġudikat", mingħajr ma jiddistingwi bejn iż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, dan l-artikolu jsemmi l-fatt li l-persuna kkonċernata "diġà" instabet mhux ħatja jew ikkundannata permezz ta' sentenza, fatt li jikkonferma ċ-ċirkustanza li dan għandu jkun seħħ permezz ta' sentenza preċedenti.

312 Ċertament, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika fil-proċeduri intiżi għall-impożizzjoni ta' multi, li jaqgħu taħt id-dritt tal-kompetizzjoni, u dan indipendentement mill-klassifikazzjoni ta' dawn il-multi bħala li huma ta' natura penali jew le. Barra minn hekk, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, li fih il-multi jiġu imposti mill-Kummissjoni, l-eżistenza ta' "sentenza" li timponi multa ma hijiex neċessarja. Kif inhu rifless fil-formulazzjoni riprodotta fil-punt 307 iktar 'il fuq, huwa biżżejjed li tkun teżisti "deċiżjoni" preċedenti li ma għadhiex tista' tiġi appellata. B'hekk il-mera eżistenza ta' deċiżjoni

tal-Kummissjoni li timponi multa, li ma tkunx ġiet ikkontestata fit-termini u li għaldaqstant ma tistax tiġi appellata, hija biżżejjed sabiex ikun jista' japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Madankollu, l-element "definittiv" li jirriżulta mill-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali japplika wkoll fid-dritt tal-kompetizzjoni, u dan kif jirriżulta mill-formulazzjoni "deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata".

313 Sussegwentement, l-Artikolu 4(1) tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB huwa fformulat kif ġej:

"Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat."

314 Din id-dispożizzjoni tinkludi wkoll iż-żewġ partijiet, jiġifieri l-projbizzjoni ta' ipproċessar doppju u ta' sanzjoni doppja (ipproċessat jew issanzjonat), u tippreżumi wkoll l-eżistenza ta' sentenza "definittiva". Barra minn hekk, din issemmi l-fatt li l-persuna kkonċernata "diġà" ġiet meħlusa jew ikkundannata b'sentenza, fatt li jikkonferma ċ-ċirkustanza li dan għandu jkun seħħ permezz ta' sentenza preċedenti.

315 Għaldaqstant, il-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma jkoprux sitwazzjoni li fiha awtorità timponi żewġ sanzjonijiet f'waħda u l-istess deċiżjoni, kif inhuwa l-każ fil-kawża odjerna.

316 Dan kollu huwa konformi mar-raġuni għall-eżistenza tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Fil-fatt, skont dan il-prinċipju, meta l-awtur tal-ksur hija pproċessat u kkundannat, dan għandu jkun jaf li, bl-eżekuzzjoni tal-piena, huwa ħallas għan-nuqqas tiegħu, u m'għandux jibqa' jibża' li tiġi imposta fuqu sanzjoni ġdida (Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-Kawżi Gözütok u Brügge, C-187/01 u C-385/01, EU:C:2002:516, punt 49).

317 L-impożizzjoni ta' żewġ sanzjonijiet f'waħda u l-istess deċiżjoni ma tmurx kontra dan l-għan. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni, b'risposta għal mistoqsija magħmula f'dan ir-rigward lill-partijiet, meta jiġu imposti żewġ sanzjonijiet f'waħda u l-istess u deċiżjoni, il-persuna kkonċernata tista' taċċerta ruħha li ma hijiex sejra tiġi ssanzjonata mill-ġdid għall-istess ksur.

318 Ċertament huwa minnu li, fir-rikors, ir-rikorrenti ma invokax b'mod espliċitu l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, iżda l-prinċipju *nemo debet bis puniri pro uno delicto*. Madankollu, ir-rikorrenti tikkonferma, b'risposta għal mistoqsija bil-miktub magħmula f'dan ir-rigward mill-Qorti Ġenerali, li l-prinċipju invokat minnha kien jikkorrispondi għat-tieni parti tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, jiġifieri l-projbizzjoni ta' sanzjoni doppja, u li hija ma kinitx qiegħda tinvoka prinċipju distint mill-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll, b'risposta għal mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, li l-prinċipju *nemo debet bis puniri pro uno delicto* kien jikkorrispondi għat-tieni parti tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

319 Hemm lok li jiġi kkonstatat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax f'dan il-każ, peress li s-sanzjonijiet ġew imposti mill-istess awtorità f'waħda u fl-istess deċiżjoni.

320 Dan ir-riżultat la huwa kkontestat mill-argumenti tar-rikorrenti u lanqas mill-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni jew tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB").

321 Ir-rikorrenti kkonfermat, b'risposta għal mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, li l-ġurisprudenza ferm stabbilta tal-qrati tal-Unjoni fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni tat diversi eżempji li fihom il-prinċipju ta' *ne bis in idem* ġie applikat meta kienu ġew imposti diversi multi f'waħda u fl-istess deċiżjoni.

322 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Beneo-Orafti (C-150/10, EU:C:2011:507). Hija tikkonferma li mill-punt 68 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-prinċipju ta' *ne bis in idem* billi eżaminat il-kwistjoni dwar jekk

il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprekludix applikazzjoni kumulattiva tal-miżuri previsti fl-Artikolu 26 (1) u fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 968/2006 tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Ġunju 2006, li jistipula regoli ddettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità (ĠU L 176, p. 32).

323 Madankollu jeħtieġ li jiġi rrilevat li, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx intiż li jiġi applikat minħabba l-fatt li waħda biss mit-tliet miżuri inkwistjoni f'dik il-kawża setgħet tiġi kklassifikata bħala sanzjoni (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Beneo-Orafti, C-150/10, EU:C:2011:507, punt 74). Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* għal raġuni oħra, hija sempliċiment ma tatx deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk dan il-prinċipju japplikax f'sitwazzjoni li fiha jiġu imposti diversi sanzjonijiet f'waħda u l-istess deċiżjoni, jew li fiha tiġi imposta t-tieni sanzjoni meta d-deċiżjoni li timponi l-ewwel sanzjoni tkun għadha ma saritx definittiva.

324 Sa fejn ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża Beneo-Orafti (C-150/10, EU:C:2011:164), huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx dawn il-konklużjonijiet fir-rigward tal-applikabbiltà tal-prinċipju *ne bis in idem*.

325 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tinvoka s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2006, FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/03 u T-245/03, EU:T:2006:391). Il-partijiet rikorrenti fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza sostnew li l-Kummissjoni kienet kisret il-prinċipju ta' *ne bis in idem* billi imponiet, f'deċiżjoni waħda, multi fuq diversi assoċjazzjonijiet, li l-membri tagħhom kellhom fihom partijiet identiċi. Skont dawn ir-rikorrenti, għaldaqstant dawn il-membri ġarrbu indirettament diversi multi.

326 Il-Qorti Ġenerali sempliċiment ikkonstatat, fil-punt 344 tas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2006, FNCBV *et* vs Il-Kummissjoni (T-217/03 u T-245/03, EU:T:2006:391), li l-persuni li kisru r-regoli ma kinux identiċi, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tissanzjona diversi drabi l-istess entitajiet jew l-istess persuni għall-istess fatti, b'tali mod li kinitx kisret il-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Għaldaqstant hija ma tatx deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jistax japplika fil-każ li fih ikunu ġew imposti diversi sanzjonijiet f'waħda u fl-istess deċiżjoni.

327 Fis-sentenza li tiddeċiedi l-appell mill-aħħar imsemmija sentenza, jiġifieri s-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2008, Coop de France bétail et viande *et* vs Il-Kummissjoni (C-101/07 P u C-110/07 P, EU:C:2008:741, punt 130), li hija wkoll iċċitata mir-rikorrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċiment ikkonfermat l-approċċ tal-Qorti Ġenerali.

328 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2011, Transcatab vs Il-Kummissjoni (T-39/06, EU:T:2011:562). F'dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ma sabitx ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* peress li kien hemm fatti identiċi u lanqas persuni responsabbli identiċi (ara l-punti 255 sa 259 ta' dik is-sentenza). Il-Qorti Ġenerali ma tatx deċiżjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk japplikax il-prinċipju ta' *ne bis in idem* f'sitwazzjoni li fiha jkunu ġew imposti diversi multi f'waħda u fl-istess deċiżjoni.

329 Fl-aħħar, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq is-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72). Hija ssostni li, f'din is-sentenza, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* ġie applikat għal deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2007 li kienet għadha ma saritx definittiva, tal-inqas fir-rigward ta' Toshiba u destinatarji prinċipali oħrajn, anki fid-data tal-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, fl-14 ta' Frar 2012.

330 Madankollu, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72, punti 98 sa 103), il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* għal raġuni oħra, dik li l-fatti ma kinux identiċi.

331 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tiddikjara li, fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2012, Toshiba Corporation *et* (C-17/10, EU:C:2012:72), il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-prinċipju ta' *ne bis in idem* sa mill-"adozzjoni tad-deċiżjoni [tal-Kummissjoni]". Hemm lok li jiġi kkonstatat li huwa ċertament minnu li, fil-punt 103 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ssemmi "deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata qabel id-deċiżjoni tal-imsemmija awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni" u mhux deċiżjoni "li saret definittiva" qabel din id-data. Xorta jibqa' l-fatt li, fil-punt 94 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva b'mod ċar li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jipprekludi "li impriża tiġi kkundannata jew imħarrka darba oħra minħabba aġir antikompetittiv li abbażi tiegħu ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata". Għaldaqstant minn dik is-sentenza jirriżulta b'mod ċar li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax fl-assenza ta' deċiżjoni preċedenti definittiva.

332 Hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tidentifika l-ebda sentenza tal-qrati tal-Unjoni li fiha ġie kkonstatat ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* f'sitwazzjoni li fiha ġew imposti diversi sanzjonijiet f'waħda u fl-istess deċiżjoni, jew li fiha ġiet imposta t-tieni sanzjoni qabel ma saret definittiva d-deċiżjoni li timponi l-ewwel sanzjoni.

333 Fir-rigward tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja EDB, minn din tal-aħħar jirriżulta b'mod ċar li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma japplikax f'sitwazzjoni li fiha jiġu imposti diversi sanzjonijiet f'waħda u fl-istess deċiżjoni.

334 B'hekk, mis-sentenza tal-Qorti EDB tas-7 ta' Diċembru 2006, Hauser-Sporn vs L-Awstrija (CE:ECHR:2006:1207JUD003730103), jirriżulta li l-fatt waħdu li att ikun jikkostitwixxi iktar minn ksur wieħed ma jmurx kontra l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB. Skont din l-istess sentenza, huwa biss meta diversi istanzi ta' ksur ibbażati fuq l-istess fatti jiġu pproċessati b'mod konsekuttiv, waħda wara deċiżjoni finali li tikkonċerna l-istanza l-oħra ta' ksur, li hemm lok li, skont il-Qorti tal-Ġustizzja EDB, li jiġi eżaminat jekk l-istanzi ta' ksur jikkondividux l-istess elementi essenzjali.

335 Barra minn hekk, fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja EDB tas-17 ta' Frar 2015, Boman vs Il-Finlandja (CE:ECHR:2015:0217JUD004160411), din tal-aħħar rrilevat li:

"L-Artikolu 4 tal-[p]rotokoll Nru 7 [tal-KEDB] huwa intiż li jipprojbixxi l-iżvolġiment mill-ġdid ta' proċeduri kriminali li jkunu diġà taw lok għal deċiżjoni 'definittiva'.

[...]

Id-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu suġġetti għal appell ordinarju huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-garanzija prevista fl-Artikolu 4 tal-[p]rotokoll Nru 7 [tal-KEDB] dment li ma jkunx skada t-terminu għall-preżentata ta' tali appell."

336 Ir-rikorrenti ammettiet, b'risposta għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, li, f'każ ta' sanzjonijiet suċċessivi, il-Qorti tal-Ġustizzja EDB tapplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem* jekk id-deċiżjoni li timponi l-ewwel sanzjoni tkun saret definittiva.

337 Madankollu, hija tikkonferma li l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni toffri protezzjoni iktar estiża mill-piena doppja, billi tapplika dan il-prinċipju sa mill-adozzjoni ta' deċiżjoni, anki jekk din tal-aħħar tkun għadha ma saritx definittiva.

338 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 307 iktar 'il fuq jirriżulta b'mod ċar li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* "jipprekludi, fil-qasam tal-kompetizzjoni, li impriża tiġi kkundannata jew imħarrka darba oħra minħabba aġir antikompetittiv li abbażi tiegħu ġiet issanzjonata jew li fir-rigward tiegħu ġiet iddikjarata li ma hijiex responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tistax tiġi appellata". Kif jirriżulta mill-punti 322 sa 332 iktar 'il fuq, dan il-prinċipju ma huwiex impoġġi f'dubju mill-ġurisprudenza li tibbaża ruħha fuqha r-rikorrenti.

339 Fl-aħħar, hemm lok li jiġi osservat li, fir-rikors, ir-rikorrenti semmiet ukoll il-prinċipju ta' imputazzjoni (Anrechnungsprinzip). B'risposta għal mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti speċifikat li t-tielet motiv kien ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, li l-prinċipju ta' imputazzjoni kien jikkostitwixxi prinċipju distint, iżda marbut mal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, u li l-prinċipju ta' imputazzjoni kien ġie applikat f'każijiet li fihom il-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma kienx japplika b'mod sħiħ. Barra minn hekk, ir-rikorrenti speċifikat li, fl-opinjoni tagħha, il-prinċipju ta' imputazzjoni ma kellux japplika għal dan il-każ, peress li kellu japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Hija ssostni li, fi kwalunkwe każ, anki jekk il-Qorti Ġenerali kellha tiddeċiedi li kienu jeżisti raġunijiet għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' imputazzjoni f'dan il-każ, ir-riżultat kellu bla dubju jkun l-istess, jiġifieri li l-ammont tal-ewwel multa kellu jitnaqqas minn dak tat-tieni.

340 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-prinċipju ta' imputazzjoni ġie diskuss, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, f'sitwazzjonijiet li jikkonċernaw multi imposti fi Stat Membru jew fi stat terz.

341 Fis-sentenza tat-13 ta' Frar 1969, Wilhelm *et* (14/68, EU:C:1969:4), li ngħatat f'mument li fih ir-Regolament Nru 1/2003 kien għadu mhux fis-seħħ (ara, fir-rigward tas-sitwazzjoni wara l-ħolqien tal-netwerk Ewropew tal-kompetizzjoni, sentenza tat-13 ta' Lulju 2011, ThyssenKrupp Liften Ascenseurs vs Il-Kummissjoni, T-144/07, T-147/07 sa T-150/07 u T-154/07, EU:T:2011:364, punt 187), il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat dan li ġej. L-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jistgħu, bħala prinċipju, jintervjenu kontra akkordju, b'applikazzjoni tad-dritt intern tagħhom, anki meta tkun pendenti proċedura parallela li tikkonċerna dan l-akkordju quddiem il-Kummissjoni. Hija rrilevat ukoll, fil-punt 11 ta' din is-sentenza, li, jekk il-possibbiltà ta' proċedura doppja kellha twassal għal kumulazzjoni ta' sanzjonijiet, rekwiżit ġenerali ta' ekwità kien jitlob li għandu jittieħed kont ta' kull "deċiżjoni repressiva preċedenti" fid-determinazzjoni ta' sanzjoni possibbli (ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' April 1995, Sotralentz vs Il-Kummissjoni, T-149/89, EU:T:1995:69, punt 29). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat, fil-punt 3 tas-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1972, Boehringer Mannheim vs Il-Kummissjoni (7/72, EU:C:1972:125), li, fl-istabbiliment tal-ammont tal-multa, il-Kummissjoni kienet obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni sanzjonijiet "diġà" subiti mill-istess impriża għall-istess fatt, meta dawn ikunu sanzjonijiet imposti għall-ksur tad-dritt tal-akkordji ta' Stat Membru.

342 Għaldaqstant dan huwa prinċipju li japplika meta tkun teżisti "deċiżjoni repressiva preċedenti" jew, fi kliem ieħor, fil-każ ta' sanzjonijiet għal ksur tad-dritt tal-akkordji ta' Stat Membru li jkunu "diġà" ġew subiti mill-istess impriża għall-istess fatt, u mhux fil-każ ta' impożizzjoni ta' żewġ multi mill-istess awtorità f'waħda u l-istess deċiżjoni. Barra minn hekk huwa għal kollox adegwat li dawn it-tipi ta' sitwazzjonijiet jiġu ttrattati b'mod differenti. Fil-fatt, meta l-Kummissjoni u l-awtorità ta' Stat Membru jimponu sanzjonijiet għall-istess akkordju, jeżisti riskju li kull multa, meqjusa b'mod iżolat, tkun proporzjonata, iżda li ż-żewġ multi, meqjusa flimkien, ikunu sproporzjonati, jekk l-eżistenza tal-ewwel multa ma titteħidx inkunsiderazzjoni waqt l-istabbiliment tat-tieni multa. Madankollu, waqt l-istabbiliment ta' diversi multi f'waħda u l-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni tista' tiżgura ruħha li dawn il-multi, meqjusa flimkien, huma proporzjonati, u li l-Qorti Ġenerali tista' wkoll teżamina din il-kwistjoni.

343 Fl-aħħar, ir-rikorrenti ssostni, b'risposta għal mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti Ġenerali, li, fid-dawl tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità, l-impożizzjoni ta' piena doppja għall-istess aġir kienet inġusta kemm fi proċeduri paralleli kif ukoll fi proċeduri suċċessivi. Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, waqt l-impożizzjoni ta' żewġ sanzjonijiet mill-istess awtorità f'waħda u l-istess deċiżjoni, din tal-aħħar tista' tiżgura ruħha li s-sanzjonijiet, meqjusa flimkien, ikunu proporzjonati, u l-qorti tista' wkoll tivverifika l-proporzjonalità tas-sanzjonijiet, meqjusa flimkien (ara l-punt 342 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, l-impożizzjoni ta' żewġ sanzjonijiet għall-istess aġir, mill-istess awtorità f'waħda u l-istess deċiżjoni, ma tistax titqies, bħala tali, li tmur kontra l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' proporzjonalità.

344 Fid-dawl ta' dak li ntqal, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* u l-prinċipju ta' imputazzjoni ma japplikawx għal sitwazzjoni li fiha jiġu imposti diversi sanzjonijiet f'waħda u l-istess deċiżjoni, anki jekk dawn is-sanzjonijiet jiġu imposti għall-istess fatti. Fil-verità, meta l-istess aġir jikser diversi dispożizzjonijiet sanzjonati b'multi, il-kwistjoni dwar jekk diversi multi jistgħux jiġu imposti f'waħda u l-istess deċiżjoni ma taqax taħt il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, iżda taħt il-prinċipji li jirregolaw il-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur (ara, fir-rigward tal-problemi marbuta mal-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur, il-punti 345 sa 373 iktar 'il quddiem).

### *3. Fuq l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur*

345 Ir-rikorrenti ssostni li, skont id-dritt internazzjonali u d-dritt Ġermaniż, il-prinċipju ta' "kunflitt apparenti" jew "kunflitt falz" (unechte Konkurrenz) ifisser li, meta att ikun jidher li jaqa' taħt żewġ dispożizzjonijiet legali, id-dispożizzjoni applikabbli prinċipalment għandha teskludi d-dispożizzjonijiet l-oħra abbażi tal-prinċipji ta' sussidjarjetà, ta' konsum jew ta' speċjalità, li diversi Stati Membri oħra japplikaw il-prinċipju ta' kunflitt apparenti f'forma jew oħra. Fl-opinjoni tagħha, ċertu numru ta' Stati Membri ma jagħmlux riferiment b'mod espliċitu għall-kunċett ta' kunflitt apparenti jew ta' kunflitt falz, iżda jipprojbixxu wkoll l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet doppji għal ksur iktar serju u ksur eħfef inkluż fl-ewwel ksur.

346 Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni f'dan il-każ, ir-rikorrenti ssostni, b'mod partikolari, li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa l-ksur l-iktar speċifiku, filwaqt li l-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament huwa l-ksur l-iktar ġenerali, b'tali mod li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jiġbor fih il-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament jew tal-inqas, jipprekludi lill-Kummissjoni milli timponi multa distinta għal dan tal-aħħar.

347 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

348 Hemm lok li jiġi kkonstatat li, fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, ma jeżistux regoli speċifiċi dwar il-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur. Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq prinċipji tad-dritt internazzjonali u fuq l-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri.

349 Jeħtieġ li jitfakkar li, skont l-argument tar-rikorrenti (ara l-punt 345 iktar 'il fuq), id-"dispożizzjoni applikabbli prinċipalment" għandha teskludi id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha.

350 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tenfasizza ġustament li l-leġiżlatur ma ddefinixxiex ksur bħala li wieħed huwa iktar serju mill-ieħor, it-tnejn huma suġġetti għall-livell massimu skont l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004. Għaldaqstant ma hemm lok li jitqies li waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet hija "applikabbli prinċipalment".

351 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti, li l-ksur tal-Artikolu 4(1) huwa l-ksur l-iktar speċifiku li jiġbor fih il-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, jeħtieġ, barra minn hekk, li jiġi rrilevat dan li ġej.

352 Hemm lok li jitfakkar li ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa ksur instantanju, filwaqt li ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa ksur kontinwu li jibda mill-mument li fih jitwettaq il-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara l-punt 304 iktar 'il fuq).

353 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2988/74, tas-26 ta' Novembru 1974, li jikkonċerna l-perijodi ta' limitazzjoni fil-proċedimenti u l-infurzar tas-sanzjonijiet taħt ir-regoli tal-Komunità Ekonomika Ewropea dwar it-trasport u l-kompetizzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 61), it-terminu ta' preskrizzjoni

huwa ta' tliet snin fir-rigward tal-ksur tad-dispożizzjonijiet marbut man-notifiki tal-impriżi. Minn dan isegwi li t-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' tliet snin għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Għall-kuntrarju, għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, skont l-Artikolu 1(1)(b) tar-Regolament Nru 2988/74, it-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' ħames snin (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 209).

354 Jekk jiġi segwit ir-raġunament tar-rikorrenti, konsegwentement impriża li tikser kemm l-obbligu tan-notifika kif ukoll il-projbizzjoni milli twettaq konċentrazzjoni qabel l-awtorizzazzjoni tagħha tkun f'pożizzjoni iktar vantaġġata meta mqabbla ma' impriża li tikser biss il-projbizzjoni milli twettaq konċentrazzjoni qabel l-awtorizzazzjoni tagħha.

355 Fil-fatt, impriża li tinnotifika konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha, iżda li twettaqha qabel ma tkun kisbet l-awtorizzazzjoni, tiġi ssanzjonata b'multi skont l-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament. Għaldaqstant hija tista' tiġi ssanzjonata għal ksur kontinwu, li jipperdura sal-mument li fih it-tranżazzjoni tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni, u li għalih huwa applikabbli terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin.

356 Għalkemm din l-istess impriża lanqas ma kienet innotifikat il-konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha, il-Kummissjoni tista', skont ir-raġunament segwit mir-rikorrenti, timponi biss multa skont l-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 4(1) ta' dan l-istess regolament. Għaldaqstant, l-impriża tista' tiġi ssanzjonata biss għal ksur instantanju, li għalih japplika terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin biss. Dan ifisser li impriża tkun vantaġġata billi, minbarra l-projbizzjoni milli twettaq konċentrazzjoni qabel l-awtorizzazzjoni tagħha, tikser ukoll l-obbligu li tinnotifikaha.

357 Madankollu hija eskluża interpretazzjoni tar-Regolament Nru 139/2004 li tkun twassal għal tali riżultat assurd.

358 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti, li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa l-ksur l-iktar speċifiku li jiġbor fih il-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, ma jistax jintlaqa'.

359 Dan ir-riżultat ma huwiex impoġġi f'dubju mill-argumenti tar-rikorrenti, imqajma waqt is-seduta, maħsuba sabiex ipoġġu f'dubju l-fatt li l-istanzi ta' ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huma suġġetti għal terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin biss. Fil-fatt, skont il-kliem ċar ħafna tal-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 2988/74, it-terminu ta' preskrizzjoni huwa ta' tliet snin fir-rigward tal-ksur tad-dispożizzjonijiet marbuta man-notifika tal-impriżi.

360 Iċ-ċirkustanza, enfasizzata mir-rikorrenti, li l-leġiżlatur żied il-livell massimu tal-multi previsti għall-ksur tal-obbligu ta' notifika, billi pprovda, fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004 għal livell massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali mwettaq mill-impriżi kkonċernati, kontra livell massimu ta' ECU 50 000 li kien previst fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 4064/89 (ara l-punt 300 iktar 'il fuq), ma hijiex ta' natura li tbiddel it-terminu ta' preskrizzjoni li huwa dejjem irregolat mill-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament Nru 2988/74.

361 Fi kwalunkwe każ, anki jekk jiġi preżunt li t-terminu ta' preskrizzjoni għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 u dak għall-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament huma identiċi, dan ma jpoġġix f'dubju ċ-ċirkustanza, barra minn hekk, mhux ikkontestata mir-rikorrenti, li ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa ksur instantanju, filwaqt li ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa ksur kontinwat. Għaldaqstant, anki f'din l-ipoteżi, il-fatt li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jitqies bħala ksur iktar speċifiku li jiġbor fih il-ksur tal-Artikolu 7(1) ta' dan l-istess regolament, iwassal għall-konsegwenza li

impriża tkun vantaġġata meta tikser ukoll l-obbligu tan-notifika minbarra l-projbizzjoni milli twettaq konċentrazzjoni qabel l-awtorizzazzjoni tagħha. Fil-fatt, jekk jiġi segwit ir-raġunament tar-rikorrenti, impriża li tikser biss il-projbizzjoni milli twettaq konċentrazzjoni qabel ma tikseb l-awtorizzazzjoni tagħha tista' tiġi ssanzjonata għal ksur kontinwu, li jipperdura sakemm it-tranżazzjoni tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern, filwaqt li impriża li tikser ukoll l-obbligu li tinnotifika l-konċentrazzjoni qabel it-twettiq tagħha tista' tiġi ssanzjonata biss għal ksur instantanju. Għaldaqstant, din l-aħħar imsemmija impriża tkun vantaġġata meta mqabbla ma' dik tal-ewwel, min-naħa, fir-rigward tat-tul tal-ksur u, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-punt tat-tluq tat-terminu ta' preskrizzjoni. Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa'.

362 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat li kien b'mod ġust li l-Kummissjoni ssanzjonat lir-rikorrenti għall-ksur taż-żewġ dispożizzjonijiet.

363 Dan ir-riżultat ma huwiex impoġġi f'dubju mill-argumenti l-oħra mqajma mir-rikorrenti.

364 Ir-rikorrenti tikkonferma li "l-ġurisprudenza stabbilita tal-qrati internazzjonali tipprojbixxi s-sanzjoni doppja ta' persuna minħabba li din tkun kisret dispożizzjoni li ma tistax tiġi miksura biss jekk ma tiġix miksura wkoll dispożizzjoni oħra". Hija tiċċita, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Yugoslavja (iktar 'il quddiem it-"TPIY") u tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda.

365 Ir-rikorrenti tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq is-sentenza tat-TPIY, Il-Prokuratur vs Vidoje Blagojević & Dragan Jokić, Kawża Nru IT-02-60-T, tas-17 ta' Jannar 2005, paragrafu 799, li tistabbilixxi dan li ġej:

"Jistgħu jiġu stabbiliti diversi dikjarazzjonijiet ta' ħtija abbażi ta' dispożizzjonijiet differenti tal-Istatut, iżda minħabba l-istess aġir, biss jekk kull waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tinkludi element nettament distint li jkun nieqes fl-oħra. [...] Il-ksur l-iktar speċifiku jiġbor fih dak li huwa inqas speċifiku, peress li l-twettiq tal-ewwel ksur jimplika li t-tieni ksur twettaq ukoll".

366 Mis-sentenza tat-TPIY, Il-Prosekutur vs Dragoljub Kunarac, Radomir Kovač u Zoran Vuković, Kawża Nru IT-96-23 & IT-96-23/1-A, tat-12 ta' Ġunju 2002, paragrafu 168, jirriżulta li dan l-approċċ huwa ispirat ħafna mis-sentenza tas-Supreme Court of the United States (qorti suprema tal-Istati Uniti) fil-Kawża Blockburger vs United States, 284 U.S. 299 (1932).

367 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fis-sentenza Alfred Musema vs Il-Prosekutur, Kawża Nru ICTR-96-13-A, tas-16 ta' Novembru 2001, paragrafu 360, it-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda kkonstata li l-approċċi nazzjonali li jikkonċernaw il-kwistjoni ta' kundanni multipli abbażi tal-istess fatti kienu diverġenti.

368 Hemm lok li jiġi rrilevat li l-fatt waħdu li t-TPIY japplika, għall-finijiet tas-sentenzi tiegħu li jimponu sanzjonijiet kriminali, ċertu kriterju ta' eżami, li joriġina mid-dritt tal-Istati Uniti, bl-ebda mod ma jimplika li l-Kummissjoni jew il-qrati tal-Unjoni huma obbligati li japplikaw dan l-istess kriterju. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li t-TPIY ma jeżaminax il-konformità mad-drittijiet fundamentali tad-deċiżjonijiet meħuda jew tas-sentenzi mogħtija fil-livell nazzjonali. Huwa jillimita ruħu għall-istabbiliment, għall-finijiet tas-sanzjonijiet kriminali li jimponi huwa stess, prinċipji li huwa japplika fil-każ li l-istess att ikun jikser diversi dispożizzjonijiet kriminali. Għaldaqstant it-TPIY sempliċement jiddetermina, għall-finijiet tas-sentenzi tiegħu stess, l-approċċ li huwa jqis bħala l-iktar adatt. Dan bl-ebda mod ma jimplika li t-TPIY stabbilixxa prinċipju ġenerali tad-dritt internazzjonali li għandu jiġi segwit mill-Istati kollha jew mill-Unjoni. Dan jgħodd ukoll għall-ġurisprudenza tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda.

369 Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-ġurisprudenza tat-TPIY u tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għar-Rwanda għandhom jiġu miċħuda.

370 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tiddikjara li l-għan stess tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa "li tiġi prekluża il-kumulazzjoni tas-sanzjonijiet għal aġir li, bħal f'dan il-każ, jikser simultanjament dispożizzjonijiet legali distinti".

371 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li din ma hijiex kwistjoni li taqa' taħt il-prinċipju ta' ne bis in idem. Barra minn hekk, ir-regoli marbuta mal-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur ma jipprojbixxux b'mod ġenerali li impriża tiġi ssanzjonata għal ksur ta' diversi dispożizzjonijiet legali distinti anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ikunu ġew miksura permezz tal-istess aġir.

372 Ir-rikorrenti sempliċiment jagħmlu riferiment għall-prinċipju ta' "kunflitt apparenti" jew "kunflitt falz" li jfisser li meta att ikun jidher li jaqa' taħt żewġ dispożizzjonijiet legali, id-dispożizzjoni applikabbli prinċipalment għandha teskludi id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha (ara l-punt 345 iktar 'il fuq). Madankollu l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tippreżumi li tkun teżisti "dispożizzjoni applikabbli prinċipalment". Jekk ma tkunx teżisti tali dispożizzjoni, kif ġara fil-każ ineżami, il-ksur simultanju ta' dispożizzjonijiet legali distinti jikkostitwixxi konkors ideali ta' istanzi differenti ta' ksur.

373 Peress li f'dan il-każ ma teżistix dispożizzjoni applikabbli prinċipalment, hemm lok li jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti.

374 Minn dak kollu li ntqal preċedentement hemm lok li t-tielet motiv jiġi miċħud.

### D. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt imwettaq bl-impożizzjoni ta' multi fuq ir-rikorrenti

375 Ir-raba' motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u, it-tieni, fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament.

#### *1. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nullum crimen, nulla poena sine lege*

376 Ir-rikorrenti ssostni li l-impożizzjoni ta' multa f'dan il-każ tikser l-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 7(1) tal-KEDB, li jipprovdi li l-liġi għandha tiddefinixxi b'mod ċar il-ksur u l-pieni li bihom jiġi punit. Fl-opinjoni tagħha, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, li ngħatat fid-deċiżjoni kkontestata, timplika l-użu ta' kunċetti tant wiesa' u ta' kriterji tant vagi li d-dispożizzjoni kriminali inkwistjoni ma għandhiex il-kwalità rikjesta skont il-KEDB f'termini ta' ċarezza ta' prevedibbiltà tal-effetti tagħha.

377 Qabel xejn, jeħtieġ li jitfakkar li skont il-ġurisprudenza, il-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni (*nullum crimen, nulla poena sine lege*) jirrikjedi li l-liġi tiddefinixxi b'mod ċar il-ksur u l-pieni li bihom dan jiġi punit. Dan ir-rekwiżit ikun sodisfatt meta l-individwu jista' jkun jaf, mill-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti u jekk meħtieġ bl-għajnuna tal-interpretazzjoni li l-qrati taw ta' din id-dispożizzjoni, liema atti jew ommissjonijiet jagħtu lok għar-responsabbiltà kriminali tiegħu (ara s-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, C-194/14 P, EU:C:2015:717, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

378 Bl-istess mod, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-prinċipju ta' legalità japplika kemm għal-liġijiet ta' natura kriminali kif ukoll għal strumenti amministrattivi speċifiċi li jimponu jew jippermettu l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u li japplika mhux biss għal-liġijiet li jistabbilixxu l-elementi li jikkostitwixxu ksur, iżda wkoll għal dawk li jiddefinixxu l-konsegwenzi li jirriżultaw minn ksur tal-ewwel imsemmija liġijiet (ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, EU:T:2006:270, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

379 F'dan il-każ, jeħtieġ li jitfakkar li r-rikorrenti ġiet immultata, skont l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004, peress li kisret l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara l-punt 199 iktar 'il fuq). Il-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet huwa ċar. L-ebda minn dawn id-dispożizzjonijiet ma tinkludi kunċetti wiesa', u lanqas kriterji vagi.

380 Essenzjalment, ir-rikorrenti tinvoka l-assenza ta' ċarezza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, li tipprovdi għal eċċezzjoni.

381 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, anki jekk jiġi preżunt li r-rekwiżit ta' ċarezza li jirriżulta mill-prinċipju ta' legalità tal-pieni japplika għad-dispożizzjonijiet li jipprovdu għal eċċezzjoni minn projbizzjoni li l-ksur tagħha huwa punit b'multi, l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, skont il-kliem tiegħu, ma huwiex applikabbli għal sitwazzjonijiet bħal dak inkwistjoni f'dan il-każ (ara l-punti 68 sa 83 iktar 'il fuq).

382 Għaldaqstant, ir-rikorrenti setgħet tkun taf, mill-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti, li t-twettiq tal-akkwist ta' Diċembru 2012 mingħajr notifika u awtorizzazzjoni minn qabel kien punit b'multi.

383 Peress li r-rikorrenti setgħet tkun taf, mill-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti, ma kienx neċessarju li dawn jiġu suġġetti għal interpretazzjoni mill-qrati. Fil-fatt, skont il-formulazzjoni ċċitata fil-punt 377 iktar 'il fuq, għandu jkun li s-suġġett jista' jsir jaf, mill-kliem tad-dispożizzjoni rilevanti u "jekk meħtieġ" bl-għajnuna tal-interpretazzjoni li din tingħata mill-qrati, liema atti u ommissjonijiet jistgħu jwasslu għar-responsabbiltà kriminali tiegħu.

384 Ċertament huwa minnu li l-*obiter dictum* fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow ma jikkorrispondix ma' interpretazzjoni minn qrati, u inqas u inqas ma' "ġurisprudenza stabbilita u ppubblikata". F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, minbarra t-test tal-liġi stess, hemm lok li jittieħed kont tal-kwistjoni dwar jekk il-kunċetti indeterminati użati ġewx speċifikati minn ġurisprudenza stabbilita u ppubblikata (ara s-sentenza tat-28 ta' April 2010, Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, T-446/05, EU:T:2010:165, punt 129 u l-ġurisprudenza ċċitata).

385 Madankollu, l-argumenti tar-rikorrenti f'dan ir-rigward huma ineffettivi, peress li speċifikazzjoni mill-ġurisprudenza ma hijiex neċessarja meta l-kliem tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni huwa ċar u ma jinkludi l-ebda kunċett indeterminat li jirrikjedi li jiġi speċifikat.

386 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jitfakkar li r-rikorrenti essenzjalment tipprova twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "konċentrazzjoni unika" u li b'hekk twessa l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara l-punt 203 iktar 'il fuq).

387 Il-prinċipju ta' legalità tar-reati u tal-pieni ma jimplikax li huwa neċessarju li tingħata interpretazzjoni wiesa' tal-kamp ta' applikazzjoni ta' kunċett li ma huwiex inkluż fil-kliem ta' dispożizzjoni li tipprovdi għal eċċezzjoni minn projbizzjoni li l-ksur tagħha huwa punit b'multi, bil-għan li jiġi estiż kamp ta' applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni lil hinn mill-kliem tiegħu.

388 L-eżistenza ta' ksur u l-impożizzjoni ta' multi kienu prevedibbli għar-rikorrenti. Jeħtieġ li jitfakkar li, fil-kuntest tal-eżami tat-tieni motiv, in-natura negliġenti tal-aġir tar-rikorrenti kienet diġà ġiet ikkonstatata.

389 Barra minn hekk, il-fatt waħdu li, fil-mument li fih twettaq il-ksur, il-qrati tal-Unjoni kien għad ma kellhomx l-opportunità li jesprimu ruħhom speċifikament dwar aġir preċiż ma jeskludix, bħala tali, li impriża, jekk ikun xieraq, jaf taffaċċja sitwazzjoni li fiha l-aġir tagħha jista' jiġi ddikjarat inkompatibbli mar-regoli tal-kompetizzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, C-194/14 P, EU:C:2015:717, punt 43).

390 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB jirriżulta wkoll li n-novità, fid-dawl b'mod partikolari tal-ġurisprudenza, tal-kwistjoni legali mqajma ma tikkostitwixxix fiha nnifisha ksur tar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà u ta' prevedibbiltà tal-liġi, peress li s-soluzzjoni adottata kienet tifforma parti minn interpretazzjonijiet possibbli u raġonevolment prevedibbli (Qorti EDB, 1 ta' Settembru 2016, X u Y vs Franza, CE:ECHR:2016:0901JUD004815811). Barra minn hekk, mill-paragrafu 60 ta' din l-istess sentenza jirriżulta li, anki fil-każ li l-artikulazzjoni tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni f'każ partikolari tista' tikkostitwixxi diffikultà serja ta' interpretazzjoni, dan ma jfissirx li l-awtorità kompetenti hija inkapaċi li tikklassifika legalment in-nuqqasijiet imwettaqa f'każ partikolari.

391 L-argument tar-rikorrenti li l-approċċ tal-Kummissjoni fil-kawża odjerna kien jikkontradixxi l-approċċ li hija segwiet fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni LGI/Telenet, diġà ġie miċħud fil-punti 141 sa 144 iktar 'il fuq.

392 Fir-rigward tad-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li, fl-assenza ta' preċedenti rilevanti, il-prassi tal-qrati tal-Unjoni u tal-Kummissjoni, stabbilita għal żmien twil, kienet li tastjeni milli timponi ebda multa, jew li timponi biss multa simbolika, hemm lok li jiġi rrilevat li ma teżisti l-ebda prassi stabbilita f'dan is-sens. Ċertament, jeżistu każijiet li fihom il-Kummissjoni ma imponiet ebda multa jew imponiet biss multa simbolika fl-assenza ta' preċedenti. Madankollu, f'każijiet oħra, il-Kummissjoni imponiet multi għoljin anki f'sitwazzjonijiet li fihom ma kinux jeżistu preċedenti marbuta ma' aġir li jippreżenta l-istess karatteristiċi.

393 Mill-ġurisprudenza jirriżulta l-fatt li jkun għadu ma ġiex eżaminat aġir li jippreżenta l-istess karatteristiċi f'deċiżjonijiet preċedenti ma jeżentax lil impriża mir-responsabbiltà tagħha (sentenzi tad-9 ta' Novembru 1983, Nederlandsche Banden-Industrie-Michelin vs Il-Kummissjoni, 322/81, EU:C:1983:313, punt 107 u tal-1 ta' Lulju 2010, AstraZeneca vs Il-Kummissjoni, T-321/05, EU:T:2010:266, punt 901). Fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi, il-Kummissjoni imponiet multi li ma kinux ta' ammont simboliku.

394 Għaldaqstant, l-ewwel parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

### *2. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament*

395 Fil-kuntest tat-tieni parti tar-raba' motiv, ir-rikorrenti essenzjalment tinvoka, tliet każijiet preċedenti u titlob l-istess trattament. Fl-ewwel tinvoka l-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, fit-tieni lok, tinvoka s-sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50), u, fit-tielet lok, is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245).

396 Kif tenfasizza r-rikorrenti, il-kawża odjerna u dik li tat lok għad-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow it-tnejn jikkonċernaw l-akkwist ta' sehem inizjali "tal-bidu" mingħand azzjonist prinċipali tal-kumpannija mmirata, li ta lok għal obbligu li tiġi mnedija offerta pubblika. L-offerta pubblika ġiet imnedija ftit wara t-twettiq tal-akkwist inizjali, u l-akkwirenti informaw lill-Kummissjoni bil-konċentrazzjoni ftit wara dan tal-aħħar u astjenew milli jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot.

397 Fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, il-Kummissjoni ma fetħitx investigazzjoni u ma imponietx multi. Skont ir-rikorrenti, l-ebda differenza oġġettiva ma tiġġustifika t-trattament differenti tal-kumpannija Yara u tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti tistieden lill-Qorti Ġenerali tadotta l-approċċ segwit fis-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50, punt 487), li fiha hija kkonstatat li multa ma kinitx iġġustifikata peress li l-Kummissjoni ma kinitx imponiet multa f'deċiżjoni preċedenti marbuta ma' aġir simili.

398 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanza li l-Kummissjoni ma imponietx multa lill-awtur ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni ma tistax, fih nnifisha, tipprekludi li tiġi imposta multa lill-awtur ta' ksur tal-istess natura (sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni, T-86/95, EU:T:2002:50, punt 487). Barra minn hekk, ġaladarba impriża tkun, permezz tal-aġir tagħha stess, wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, hija ma tistax taħrab minn kull sanzjoni peress li operaturi ekonomiċi oħra ma ġewx immultati, meta, bħal f'dan il-każ, il-qorti tal-Unjoni ma tkunx adita bis-sitwazzjoni ta' dawn tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2014, Sasol *et* vs Il-Kummissjoni, T-541/08, EU:T:2014:628, punt 194).

399 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fis-sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50), il-Qorti Ġenerali ma llimitatx ruħha sempliċement għall-konstatazzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx imponiet multa f'deċiżjoni preċedenti marbuta ma' aġir simili bil-għan li tiġġustifika l-annullament tal-multa. B'mod partikolari il-Qorti Ġenerali kkonstatat li "it-trattament legali li jeħtieġ li jiġi ddedikat għal dan it-tip ta' ftehim, b'mod partikolari minħabba r-rabtiet mill-qrib tiegħu mat-trasport marittimu li huwa suġġett għal leġiżlazzjoni speċifika u eċċezzjonali ħafna fid-dritt tal-kompetizzjoni, ma huwiex wieħed evidenti u jqajjem, b'mod partikolari, kwistjonijiet kumplessi ta' natura kemm ekonomika kif ukoll legali" (sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni, T-86/95, EU:T:2002:50, punt 484), li "diversi elementi setgħu jistiednu lir-rikorrenti jemmnu fil-legalità tal-ftehim inkwistjoni" (sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni, T-86/95, EU:T:2002:50, punt 485) u li, "fid-deċiżjoni tagħha 94/980, il-Kummissjoni ma imponietx multa fuq il-kumpanniji li kienu partijiet f'dan il-ftehim, u dan meta l-ftehim inkwistjoni kien mhux biss jipprevedi l-istabbiliment tal-prezzijiet tas-settur tat-trasport multimodali bl-art, iżda, barra minn hekk, kien jinkludi fih istanzi ta' ksur serju tar-regoli tal-kompetizzjoni" (sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni, T-86/95, EU:T:2002:50, punt 487). Fir-rigward tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/980/KE, tad-19 ta' Ottubru 1994, dwar proċedura skont l-Artikolu 85 tat-Trattat KE (IV/34.446 - Trans Atlantic Agreement) (ĠU L 376, p. 1), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li din kienet deċiżjoni "mogħtija ftit taż-żmien qabel id-deċiżjoni kkontestata" (sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni, T-86/95, EU:T:2002:50, punt 487).

400 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li d-Deċiżjoni 94/980 hija ddatata d-19 ta' Ottubru 1994 u li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50), id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kienet ġiet innotifikata b'ittra tal-21 ta' Diċembru 1992 u d-deċiżjoni kkontestata kienet tal-21 ta' Diċembru 1994, kif jirriżulta mill-punti 20 u 22 ta' dik is-sentenza.

401 Minn dan isegwi li l-operaturi inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50) ma kellhomx il-possibbiltà li jieħdu inkunsiderazzjoni l-kjarifiki pprovduti mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha 94/980 bil-għan li tevita ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, meta dawn setgħu jiksbu konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 1994, dawn ma kinux f'pożizzjoni li jbiddlu b'mod retroattiv l-aġir tagħhom li ta lok għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet li ġiet innotifikata b'ittra tal-21 ta' Diċembru 1992.

402 Madankollu, f'dan il-każ, id-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow kienet ilha teżisti ħames snin meta r-rikorrenti wettqu l-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni. Għaldaqstant, ir-rikorrenti setgħet tieħu inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 f'din id-deċiżjoni, minkejja li f'*obiter dictum*, u, jekk xieraq, tidħol f'kuntatt mal-Kummissjoni dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil din id-dispożizzjoni.

403 F’dan ir-rigward, ir-rikorrenti tiddikjara li l-Kummissjoni injorat element essenzjali tal-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta’ Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50), li jirrendi d-differenza fil-ħin irrilevanti, jew tal-inqas insinjifikattiv. Din l-aħħar imsemmija kawża kienet tinvolvi deċiżjoni dwar ksur abbażi tal-Artikolu 101 TFUE, b’paragun ma’ sempliċi *obiter dictum* fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, jiġifieri deċiżjoni ta’ awtorizzazzjoni ta’ konċentrazzjoni.

404 Dan l-argument tar-rikorrenti ma jistax jintlaqa’. Fil-fatt, il-fatt waħdu li d-Deċiżjoni 94/980 kienet tikkostitwixxi deċiżjoni li tikkonstata ksur ma seta’ jkun ta’ ebda għajnuna għall-operaturi bil-għan li jiġu evitati istanzi ta’ ksur infrazzjonijiet li kienu diġà twettqu fid-data ta’ dik id-deċiżjoni. Madankollu, f’dan il-każ, l-eżistenza tal-*obiter dictum* fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow setgħet tagħti indikazzjonijiet fuq il-mod kif għandu jiġi interpretat l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 u għaldaqstant tgħin lir-rikorrenti jevita li jwettaq il-ksur inkwistjoni.

405 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi osservat li r-rikorrenti tibbaża ruħha, minn naħa, fuq l-allegata prassi tal-qrati tal-Unjoni u tal-Kummissjoni li tikkonsisti fl-astensjoni mill-impożizzjoni ta’ ebda multa, jew fl-impożizzjoni ta’ multa simbolika fl-assenza ta’ preċedenti rilevanti (ara l-punt 392 iktar ’il fuq) u, min-naħa l-oħra, fuq il-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament meta mqabbla ma’ impriża oħra li ma ġietx immultata.

406 Jekk tiġi segwita l-loġika tar-raġunament, il-Kummissjoni qatt ma tkun tista’ timponi multi li jeċċedu ammont simboliku. Fil-fatt, fl-ewwel deċiżjoni li tikkonċerna aġir partikolari, hija tkun obbligata li ma timponix multi li jeċċedu ammont simboliku, fl-assenza ta’ preċedenti rilevanti. Fil-kawżi sussegwenti, hija tkun obbligata li ma timponix multi li jeċċedu ammont simboliku minħabba l-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament.

407 Hemm lok li jitqies li l-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament, inkonnessjoni ma’ impriża li fir-rigward tagħha ma ġiet imposta l-ebda multa f’deċiżjoni preċedenti għall-istess tip ta’ aġir, bħala prinċipju, jista’ jiġi invokat utilment minn operaturi li ma kellhomx il-possibbiltà li jieħdu inkunsiderazzjoni il-kjarifiki pprovduti fid-deċiżjoni preċedenti, sabiex jevitaw li jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni, peress li din id-deċiżjoni ngħatat f’mument li fih il-ksur kien diġà twettaq.

408 Barra minn hekk, f’dan il-każ, ma kienx hemm ħafna elementi li setgħu jistiednu lir-rikorrenti jemmnu fil-legalità tal-aġir tagħhom, għall-kuntrarju ta’ dak li kkonstatat il-Qorti Ġenerali fis-sentenza tat-28 ta’ Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50, punt 485).

409 Minn dak li ntqal jirriżulta li, f’dan il-każ, ma hemmx lok jiġi segwit l-istess approċċ segwit fis-sentenza tat-28 ta’ Frar 2002, Compagnie générale maritime *et* vs Il-Kummissjoni (T-86/95, EU:T:2002:50), u li r-rikorrenti ma tistax tinvoka utilment din is-sentenza bil-għan li ssejjes l-argument tagħha bbażat fuq l-allegat ksur tal-prinċipju ta’ ugwaljanza fit-trattament.

410 Fir-rigward tas-sentenza tat-30 ta’ Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), jeħtieġ li jiġi rrilevat li, f’din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien iġġustifikat li ma tiġix imposta (punt 1633 tas-sentenza). Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tadotta l-istess konklużjoni fil-kawża odjerna.

411 Fis-sentenza tat-30 ta’ Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), il-Qorti Ġenerali adottat l-elementi li ġejjin bħala ġustifikazzjoni sabiex ma timponix multa:

– fl-ewwel lok, ir-rikorrenti fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza kienu kixfu, b’inizjattiva tagħhom, il-prattiki li ġew meqjusa mill-Kummissjoni bħala li jikkostitwixxu prattiċi abbużivi (punti 1603 sa 1610 tas-sentenza);

– fit-tieni lok, id-deċiżjoni inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza kienet tikkostitwixxi l-ewwel deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni kienet evalwat direttament il-legalità tal-prattiċi adottati mill-konferenzi marittimi fil-qasam tal-kuntratti ta' servizz fid-dawl tar-regoli tal-kompetizzjoni (punti 1611 sa 1614 tas-sentenza);

– fit-tielet lok, it-trattament legali li kellu jiġi ddedikat għall-prattiċi inkwistjoni ma huwiex wieħed evidenti u jqajjem, b'mod partikolari, kwistjonijiet kumplessi fil-livell legali (punti 1615 u 1616 tas-sentenza);

– fir-raba' lok, l-abbuż li jirriżulta mill-prattiċi fil-qasam tal-kuntratti ta' servizz ma kienx jikkostitwixxi forma klassika ta' prattika abbużiva (punti 1617 sa 1621 tas-sentenza);

– fil-ħames lok, ir-rikorrenti fil-kawża li tat lok għas-sentenza kellhom ir-raġunijiet kollha sabiex jemmnu, matul il-proċedura amministrattiva, li l-Kummissjoni ma kinitx ser timmultahom minħabba l-prattiki tagħhom fil-qasam tal-kuntratti ta' servizz (punti 1622 sa 1632 tas-sentenza).

412 Jeħtieġ li jiġu eżaminata l-argumenti mqajma mir-rikorrenti insostenn tad-dikjarazzjoni tagħha li s-sitwazzjoni li fuqha ngħatat is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), hija paragunabbli ma' dik li fuqha hija msejsa l-kawża odjerna.

413 Ir-rikorrenti tiddikjara, fl-ewwel lok, li, bl-istess mod bħar-rikorrenti fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), hija rrilevat l-allegat ksur b'inizjattiva tagħha, billi informant lill-Kummissjoni immedjatament bil-konċentrazzjoni.

414 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li ċ-ċirkustanzi tal-kawża odjerna ma huma bl-ebda mod paragunabbli ma' dawk li fuqhom ngħatat is-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245).

415 Fil-Kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), in-notifika tal-ftehim inkwistjoni saret fuq bażi volontarja. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-ebda wieħed mir-regolamenti inkwistjoni ma kien jipprevedi sistema ta' notifika obbligatorja għall-għoti ta' eżenzjoni individwali, b'tali mod li n-notifika tal-ftehim TACA, jiġifieri l-ftehim inkwistjoni f'dik il-kawża kien sar mir-rikorrenti fuq bażi volontarja (sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245, punt 1606).

416 F'dan il-każ, ir-rikorrenti kienet obbligata li tinnotifika l-konċentrazzjoni inkwistjoni, li kienet tikkostitwixxi konċentrazzjoni ta' daqs Komunitarju, u barra minn hekk hija qieset li kienet obbligata li tinnotifikaha skont l-Artikolu 7(2)(a) tar-Regolament Nru 139/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 4 ta' dan l-istess regolament.

417 Barra minn hekk, f'dan il-każ, in-notifika saret wara li twettqet il-konċentrazzjoni, filwaqt li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), l-impriżi inkwistjoni kienu nnotifikaw il-ftehim inkwistjoni qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Kif jirriżulta mill-punti 34 u 37 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), il-ftehim inkwistjoni fil-kawża li tat lok għal dik is-sentenza kien ġie nnotifikat fil-5 ta' Lulju 1994 u daħal fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 1994.

418 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tiddikjara li deċiżjoni f'dan il-każ tikkostitwixxi l-ewwel deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni evalwat il-portata tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 bil-mod kif għamlet dan. Bl-istess mod bħal fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container

Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), id-deċiżjoni kkontestata hija b'hekk l-ewwel deċiżjoni li fiha l-Kummissjoni evalwat direttament il-legalità tal-prattiki inkwistjoni.

419 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, il-Kummissjoni kienet diġà esprimiet ruħha, minkejja li permezz ta' *obiter dictum*, dwar l-interpretazzjoni li jeħtieġ li tingħata lill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni fil-kawża odjerna ma hijiex paragunabbli ma dik li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245).

420 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq il-punt 1614 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245). F'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat:

"[G]ħalkemm huwa minnu […] li, fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tagħha fil-kawża TAA, hija indikat lill-partijiet fit-TAA li hija kienet tipprevedi li timponi multi għal abbuż mill-pożizzjoni dominanti fil-qasam tal-kuntratti ta' servizzi, għandu jiġi osservat li, fid-deċiżjoni finali tagħha, il-Kummissjoni bl-ebda mod ma kkonstatat ksur tal-Artikolu 86 tat-Trattat minn dan il-lat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tan-natura provviżorja tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ir-rikorrenti setgħu jemmnu li l-Kummissjoni kienet irtirat l-ilmenti tagħha dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 86 tat-Trattat għall-prattiki fil-qasam tal-kuntratti ta' servizzi."

421 Ir-rikorrenti tqis li, b'analoġija, fl-assenza ta' azzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kumpannija Yara, hija setgħet temmen li l-Kummissjoni kienet irtirat l-ilmenti tagħha dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

422 Madankollu, dawn is-sitwazzjonijiet ma humiex paragunabbli. Dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet tikkostitwixxi biss dokument preparatorju li barra minn hekk ma huwiex ippubblikat. Barra minn hekk, fil-Kawża TAA, imsemmija fil-punt 1614 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), il-Kummissjoni kienet adottat deċiżjoni, iżda hija ma kinitx ikkonstatat l-eżistenza ta' ksur li jikkonsisti f'abbuż minn pożizzjoni dominanti fil-qasam tal-kuntratti ta' servizz f'din id-deċiżjoni. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat li r-rikorrenti f'din il-kawża setgħu jemmnu li l-Kummissjoni kienet irtirat parti mill-ilmenti tagħha.

423 Għall-kuntrarju, l-*obiter dictum* fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow kien kapaċi jagħti lill-impriżi indikazzjoni dwar il-mod kif il-Kummissjoni tinterpreta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. Il-fatt li hija ma bdietx il-proċedura fil-konfront tal-kumpannija Yara ma tippermettix lill-operaturi jqisu li l-Kummissjoni kienet biddlet ħsiebha dwar din l-interpretazzjoni. Fil-fatt, il-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk jeħtieġx jew li jiġi investigat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni, u hija tista' tiddefinixxi il-prijoritajiet tagħha. Bl-ebda mod ma huwa permess li jiġi konkluż li l-Kummissjoni tqis li aġir huwa legali peress li hija ma tkun iddeċidiet li ma tiftaħx investigazzjoni f'dan ir-rigward.

424 Sussegwentement, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq il-punt 1615 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245). F'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li "ma jistax jiġi serjament ikkontestat li t-trattament legali li jeħtieġ li jingħataw il-prattiki tal-konferenzi marittimi dwar il-kuntratti ta' servizzi ma kinux jippreżentaw, b'mod partikolari minħabba r-rabta mill-qrib tagħhom mal-ftehimiet suġġetti għall-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mil-leġiżlazzjoni għal kollox speċifika u eċċezzjonali fid-dritt tal-kompetizzjoni, evidenti u kienu jqajjmu, b'mod partikolari, kwistjonijiet kumplessi fuq il-livell legali". Ir-rikorrenti tqis li l-interpretazzjoni mogħtija fid-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienet, bl-istess mod, altru mhux evidenti.

425 Madankollu hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-punt 1615 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha b'mod partikolari fuq ir-rabtiet mill-qrib eżistenti bejn il-prattiki inkwistjoni u "l-ftehimiet suġġetti għall-eżenzjoni skont il-kategorija prevista mil-leġiżlazzjoni għal kollox speċifika u eċċezzjonali fid-dritt tal-kompetizzjoni". Għaldaqstant dawn kienu ċirkustanzi għal kollox partikolari, li ma jeżistux fil-kawża odjerna.

426 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tirrileva li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 1617 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), li "l-abbuż li jirriżulta mill-prattiki fil-qasam tal-kuntratti ta' servizzi ma [kienx jikkostitwixxi] forma klassika ta' prattika abbużiva fis-sens tal-Artikolu 86 tat-Trattat". Fl-opinjoni tagħha, il-kawża odjerna tikkostitwixxi, l-iktar l-iktar, kawża ta' interpretazzjoni żbaljata ta' eżenzjoni, iktar milli ksur klassiku ċar tal-obbligu ta' *status quo*.

427 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-obbligu tan-notifikazzjoni tal-konċentrazzjoni inkwistjoni u li l-impriża tistenna l-awtorizzazzjoni tagħha qabel it-twettiq tagħha jirriżulta b'mod ċar mill-kliem tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Il-fatt li r-rikorrenti setgħet tinterpreta b'mod żbaljat l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma jistax jeżentaha mir-responsabbiltà tagħha.

428 Fl-aħħar, ir-rikorrenti tenfasizza li l-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punti 1626 u 1627 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), li, "minkejja skambju kontinwu ta' korrispondenza mal-partijiet fit-TACA matul il-proċedura amministrattiva fil-kawża odjerna, il-Kummissjoni, sal-ħruġ tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ma informatx lill-imsemmija partijiet li hija kellha l-intenzjoni li tikklassifika l-prattiki inkwistjoni mhux biss bħala restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 85 tat-Trattat, iżda wkoll bħala abbuż minn pożizzjoni dominanti fis-sens tal-Artikolu 86 tat-Trattat", u li "kien [jeħtieġ] li jitfakkar li l-multi kollha imposti permezz tad-deċiżjoni kkontestata kienu [ġew] hekk imposti għall-perijodu ta' bejn in-notifika tal-ftehim TACA u l-ħruġ tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet".

429 Ir-rikorrenti tiddikjara, b'analoġija, li minkejja skambju kontinwu ta' korrispondenza bejnha u l-Kummissjoni dwar il-portata tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Kummissjoni, ma ntbagħtet id-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, ma informatx lir-rikorrenti li hija kellha l-intenzjoni li tikklassifika t-tranżazzjoni bħala ksur tal-obbligu ta' *status quo*. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, "il-multi kollha imposti permezz tad-[deċiżjoni] ġew hekk imposti għall-perijodu ta' bejn in-notifika tal-[operazzjoni] u l-[awtorizzazzjoni] tagħha".

430 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li s-sitwazzjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245) ma hija bl-ebda mod paragunabbli ma' dik inkwistjoni fil-kawża odjerna.

431 Qabel xejn, hemm lok li jiġi rrilevat li d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li, b'analoġija mal-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), f'dan il-każ, "il-multi kollha imposti permezz tad-[deċiżjoni] ġew hekk imposti għall-perijodu ta' bejn in-notifika tal-[operazzjoni] u l-[awtorizzazzjoni] tagħha", hija totalment infondata.

432 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li twettaq fit-18 ta' Diċembru 2012, u ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, li twettaq fil-perijodu ta' bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u t-30 ta' Settembru 2013.

433 L-ewwel kuntatt tar-rikorrenti mal-Kummissjoni, jiġifieri t-talba għall-ħatra ta' grupp inkarigat sabiex jipproċessa l-fajl tagħha li jikkonċerna l-akkwist tal-kontroll esklużiv ta' Morpol, sar fil-21 ta' Diċembru 2012.

434 Anki meta sar l-ewwel kuntatt tar-rikorrenti mal-Kummissjoni, il-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien b'hekk ġie tterminat u dak tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien beda. Is-sitwazzjoni kienet identika, għal raġunijiet iktar qawwija, meta saret in-notifika formali, jiġifieri fid-9 ta' Awwissu 2013.

435 Peress li r-rikorrenti daħlet f'kuntatt mal-Kummissjoni unikament wara li wettqet il-ksur, hija bl-ebda mod ma tista' titlob l-istess trattament bħal dak mogħti lir-rikorrenti fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), li kienu nnotifikaw il-ftehim TACA, fuq bażi volontarja, qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu (ara l-punti 415 u 417 iktar 'il fuq).

436 Barra minn hekk, mill-punt 1620 tas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245) jirriżulta li, f'din il-kawża li tat lok għal din is-sentenza, "[kien] biss fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, wara tliet snin ta' eżami tal-prattiki inkwistjoni, li l-Kummissjoni [kienet] indikat għall-ewwel darba lill-partjiet f'TACA li hija kienet tipprevedi li tapplika l-Artikolu 86 tat-Trattat għall-imsemmija prattiki, u dan minkejja li kien jirriżulta mill-korrispondenza skambjata matul il-proċedura amministrattiva li hija kienet diġà eżaminat dawn il-prattiki fid-dettall fl-aħħar tal-1994 u fil-bidu tal-1995", u li, "madankollu [f']dan l-istadju, il-Kummissjoni fl-ebda mument ma kienet alludiet għal applikazzjoni possibbli tal-Artikolu 86 tat-Trattat".

437 F'dan il-każ, jeħtieġ li jitfakkar li l-ewwel kuntatt tar-rikorrenti mal-Kummissjoni, jiġifieri t-talba għall-ħatra ta' grupp inkarigat mill-ipproċessar tal-fajl tagħha dwar l-akkwist tal-kontroll esklużiv ta' Morpol, kien fil-21 ta' Diċembru 2012. Kif jirriżulta mill-punt 21 tad-deċiżjoni kkontestata, fl-assenza ta' kull kuntratt mir-rikorrenti wara l-preżentazzjoni tat-talba għall-ħatra ta' grupp, il-Kummissjoni talbet li tiġi organizzata telekonferenza, li saret fil-25 ta' Jannar 2013. Matul it-telekonferenza, il-Kummissjoni talbet informazzjoni dwar l-istruttura tat-tranżazzjoni u kjarifiki fuq il-kwistjoni dwar jekk l-akkwist ta' Diċembru 2012 setax diġà kkonferixxa lir-rikorrenti il-kontroll ta' Morpol.

438 Il-fatt li l-Kummissjoni mill-bidu wriet interess dwar ksur possibbli tal-obbligu ta' *status quo* huwa kkonfermat minn ittra mibgħuta lir-rikorrenti mill-konsulent legali tal-uffiċċju ta' avukati F. tas-27 ta' Jannar 2013. F'din l-ittra, dan il-konsulent legali kiteb li, "[f]uq talba tal-grupp inkarigat mill-kawża, aħna spjegajna fil-qosor l-istruttura tal-operazzjoni" u li, "f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni mmanifestat interess partikolari fir-rigward tal-ħin tal-operazzjoni inkonnessjoni mat-twettiq tagħha".

439 Barra minn hekk, fit-12 ta' Frar 2013, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti talba għal informazzjoni dwar l-akkwist possibbli ta' kontroll fattwali ta' Morpol wara l-akkwist ta' Diċembru 2012. F'din it-talba għal informazzjoni, il-Kummissjoni b'mod partikolari għamlet il-mistoqsija li ġejja:

"Jekk jogħġbok spjega, fid-dawl tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament [Nru 139/2004], l-iskeda kalendarja li qiegħed tipproponi għan-notifika. B'mod partikolari, jekk jogħġbok spjega għaliex inti tqis li l-obbligu ta' *status quo* previst fl-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament ma japplikax għal-akkwist minn Marine Harvest ta' sehem ta' 48.5 % f'Morpol permezz ta' Friendmall u ta' Bazmonta."

440 Għaldaqstant, il-Kummissjoni, ftit taż-żmien wara l-ewwel kuntatt tar-rikorrenti, esprimiet it-tħassib tagħha marbut ma' ksur possibbli tal-obbligu ta' *status quo*. Din is-sitwazzjoni bl-ebda mod ma hija paragunabbli ma' dik inkwistjoni fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245), li fiha kien

biss "wara tliet snin ta' eżami tal-prattiki inkwistjoni, li l-Kummissjoni [kienet] indikat għall-ewwel darba lill-partijiet fit-TACA li hija kienet tipprevedi li tapplika l-Artikolu 86 tat-Trattat għall-imsemmija prattiki" (ara l-punt 436 iktar 'il fuq).

441 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-analoġiji li tipprova tagħmel ir-rikorrenti bejn il-kawża odjerna u l-kawża li tat lok għas-sentenza tat-30 ta' Settembru 2003, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni (T-191/98 u T-212/98 sa T-214/98, EU:T:2003:245) ma humiex konvinċenti.

442 Għaldaqstant hemm lok li tiġi miċħuda wkoll it-tieni parti tar-raba' motiv u, konsegwentement, ir-raba' motiv fl-intier tiegħu.

**E. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt u fuq assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-livelli tal-multi**

443 Il-ħames motiv huwa maqsum f'ħames partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda fuq assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-ammont tal-multa, it-tieni, fuq evalwazzjoni żbaljata tas-serjetà tal-ksur allegat, it-tielet, fuq evalwazzjoni żbaljata tat-tul tal-ksur allegat, ir-raba', fuq l-allegazzjoni li l-multa hija sproporzjonata u, l-ħames, fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata b'mod żbaljat ma tirrikonoxxix l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti.

***1. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-ammont tal-multa***

444 Ir-rikorrenti ssostni li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-ammont tal-multa hija limitata għal żewġ punti konċiżi (punti 206 u 207 tad-deċiżjoni kkontestata) li tinkludi biss kunsiderazzjonijiet ġenerali. Fl-opinjoni tagħha, il-multa imposta hija għaldaqstant vvizzjata b'assenza ta' motivazzjoni adegwata u għandha tiġi annullata.

445 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

446 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha tagħmel ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, li tadotta l-att, b'mod li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jkunu jafu bil-ġustifikazzjoni tal-miżura li tiġi adottata u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tal-15 ta' April 1997, Irish Farmers Association *et*, C-22/94, EU:C:1997:187, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-motivazzjoni ma għandhiex bilfors tispeċifika l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tagħha, iżda wkoll f'dak tal-kuntest tagħha u tar-regoli kollha tad-dritt li jirregolaw is-suġġett ikkonċernat (ara s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni, C-41/00 P, EU:C:2003:125, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

447 Fir-rigward tal-multi imposti skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 139/2004, jeħtieġ li jitfakkar li, skont il-paragrafu 3 tal-istess artikolu, "[m] Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit l-ammont tal-multa, għandhom ikunu kunsidrati n-natura, l-gravità u t-tul tal-ksur".

448 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Kummissjoni tista' timponi multi li jilħqu 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali mwettaq mill-impriżi kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 5 ta' dan l-istess regolament għal ksur tal-obbligu ta' notifika prevista fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 139/2004 u għal twettiq ta' konċentrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 7 ta' dan l-istess regolament.

449 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma adottatx linji gwida li jistabbilixxu l-metodu tal-kalkolu li hija kellha tosserva fil-kuntest tal-istabbiliment tal-ammont tal-multi skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 139/2004, fatt li huwa barra minn dan irrikonoxxut mir-rikorrenti.

450 Fl-assenza ta' tali linji gwida, il-kuntest tal-analiżi tal-Kummissjoni għandu jkun dak tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 228). Madankollu hija obbligata li turi b'mod ċar u inekwivoku fid-deċiżjoni kkontestata l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 228).

451 F'dan il-każ, it-taqsima "5. Ammont tal-multi", tad-deċiżjoni kkontestata kienet tinkludi biss żewġ punti, jiġifieri l-punti 206 u 207. F'dawn il-punti, il-Kummissjoni sempliċiment u essenzjalment tikkonstata li, fil-każ ta' impriża tad-daqs tar-rikorrenti, l-ammont tas-sanzjoni għandu jkun għoli sabiex ikollu effett disswaživ, li dan huwa iktar u iktar minnu meta t-tranżazzjoni li twettqet qabel ma ġiet awtorizzata qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u li, "[s]sabiex timponi multa għall-ksur u sabiex dan ma jiġix ripetut, u fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ", kien meħtieġ li tiġi imposta, skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 139/2004, multa ta' EUR 10 000 000 għall-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004, u multa ta' EUR 10 000 000 għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament.

452 Madankollu, kif tenfasizza l-Kummissjoni, mir-riferiment għaċ-"ċirkustanzi speċifiċi tal-każ", li jsir fil-punt 207 tad-deċiżjoni kkontestata, hemm lok li jittieħed kont ukoll tal-iżviluppi li jinsabu fit-taqsima "4. Id-deċiżjoni li jiġu imposti multi", tal-imsemmija deċiżjoni jiġifieri l-punti 124 sa 205.

453 F'dawn il-punti, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 139/2004, jiġifieri n-natura, is-serjetà u t-tul tal-ksur (ara, f'dan ir-rigward, is-sinteżi inkluż fil-punti 31 sa 33 iktar 'il fuq). F'dan il-kuntest, hija wriet b'mod ċar u inekwivoku l-elementi meħuda inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, u b'hekk ippermettiet lir-rikorrenti li tiddefendi ruħha u lill-Qorti Ġenerali li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Barra minn hekk, fil-kuntest tat-tieni u t-tielet parti tal-ħames motiv, ir-rikorrenti tikkontesta fid-dettall l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-serjetà u t-tul tal-ksur, fatt li jikkonferma li l-eżami ta' dawn il-fatturi fid-deċiżjoni kkontestata huwa suffiċjentement preċiż sabiex jippermetti lir-rikorrenti tiddefendi ruħha.

454 Ir-rikorrenti tenfasizza li l-Kummissjoni la semmiet l-ammont inizjali tal-multa u la l-approċċ segwit għall-istabbiliment tiegħu, u lanqas il-piż attribwit lill-fatturi li jinċidu fuq il-multa.

455 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, meta l-Kummissjoni ma tkunx adottat linji gwida li jistabbilixxu l-metodu tal-kalkolu li hija għandha ssegwi fil-kuntest tal-istabbiliment tal-ammont tal-multi skont dispożizzjoni ddeterminata u meta r-raġunament tal-Kummissjoni jkun jidher b'mod ċar u inekwivoku fid-deċiżjoni kkontestata, din tal-aħħar ma tkunx tesprimi f'figuri, b'mod assolut jew f'perċentwali, l-ammont bażiku tal-multa u ċ-ċirkustanzi aggravanti jew attenwanti li jkunu possibbli (sentenzi tal-15 ta' Diċembru 2010, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, T-141/08, EU:T:2010:516, punt 284, u tas-26 ta' Novembru 2014, Energetický a průmyslový u EP Investment Advisors vs Il-Kummissjoni, T-272/12, EU:T:2014:995, punt 101).

456 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni kellha tispeċifika l-ammont bażiku tal-multa kif ukoll il-piż attribwit lid-diversi fatturi għandu jiġi miċħud.

457 Dan ir-riżultat ma huwiex ikkontestat mill-ġurisprudenza ċċitata mir-rikorrenti.

458 Fir-rigward tas-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni (C-386/10 P, EU:C:2011:815), u tal-10 ta' Lulju 2014, Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni (C-295/12 P, EU:C:2014:2062), jeħtieġ li jiġi rrilevat li dawn kienu sentenzi li jikkonċerna ksur tal-Artikoli 101 jew 102 TFUE u li, fil-kawżi li taw lok għal dawn is-sentenzi, kienu applikabbli linji gwida għall-kalkolu tal-multi.

459 Ċertament huwa minnu li l-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 142 tas-sentenza tas-6 ta' April 1995, TrefilUnjoni vs Il-Kummissjoni (T-148/89, EU:T:1995:68), li kien "mixtieq li l-impriżi – bil-għan li jkunu jistgħu jadottaw il-pożizzjoni tagħhom b'mod informat – jkunu jistgħu jifhmu fid-dettall, bis-saħħa ta' kull sistema li l-Kummissjoni tqis bħala xierqa, il-metodu tal-kalkolu tal-multa li tiġi imposta fuqhom, mingħajr ma jkunu obbligati, sabiex jaslu għal dan, li jippreżentaw rikors ġudizzjarju kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni".

460 Madankollu, hemm lok li jiġi rrilevat li, fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza, ir-rikorrenti kienet sostniet li l-Kummissjoni ma kinitx speċifikat jekk kinitx ħadet bħala l-bażi tal-kalkolu tal-multa d-dħul mill-bejgħ globali tal-impriża jew unikament dak li jikkonċerna lil Franza jew lill-Benelux. F'dik il-kawża, kien biss matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni speċifikat li hija kienet użat bħala l-bażi tal-kalkolu tal-multa d-dħul mill-bejgħ ta' xbiek tal-ħadid imwettaq mill-impriżi fis-suq ġeografiku inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' April 1995, TrefilUnjoni vs Il-Kummissjoni, T-148/89, EU:T:1995:68, punti 135, 136 u 142).

461 Għaldaqstant, f'din il-kawża, il-Kummissjoni kienet wettqet kalkolu bbażat fuq dħul mill-bejgħ imwettaq f'suq speċifiku, iżda hija dan ma kinitx speċifikatu fid-deċiżjoni kkontestata. Huwa f'dan il-kuntest li jeħtieġ li jinftiehem il-kliem iċċitat riprodott fil-punt 459 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, fis-sentenza tas-6 ta' April 1995, TrefilUnjoni vs Il-Kummissjoni (T-148/89, EU:T:1995:68, punti 140 sa 144), il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

462 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni, fil-punt 104 ta' dan ir-rikors, li "d-deċiżjoni [kkontestata] ma tispjegax kif id-dħul mill-bejgħ [tar-rikorrenti] u l-profitt, fejn applikabbli, li [r-rikorrenti] tista' tislet mill-ksur allegat fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament [Nru 139/2004] kellhom effett fuq il-livell tal-multa". Barra minn hekk, fil-punt 104 tar-rikors, hija tiddikjara, li "[m]ulta għandha tkun speċifika għall-awtur tal-ksur u għall-ksur u għandha tiġi ddeterminata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni, fost oħrajn, id-dħul mill-bejgħ jew il-kapital tal-impriża u l-profitt derivat mill-ksur allegat". Skont ir-rikorrenti, hija ma dderivat l-ebda profitt mill-ksur allegat.

463 B'risposta għal mistoqsija magħmula waqt is-seduta marbuta mal-kwistjoni dwar jekk il-punt 104 tar-rikors kienx jikkonċerna l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jew inkella żball materjali fid-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrenti kkonfermat li dan il-punt kien jikkonċerna l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, u ta' dan ittieħdet nota fil-proċess verbali tas-seduta.

464 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata ma tispjegax kif id-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti inċida fuq il-livell tal-multa, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni indikat, fin-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 5 tad-deċiżjoni kkontestata, id-dħul mill-bejgħ dinji tar-rikorrenti.

465 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-eżami tal-elementi rilevanti għad-determinazzjoni tal-multa, il-Kummissjoni għamlet diversi drabi riferiment għad-daqs tar-rikorrenti. Għalhekk, hija rrilevat, fil-punt 144 tad-deċiżjoni kkontestata, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur, li r-rikorrenti kienet "kumpannija Ewropea kbira". Barra minn hekk, hija rrilevat, fil-punt 150 tad-deċiżjoni kkontestata, ukoll fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur, li "l-operazzjoni kienet tgħaqqad f'[is-]suq potenzjali [tas-salamun Skoċċiż] tnejn mill-ikbar elevaturi u trasformaturi primarji fiż-ŻEE". Din l-aħħar konstatazzjoni ġiet ripetuta fil-punt 172 tad-deċiżjoni kkontestata, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tat-tul tal-ksur. Fl-aħħar, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 206 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija ħadet inkunsiderazzjoni d-daqs tar-rikorrenti għall-istabbiliment tal-ammont tal-multa.

466 Għaldaqstant, jirriżulta b'mod ċar mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni d-daqs tar-rikorrenti fil-kuntest tal-istabbiliment tal-ammont tal-multa.

467 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li d-deċiżjoni kkontestata ma tispjegax kif il-profitt, jekk applikabbli, li r-rikorrenti tista' tislet mill-ksur allegat fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 inċida fuq il-livell tal-multa, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma eżaminatx, fid-deċiżjoni kkontestata, l-eżistenza possibbli ta' profitt li r-rikorrenti setgħet kisbet mill-ksur. Minn dan isegwi b'mod ċar li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-profitt possibbli jew l-assenza ta' profitt possibbli li r-rikorrenti setgħet tikseb mill-ksur sabiex tistabbilixxi l-ammont tal-multa. Għaldaqstant ma hemmx nuqqas ta' motivazzjoni minn dan il-lat.

468 Barra minn hekk, anki jekk jiġi preżunt li l-argument imqajjem fil-punt 104 tar-rikors kellu jiġi interpretat, bħall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni magħmula mir-rikorrenti waqt is-seduta, fis-sens li r-rikorrenti tinvoka wkoll żball materjali sa fejn il-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-assenza ta' profitt miksub mill-ksur, tali argument għandu jiġi miċħud bħala infondat.

469 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li ma teżistix lista vinkolanti jew eżawrjenti ta' kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod obbligatorju fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur (ara, fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 101 TFUE, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni, C-219/95 P, EU:C:1997:375, punt 33, u l-ksur tal-Artikolu 102 TFUE, sentenza tad-19 ta' April 2012, Tomra Systems *et* vs Il-Kummissjoni, C-549/10 P, EU:C:2012:221, punt 107).

470 B'mod partikolari il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li teżamina il-kwistjoni dwar jekk rikorrent kisibx profitt minn ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi rrilevat li dan ma huwiex element li jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 4(1) jew tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 u li ma jkunx dejjem possibbli li jiġi ddeterminat, iva jew le, jekk ir-rikorrent kisibx jew le profitt mit-twettiq ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha u inqas u inqas li jiġi kkwantifikat dan il-profitt.

471 Ir-rikorrenti tiċċita diversi sentenzi insostenn tad-dikjarazzjoni tagħha li l-multa għandha tiġi ddeterminata billi jittieħed inkunsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, il-profitt miksub mill-ksur allegat. Jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza ċċitata mir-rikorrenti f'dan il-kuntest tikkonċerna kawżi marbuta ma' ksur tal-Artikolu 101 TFUE (sentenzi tas-7 ta' Ġunju 1983, Musique Diffusion française *et* vs Il-Kummissjoni, 100/80 sa 103/80, EU:C:1983:158, punt 129; tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 242; tat-3 ta' Settembru 2009, Prym u Prym Consumer vs Il-Kummissjoni, C-534/07 P, EU:C:2009:505, punt 96, u tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni, C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 56) jew fl-Artikolu 102 TFUE (konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wathelet fil-Kawża Telefónica u Telefónica de España vs Il-Kummissjoni, C-295/12 P, EU:C:2013:619, punt 117).

472 Huma biss il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-Kawża E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:375), ċċitati mir-rikorrenti f'dan il-kuntest, li kienu jikkonċernaw tip ieħor ta' ksur, jiġifieri l-ksur ta' siġill. F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot u ċaħdet l-appell bis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738), b'mod kuntrarju għal dak li kien ippropona l-Avukat Ġenerali. Barra minn hekk, mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot f'din il-kawża ma jirriżultax li dan tal-aħħar ikkunsidra li l-Kummissjoni hija obbligata li teżamina fil-każijiet kollha l-profitt miksub mill-ksur imwettaq. Huwa sempliċement irrileva, fil-punt 114 tal-konklużjonijiet, li kien hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jikkaratterizzaw il-kawża, "bħal", fost oħrajn, il-profitt li l-impriża kkonċernat setgħet tikseb mill-ksur imwettaq. Għaldaqstant huwa sempliċement elenka eżempji ta' kriterji li jistgħu jittieħdu

inkunsiderazzjoni, filwaqt li fakkar, fil-punt 113 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-ġurisprudenza li skontha ma teżisti l-ebda lista vinkolanti jew eżawrjenti ta' kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni b'mod obbligatorju.

473 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, anki fil-kuntest ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE, il-fatt li impriża ma ħadet l-ebda vantaġġ mill-ksur ma huwiex ta' ostakolu sabiex multa tiġi imposta, bir-riskju li din tal-aħħar titlef il-karattru disswaživ tagħha (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, BPB vs Il-Kummissjoni, T-53/03, EU:T:2008:254, punt 441 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Kummissjoni ma hijiex marbuta, sabiex tiffissa l-ammont tal-multi, li tieħu inkunsiderazzjoni l-assenza ta' benefiċċju mill-ksur inkwistjoni (ara s-sentenza tad-29 ta' Novembru 2005, SNCZ vs il-Kummissjoni, T-52/02, EU:T:2005:429, punt 90 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tistabbilixxi, f'kull każ, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, l-vantaġġ finanzjarju marbut mal-ksur ikkonstatat. L-assenza ta' tali vantaġġ ma tistax titqies bħala ċirkustanza attenwanti (ara s-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, BPB vs Il-Kummissjoni, T-53/03, EU:T:2008:254, punt 442 u l-ġurisprudenza ċċitata).

474 Bl-istess mod, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, bil-għan li tistabbilixxi l-ammont tal-multi, l-assenza possibbli ta' profitt miksub mit-twettiq ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha.

475 L-evalwazzjoni tal-profitt okkażjonat bil-ksur tista', ċertament, tkun rilevanti jekk il-Kummissjoni tibbaża ruħha speċifikament fuq tali profitt sabiex tevalwa s-serjetà ta' dan il-ksur u/jew sabiex tikkalkula l-multi (sentenza tal-15 ta' Marzu 2000, Cimenteries CBR *et* vs Il-Kummissjoni, T-25/95, T-26/95, T-30/95 sa T-32/95, T-34/95 sa T-39/95, T-42/95 sa T-46/95, T-48/95, T-50/95 sa T-65/95, T-68/95 sa T-71/95, T-87/95, T-88/95, T-103/95 u T-104/95, EU:T:2000:77, punt 4882). Madankollu, dan ma huwiex il-każ fil-kawża odjerna.

476 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, bil-għan li tiġi sostnuta ċ-ċirkustanza li hija ma kisbet l-ebda profitt mill-ksur allegat, ir-rikorrenti tibbaża ruħha, fil-punt 71 tar-replika, b'mod partikolari fuq il-fatt li hija ma eżerċitatx id-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol sal-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni. Dan l-element ittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni bħala ċirkustanza attenwanti (punti 196 u 198 tad-deċiżjoni kkontestata).

477 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Kummissjoni la kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni u lanqas wettqet żball materjali billi astjeniet milli tiddetermina u li tieħu inkunsiderazzjoni l-profitt possibbli jew in-nuqqas tiegħu mill-ksur.

### *2. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq evalwazzjoni żbaljata tas-serjetà tal-ksur allegat*

478 Ir-rikorrenti tiddikjara li ma huwa rilevanti l-ebda wieħed mill-fatturi li ttieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata għall-finijiet tal-evalwazzjoni tas-serjetà, jiġifieri n-negliġenza, id-dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq intern u l-eżistenza ta' preċedenti li jikkonċernaw lir-rikorrenti u lil kumpanniji oħra.

479 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

480 Qabel xejn, jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma tikkontestax il-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 131 sa 136 tad-deċiżjoni kkontestata marbuta man-natura tal-ksur. F'dawn il-punti, il-Kummissjoni qieset li kull ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien, min-natura tiegħu, ksur gravi. Din l-evalwazzjoni, li għandha tiġi kkonfermata, hija bbażata b'mod partikolari fuq il-punt 235 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672). F'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali kienet ikkonstatat li kien b'mod ġust li l-Kummissjoni kienet irrilevat li, "[m]eta l-leġiżlatur Komunitarju ssuġġetta għal notifikazzjoni u għal

awtorizzazzjoni minn qabel il-konċentrazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja, huwa kellu l-ħsieb li jiżgura ruħu mill-effettività tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet b'dimensjoni Komunitarja tal-Kummissjoni, billi jippermetti li din tal-aħħar, jekk ikun il-każ, li timpedixxi l-implementazzjoni ta' dawn il-konċentrazzjonijiet qabel ma tiġi adottata deċiżjoni finali u b'hekk li tipprevjeni effetti ħżiena irreparabbli u permanenti fuq il-kompetizzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

481 Madankollu, ir-rikorrenti tikkontesta r-rilevanza tal-fatturi meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni konkreta tas-serjetà tal-ksur inkwistjoni f'dan il-każ.

482 Preliminarjament, hemm lok li jitfakkar, li s-serjetà tal-ksur għandha tkun stabbilita abbażi ta' numru kbir ta' elementi, bħaċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, il-kuntest tagħha u l-portata dissważiva tal-multi, u dan mingħajr ma tkun ġiet stabbilita lista vinkolanti jew eżawrjenti ta' kriterji li għandhom obbligatorjament jittieħdu inkunsiderazzjoni (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 241).

*a) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tan-negliġenza tar-rikorrenti*

483 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-aġir tagħha ma kienx negliġenti, huwa suffiċjenti li jitfakkar li dan l-argument ġie miċħud fil-kuntest tal-eżami tat-tieni motiv.

484 Għall-kuntrarju ta' dak li tiddikjara r-rikorrenti, ma kien jeżisti l-ebda żball skużabbli min-naħa tagħha. Il-kunċett ta' żball skużabbli, li joriġina direttament mill-ħsieb li jiġu osservati l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, skont ġurisprudenza stabbilita, jista' jkun jikkonċerna biss ċirkustanzi eċċezzjonali fejn, b'mod partikolari, l-istituzzjoni kkonċernata tkun adottat imġieba li, waħedha jew b'mod determinanti, hija tali li toħloq konfużjoni ammissibbli fil-moħħ ta' individwu li jaġixxi *in bona fide* u li jeżerċita d-diliġenza kollha meħtieġa minn persuna normalment informata (ara s-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, CMB u Christof vs Il-Kummissjoni, T-407/07, mhux ippubblikata, EU:T:2011:477, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma pproduċietx prova tad-diliġenza sħiħa rikjesta minn persuna normalment informata, fatt li jeskludi l-eżistenza ta' żball skużabbli min-naħa tagħha.

*b) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq intern*

485 Fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-eżistenza ta' dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq intern, jeħtieġ li jiġi rrilevat dan li ġej.

486 Fil-punt 150 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni fakkret li l-akkwist ta' Morpol mir-rikorrenti ġie awtorizzat wara l-preżentazzjoni, mir-rikorrenti, ta' firxa wiesa' ta' miżuri korrettivi sabiex jiġu ċċarati dubji serji mqajma mill-Kummissjoni fir-rigward tas-suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż. Barra minn hekk, hija rrilevat li l-konċentrazzjoni kienet tgħaqqad f'dan is-suq potenzjali tnejn mill-ikbar elevaturi u trasformaturi primarji fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).

487 Il-Kummissjoni qieset li l-konċentrazzjoni mwettqa seta' jkollha effett negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż matul il-perijodu kollu tal-ksur. Skont il-Kummissjoni, minkejja li r-rikorrenti ma eżerċitatx id-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol, kien tal-inqas possibbli li ġiet affettwata r-relazzjoni kompetittiva bejn ir-rikorrenti u Morpol b'konsegwenza tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

488 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma tqajjem l-ebda argument li jista' jpoġġi f'dubju l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li l-konċentrazzjoni inkwistjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Madankollu, hija tikkontesta t-teħid inkunsiderazzjoni ta' dan il-fattur bħala element li

jirrendi l-ksur iktar serju. Hija tqis li d-dikjarazzjoni inkluża fil-punt 157 tad-deċiżjoni kkontestata, li "l-fatt waħdu li l-operazzjoni qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern huwa fih innifsu fattur li jirrendi l-ksur iktar serju", żnaturat ir-raġunament adottat mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672, punt 247), li "l-preżenza ta' dannu għall-kompetizzjoni tagħmel il-ksur iktar serju".

489 Fir-rigward tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672), jeħtieġ li jiġi rrilevat dan li ġej.

490 Il-kawża li tat lok għal din is-sentenza kienet tikkonċerna konċentrazzjoni li fir-rigward tagħha l-Kummissjoni kienet ikkonstatat li din ma kinitx tqajjem problemi ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 194 tad-Deċiżjoni C(2009) 4416 finali, tal-10 ta' Ġunju 2009 (Kawża COMP/M.4994 – Electrabel vs Compagnie nationale du Rhône) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Electrabel"), li "l-preżenza ta' dannu kompetittiv kien effettivament jirrendi l-ksur iktar serju" u li "l-assenza ta' tali dannu kompetittiv fil-kawża preżenti [kienet] element important li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fl-istabbiliment tal-ammont tal-multa", iżda li, "[m]adankollu, il-fatt li l-operazzjoni ma qajmitx problemi tal-kompetizzjoni ma [kienx] ta' natura li jaffettwa n-natura serja tal-ksur". Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi moqrija fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni kienet ikkonstatat, fil-punt 191 ta' din l-istess deċiżjoni, li kull ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89 kien min-natura tiegħu ksur serju.

491 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonstatat li l-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89 jibqa', min-natura tiegħu, ksur serju, u dan minkejja li l-konċentrazzjoni ma tkunx qajmet problemi ta' kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, ma huwiex permess li minn dan jiġi konkluż, kif tipprova tagħmel ir-rikorrenti, li l-eżistenza ta' problemi ta' kompetizzjoni ma jiżdidux mas-serjetà tal-ksur allegat. Fil-fatt, il-Kummissjoni ma kkonstatatx li l-eżistenza jew le ta' problemi ta' kompetizzjoni kienet irrilevanti għall-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur, iżda biss li l-ksur jibqa' min-natura tiegħu ksur serju, anki fl-assenza ta' kull problema ta' kompetizzjoni mqajma mill-konċentrazzjoni.

492 Fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672), il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-approċċ tal-Kummissjoni. B'mod partikolari hija rrilevat, fil-punt 246 tas-sentenza, li "il-Kummissjoni ġustament [kienet] issostni li l-analiżi ex post tan-nuqqas ta' effett ta' konċentrazzjoni fuq is-suq raġonevolment ma tistax tkun fattur determinanti sabiex tiġi kklassifikata s-serjetà tal-effett ħażin fuq is-sistema ta' kontroll *ex ante*". Barra minn hekk, hija kkonstatat dan li ġej, fil-punt 247 tas-sentenza:

"Madankollu, dan ma jipprekludix li n-nuqqas ta' effetti fuq is-suq ikun element rilevanti li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi ffissat l-ammont tal-multa, kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni fil-premessa 194 tad-deċiżjoni kkontestata. Fl-istess premessa, hija ġustament issostni wkoll li l-preżenza ta' dannu għall-kompetizzjoni tagħmel il-ksur iktar serju."

493 Hemm lok li jiġi rrilevat li d-dikjarazzjoni inkluża fil-punt 246 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672), li "l-analiżi ex post tan-nuqqas ta' effett ta' konċentrazzjoni fuq is-suq raġonevolment ma tistax tkun fattur determinanti sabiex tiġi kklassifikata s-serjetà tal-effett ħażin fuq is-sistema ta' kontroll *ex ante*" ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-eżistenza jew le tad-dannu kompetittiv ma għandu l-ebda rwol fl-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur. Dan jirriżulta mill-punt 247 ta' din is-sentenza, li fiha l-Qorti Ġenerali kkonstatat li "l-preżenza ta' dannu għall-kompetizzjoni tagħmel il-ksur iktar serju". Id-dikjarazzjoni inkluża fil-punt 246 ta' din is-sentenza għandha tinqara' fid-dawl taċ-ċirkustanza li l-Qorti Ġenerali kienet qiegħda twieġeb għall-argument ta' Electrabel li l-ksur ma setgħax ikun ta' natura serja, peress li dan ma kienx ippreġudika l-kompetizzjoni.

494 Fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel, il-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali esprimew ruħhom fuq żewġ każijiet. Fl-ewwel lok, huma kkonstataw li l-assenza ta' effett dannuż fuq il-kompetizzjoni, sitwazzjoni li tirriżulta meta konċentrazzjoni mwettqa b'mod prematur ma tqajjimx problema ta' kompetizzjoni, bl-ebda mod ma tbiddel in-natura serja (min-natura tiegħu) tal-ksur. Fit-tieni lok, huma rrilevaw, bħala illustrazzjoni, li l-preżenza ta' effetti dannużi kienu jrendu l-ksur iktar u iktar serju.

495 Madankollu jeżisti t-tielet każ li dwaru l-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali ma adottawx pożizzjoni fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel. Din hija s-"sitwazzjoni intermedjarja", li fiha l-konċentrazzjoni, kif imwettqa b'mod prematur, tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, iżda li fiha ma jistax jiġi ddeterminat jekk, iva jew le, it-twettiq tagħha fil-forma inizjalment prevista u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni kellux jew le effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni.

496 Għaldaqstant tqum il-kwistjoni dwar jekk, f'dan it-tielet każ, il-Kummissjoni tistax tqis li ċ-ċirkustanza li l-konċentrazzjoni tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern bħala fattur jirrendi l-ksur iktar serju.

497 Hemm lok li tingħata risposta affermattiva. Fil-fatt, ma jkunx adegwat li jiġu trattati bl-istess mod, it-twettiq prematur ta' konċentrazzjonijiet li jqajmu dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern u t-twettiq prematur ta' konċentrazzjonijiet li ma jqajmu l-ebda problema ta' kompetizzjoni.

498 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-għan tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 huwa li jiżgura l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll *ex ante* tal-effetti ta' operazzjonijiet ta' konċentrazzjonijiet ta' daqs Komunitarju (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 246). Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-għan tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet huwa l-prevenzjoni ta' danni irreparabbli u permanenti lill-kompetizzjoni (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 245). Is-sistema ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet hija intiża li tippermetti lill-Kummissjoni li teżerċita "kontroll effettiv tal-konċentrazzjonijiet kollha skond l-effett tagħhom fuq l-istruttura tal-kompetizzjoni" (premessa 6 tar-Regolament Nru 139/2004).

499 Fil-każ ta' konċentrazzjonijiet li jqajmu dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern, ir-riskji possibbli għall-kompetizzjoni marbuta ma' twettiq prematur ma humiex l-istess bħal dawk fil-każ ta' konċentrazzjonijiet li ma jqajmu problemi ta' kompetizzjoni.

500 Għaldaqstant, il-fatt li konċentrazzjoni tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern jirrendi t-twettiq prematur ta' din il-konċentrazzjoni iktar serju mit-twettiq prematur ta' konċentrazzjoni li ma tqajjimx problemi ta' kompetizzjoni, ħlief jekk, minkejja l-fatt li din tqajjem tali dubji serji, ikun jista' jiġi eskluż f'każ partikolari li t-twettiq tagħha fil-forma prevista inizjalment u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni seta' kellu effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni.

501 Għaldaqstant kien b'mod ġust li l-Kummissjoni kkonstatat, fil-punt 157 tad-deċiżjoni kkontestata, li "l-fatt waħda li l-operazzjoni [kienet] qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern [kien] fih innifsu fattur li [jirrendi] l-ksur iktar serju", u dan wara li kkonstatat b'mod espliċitu, fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-konċentrazzjoni mwettqa seta' jkollha effett negattiv fuq il-kompetizzjoni fuq is-suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż matul il-perijodu kollu tal-ksur u li kien tal-inqas possibbli li ġiet affettwata r-relazzjoni kompetittiva bejn ir-rikorrenti u Morpol b'konsegwenza tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

502 Għall-kuntrarju, ma huwiex permess li jiġi konkluż mill-konstatazzjoni mogħtija fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672, punt 247), li "l-preżenza ta' dannu għall-kompetizzjoni tagħmel il-ksur iktar serju", li huwa biss meta jkunu jistgħu jintwerew effetti dannużi effettivi li din tkun ta' natura li tirrendi l-ksur iktar serju. Fil-fatt, il-fatt li

l-Qorti Ġenerali rrilevat, bħala illustrazzjoni, li l-preżenza ta' effetti dannużi kienet tirrendi l-ksur iktar serju, ma jippermettix li jiġi konkluż li din kienet l-unika ipoteżi li tirrendi l-ksur iktar serju. Fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel, il-Kummissjoni u l-Qorti Ġenerali sempliċiment esprimew ruħhom fuq is-"sitwazzjoni intermedjarja", kif iddefinita fil-punt 495 iktar 'il fuq.

503 Ir-rikorrenti ssostni li, fil-punti 156 u 157 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni spjegat paradossalment li "l-preżenza ta' dannu għall-kompetizzjoni tagħmel il-ksur iktar serju", anki meta "analiżi ex post tal-effett ta' konċentrazzjoni fuq is-suq raġonevolment ma tistax tkun fattur determinanti sabiex tiġi kklassifikata s-serjetà tal-effett ħażin fuq is-sistema ta' kontroll *ex ante*".

504 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni rriproduċiet il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fis-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672, punti 246 u 247), kif iċċitati fil-punt 492 iktar 'il fuq. Huwa suffiċjenti li jitfakkru l-osservazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni li għandhom jingħataw dawn il-punti tal-imsemmija sentenza (punt 493 iktar 'il fuq).

505 Jeħtieġ li tiġi eżaminata il-kwistjoni dwar jekk kienx b'mod ġust li l-Kummissjoni qieset, fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-konċentrazzjoni mwettqa setgħet taffettwa b'mod negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż matul il-perijodu kollu tal-ksur u li "[kien] tal-inqas possibbli li ġiet affettwata r-relazzjoni kompetittiva bejn ir-rikorrenti u Morpol b'konsegwenza tal-akkwist ta' Diċembru 2012".

506 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-ex president-direttur ġenerali ta' Morpol, M., kien irriżenja b'effett mill-1 ta' Marzu 2013 wara li ġiet inkluża dispożizzjoni fis-SPA li kien ġie ffirmat mar-rikorrenti. Skont il-Kummissjoni, l-akkwist mir-rikorrenti ta' sehem ta' 48.5 % mill-kapital ta' Morpol għaldaqstant kien jidher li seta' jinfluwenza d-deċiżjonijiet strateġiċi fi ħdan Morpol, bħas-sostituzzjoni tal-president-direttur ġenerali, indipendentement mill-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tal-vot waqt il-laqgħat ġenerali tal-azzjonisti.

507 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-akkwist ta' Diċembru 2012 ma kienx fattur deċiżiv fid-deċiżjoni ta' M. li jirriżenja mill-funzjonijiet tiegħu. Għall-kuntrarju, fl-opinjoni tagħha, l-istruttura ta' tmexxija tal-impriża ta' Morpol, inkluża r-riżenja ta' M., kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet intensi fi ħdan il-bord tad-diretturi ta' Morpol għal iktar minn sena.

508 F'dan il-każ, ma huwiex possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza jekk id-deċiżjoni ta' M. li biha rrinunzja għall-funzjonijiet tiegħu, kinitx jew le influwenzata mill-akkwist ta' Diċembru 2012.

509 Ċertament, ir-rikorrenti turi li riżenja possibbli ta' M. kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet qabel l-istess akkwist ta' Diċembru 2012, billi tippreżenta b'mod partikolari l-minuti tal-laqgħat tal-bord ta' Morpol tat-12 u l-15 ta' Settembru 2011. Ir-rikorrenti rrilevat ukoll li Morpol kienet affaċċjat problemi kbar ta' tmexxija, li l-ikbar bank kreditur ta' Morpol ried li jnaqqas l-espożizzjoni tiegħu għad-djun ta' Morpol, u li dawn l-avvenimenti kienu wasslu għal tnaqqis tal-prezz tal-azzjoni ta' Morpol, li għaddiet minn bejn wieħed u ieħor 21 kroni Norveġiżi (NOK) fil-mument li fiha kienet elenkata fil-Borża ta' Oslo fl-2010 għal inqas minn NOK 8 f'Novembru 2012. Il-Kummissjoni ma tikkontestax dawn iċ-ċirkustanzi.

510 Madankollu, dan ma jeskludix li l-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012, u b'mod partikolari l-klawżola inkluża fis-SPA għal dan l-għan, setgħet tinfluwenza d-deċiżjoni ta' M. li jirriżenja. Skont l-Artikolu 12.1.1. tas-SPA, M. obbliga ruħu li jirriżenja mill-kariga tiegħu ta' president-direttur ġenerali ta' Morpol sa mhux iktar tard mill-1 ta' Marzu 2013. Barra minn hekk, jidher pjuttost probabbli li d-deċiżjoni tar-riżenja speċifikament b'effett mill-1 ta' Marzu 2013 kienet influwenzata mill-eżekuzzjoni tas-SPA. Kif ġustament tenfasizza l-Kummissjoni, kieku r-rikorrenti ssospendiet l-eżekuzzjoni tas-SPA sakemm tingħata l-awtorizzazzjoni, M. ma kienx ikun obbligat li jikkonforma ruħu mal-Artikolu 12.1.1. tas-SPA qabel it-tlestija tat-tranżazzjoni.

511 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti kienet "integrat parti kbira mill-benefiċċji miksuba minn Morpol permezz tal-akkwist ta' Diċembru 2012". Hija qieset li, konsegwentement, "l-effetti finanzjarji probabbli tal-akkwist ta' Diċembru 2012, li [kienu] eliminaw l-inċentivi għa[r-rikorrenti] sabiex iżżomm il-limitazzjoni kompetittiva eżerċitata fuq Morpol qabel l-akkwist, [kienu] meqjusa bħala suffiċjenti sabiex jagħtu lok għal preġudizzju potenzjali għall-kompetizzjoni".

512 Ir-rikorrenti ssostni li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni, li l-integrazzjoni mir-rikorrenti ta' parti kbira mill-benefiċċji ta' Morpol eliminat il-fatturi li kienu jinċentivawha li żżomm il-pressjoni kompetittiva, hija infondata u li, fi kwalunkwe każ, ma hijiex speċifika għall-ksur. Fl-opinjoni tagħha, dan jgħodd ukoll għal kull konċentrazzjoni li ma twettqitx peress li wara l-awtorizzazzjoni, il-kumpanniji akkwirenti spiss jirkupraw retroattivament il-benefiċċji naxxenti mill-attivitajiet bejn l-iffirmar tal-ftehim u l-konklużjoni.

513 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li s-sitwazzjonijiet ma humiex l-istess. Fil-fatt, f'dan il-każ, ir-rikorrenti integrat parti kbira mill-benefiċċji miksuba minn Morpol qabel ma rċeviet l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, l-inċentivi sabiex tinżamm il-limitazzjoni kompetittiva eżerċitata fuq Morpol setgħu jkunu inqas qawwija meta mqabbla ma' dawk ta' kumpannija li jkollha biss il-ħsieb li tirkupra retroattivament il-benefiċċji naxxenti mill-attivitajiet imwettqa wara l-iffirmar tal-ftehim, ladarba tkun inkisbet l-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni.

514 Iż-żewġ elementi eżaminati fil-punti 506 sa 513 iktar 'il fuq kienu waħedhom suffiċjenti bil-għan li tiġi ġġustifikata l-konstatazzjoni, imwettqa fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata, li skontha kien possibbli effett negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż matul il-perijodu kollu tal-ksur.

515 Għaldaqstant ma huwiex neċessarju li tiġi eżaminata r-rilevanza tat-tielet element li bbażat ruħha fuqu l-Kummissjoni, fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri li ma setgħax jiġi eskluż, skont il-Kummissjoni, li r-rikorrenti, bħala l-ikbar azzjonista ta' Morpol, kienet akkwistat aċċess ipprivileġġat għad-data kummerċjali ta' Morpol matul il-perijodu ta' bejn il-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012 u l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

516 Għaldaqstant hemm lok li jiġi kkonstatat li l-miżuri adottati mir-rikorrenti, jiġifieri n-nuqqas ta' eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot u s-separazzjoni tal-entitajiet sal-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni, ma setgħux iħassru r-riskju ta' dannu kompetittiv kkawżat mit-twettiq tal-konċentrazzjoni inkwistjoni fil-forma prevista inizjalment u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni, anki jekk dawn il-miżuri setgħu jnaqqsu l-effett antikompetittiv possibbli.

517 Minn dak li ntqal jirriżulta li s-sitwazzjoni odjerna taqa' taħt is-"sitwazzjoni intermedjarja" kif iddefinita fil-punt 495 iktar 'il fuq, jiġifieri taħt sitwazzjoni li fiha l-konċentrazzjoni, kif imwettqa b'mod prematur, kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, iżda li fir-rigward tagħha ma setgħax jiġi ddeterminat jekk it-twettiq tagħha fil-forma prevista inizjalment u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni kellux jew le effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni.

518 L-argument tar-rikorrenti, imqajjem waqt is-seduta, li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-elementi msemmija fil-punti 506, 511 u 515 iktar 'il fuq biss fl-istadju tar-risposta, ma huwiex ibbażat fuq il-fatti. Fil-fatt, dawn l-elementi huma inklużi fil-punt 138 tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet kif ukoll fil-punt 151 tad-deċiżjoni kkontestata.

519 Barra minn hekk, ir-rikorrenti tikkonferma li, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq l-impatt allegat fuq is-suq ta' ksur allegat sabiex tistabbilixxi s-serjetà ta' din tal-aħħar, hija għandha tipprova d-dikjarazzjonijiet tagħha sal-grad rikjest mil-liġi, jiġifieri billi tipproduċi indizji konkreti u kredibbli li jindikaw l-impatt bi probabbiltà raġonevoli. Insostenn ta' din id-dikjarazzjoni, ir-rikorrenti tiċċita s-sentenzi tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni (T-322/01, EU:T:2006:267,

punt 75), tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni (T-43/02, EU:T:2006:270), tas-27 ta' Settembru 2006, Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni (T-59/02, EU:T:2006:272, punt 161), u tas-6 ta' Mejju 2009, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (T-127/04, EU:T:2009:142, punt 68).

520 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza ċċitata mir-rikorrenti tikkonċerna l-akkordji. Pereżempju, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fil-punt 68 tas-sentenza tas-6 ta' Mejju 2009, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni (T-127/04, EU:T:2009:142), li "il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet li l-impatt konkret ta' akkordju fuq is-suq għandu jitqies bħala suffiċjentement ipprovat jekk il-Kummissjoni hija f'pożizzjoni li tipproduċi provi konkreti u kredibbli li jindikaw, bi probabbiltà raġonevoli, li l-akkordju kellu impatt fuq is-suq".

521 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, skont il-kliem tal-ewwel paragrafu tal-punt 1 A tal-Linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi imposti skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17 u l-Artikolu 65(5) tat-Trattat KEFA (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 171), li kienu applikabbli fis-sentenzi tal-Qorti Ġenerali li fuqhom tibbaża ruħha r-rikorrenti u li huma ċċitati fil-punt 519 iktar 'il fuq, għall-kalkolu tal-multa skont is-serjetà tal-ksur, il-Kummissjoni kienet obbligata tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari "l-impatt reali [tal-ksur] fuq is-suq, fejn dan [seta'] jkun ikkalkolat".

522 Għaldaqstant, il-ġurisprudenza ċċitata mir-rikorrenti ma tistax tpoġġi f'dubju l-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fil-punti 495 sa 501 iktar 'il fuq. B'mod partikolari jeħtieġ li jitfakkar li l-għan tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-kontroll tal-konċentrazzjonijiet huwa li jiġu pprevenuti effetti ħżiena rreparabbli u permanenti fuq il-kompetizzjoni (ara l-punt 498 iktar 'il fuq).

523 Hemm lok li jiġi rrilevat li, fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, il-fatt waħdu li jkunu possibbli effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni, peress li l-konċentrazzjoni mwettqa fil-forma prevista inizjalment u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur, anki jekk il-Kummissjoni ma turix "probabbiltà raġonevoli" tal-eżistenza ta' tali effetti.

524 Ċertament, meta tkun tista' tintwera' l-eżistenza tal-effetti dannużi għall-kompetizzjoni naxxenti mit-twettiq ta' konċentrazzjoni fil-forma prevista inizjalment u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni, dan jista' jirrendi l-ksur iktar serju minn ksur li jaqa' taħt is-"sitwazzjoni intermedjarja". Dan ma jipprekludix il-fatt waħdu li ma jistax jiġi eskluż li effetti dannużi għall-kompetizzjoni jistgħu jrendu l-ksur iktar serju mit-twettiq prematur ta' konċentrazzjoni li ma tqajjem l-ebda problema ta' kompetizzjoni.

525 Fl-aħħar, ir-rikorrenti tenfasizza li hija qatt ma kisbet u lanqas stenniet li tikseb xi benefiċċju minn dak li l-Kummissjoni tqis bħala ksur tar-regoli dwar il-kontroll tal-konċentrazzjonijiet, peress li hija kkonformat ruħha mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, billi astjeniet milli teżerċita d-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol.

526 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li l-fatt li impriża ma tkun kisbet l-ebda benefiċċju mill-ksur ma jistax jostakola l-impożizzjoni ta' multa, u dan sabiex din tal-aħħar ma titlifx in-natura dissważiva tagħha (ara l-punt 473 iktar 'il fuq).

527 Barra minn hekk, jeħtieġ li jitfakkar li l-fatt li r-rikorrenti ma eżerċitatx id-drittijiet tagħha tal-vot f'Morpol sal-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni ttieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni bħala ċirkustanza attenwanti (ara l-punt 476 iktar 'il fuq).

528 Minn dak li ntqal jirriżulta li kien b'mod ġust li l-Kummissjoni f'dan il-każ, ħadet inkunsiderazzjoni, iċ-ċirkustanza li l-konċentrazzjoni kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern bħala fattur li jirrendi l-ksur iktar serju.

*c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-preċedenti li jikkonċernaw lir-rikorrenti u lil kumpanniji oħra*

529 Il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 159 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti (dak iż-żmien Pan Fish) kienet diġà ġiet immultata fl-2007 mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni Franċiżi talli kisret l-obbligu ta' *status quo* waqt l-akkwist tagħha ta' Fjord Seafood. Barra minn hekk, hija rrilevat li "[d]an kien ifisser li ma [kinitx] l-ewwel darba li [ir-rikorrenti] [kisret] l-obbligu ta' *status quo* fil-kuntest ta' proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjoni".

530 Il-Kummissjoni kkunsidrat, fil-punt 163 tad-deċiżjoni kkontestata, li "s-sanzjoni preċedenti kellha twassal [lir-rikorrenti] sabiex tevalwa b'reqqa partikolari l-obbligi tagħha fir-rigward tal-kontroll tal-operazzjonijiet tal-konċentrazzjoni fil-mument tal-akkwist ta' Diċembru 2012" u li, "[f']dan ir-rigward, l-eżistenza ta' ksur tal-obbligu ta' *status quo* fil-livell nazzjonali kienet tirrendi l-ksur iktar serju".

531 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza, fil-punt 160 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-Regolament Nru 139/2004 kien diġà ilu fis-seħħ għal iktar minn għaxar snin u li kienu jeżistu dispożizzjonijiet simili li jikkonċernaw l-obbligu ta' *status quo* fir-Regolament Nru 4064/89, li baqa' fis-seħħ għal iktar minn tlettax-il sena. Barra minn hekk, hija rrilevat li kienet diġà bdiet investigazzjonijiet kontra kumpanniji oħra, u kienet imponiet fuqhom multi għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89 u li hija kienet ukoll adottat deċiżjonijiet oħra abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4064/89. Skont il-Kummissjoni, ir-rikorrenti konsegwentement "kellha tkun konxja b'mod sħiħ mill-kuntest legali u l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli mill-Kummissjoni".

*1) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood*

532 Ir-rikorrenti ssostni li l-fatt li hija tiġi punita b'mod iktar sever għall-allegata raġuni li hija kienet reċidiva peress li kienet ġiet issanzjonata fi Franza fid-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood, ma huwiex konformi mal-ġurisprudenza li skontha r-reċidiva timplika li persuna wettqet istanzi ġodda ta' ksur wara li tkun ġiet issanzjonata għal ksur simili.

533 Madankollu, kif enfasizzat il-Kummissjoni, hija ma qisitx l-eżistenza ta' ksur proċedurali preċedenti mwettaq mir-rikorrenti bħala ċirkustanza aggravanti. Hija qieset b'mod espliċitu, fil-punt 201 tad-deċiżjoni kkontestata, li f'dan il-każ ma kinux jeżistu ċirkustanzi aggravanti.

534 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma użatx il-kliem "reċidiva" jew "reċidiv". Ċertament, hija iktar is-sustanza tad-deċiżjoni kkontestata milli t-terminoloġija li jeħtieġ li jsir riferiment għaliha bil-għan li jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni ddeċidietx li r-rikorrenti kienet reċidiva.

535 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li t-teħid inkunsiderazzjoni tar-reċidiva "huwa intiż sabiex iħeġġeġ lill-impriżi, li jkunu wrew inklinazzjoni li jiksru r-regoli tal-kompetizzjoni, ibiddlu l-aġir tagħhom" (sentenza tat-12 ta' Diċembru 2007, BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, T-101/05 u T-111/05, EU:T:2007:380, punt 67). F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kkonstatatx, lanqas b'mod impliċitu, fid-deċiżjoni kkontestata li kien neċessarju li tiġi imposta sanzjoni ogħla peress li s-sanzjoni imposta fid-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood ma kinitx biżżejjed sabiex tiddiswadi lir-rikorrenti milli twettaq ksur ieħor. Fil-punti ddedikati għall-effett dissważiv neċessarju tal-multa, jiġifieri fil-punti 157, 172 u 206 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni għamlet riferiment biss għad-daqs tar-rikorrenti, għaċ-ċirkustanza li l-operazzjoni inkwistjoni kienet qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha

mas-suq intern u għall-fatt li ma setgħetx tiġi eskluża ħsara lill-kompetizzjoni. Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta’ dak li qieset ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-allegata reċidiva tar-rikorrenti. Għaldaqstant l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq premessa żbaljata.

536 Kif jirriżulta mill-punt 163 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li “is-sanzjoni preċedenti kellha twassal lir-[rikorrenti] sabiex tevalwa b’reqqa partikolari l-obbligi tagħha fir-rigward tal-kontroll tal-operazzjonijiet tal-konċentrazzjoni fil-mument tal-akkwist ta’ Diċembru 2012Diċembru”. Kien “[f’]dan ir-rigward” li l-Kummissjoni kkonstatat li l-eżistenza ta’ ksur tal-obbligu ta’ *status quo* fil-livell nazzjonali kienet tirrendi l-ksur iktar serju.

537 F’dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li huwa kkonstatat fil-punt 258 iktar ’il fuq li l-Kummissjoni kellha dritt tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrenti diġà kienet ingħatat multa fil-livell nazzjonali għat-twettiq prematur ta’ konċentrazzjoni, u li hemm lok li tiġi mistennija diliġenza partikolari minn naħa ta’ impriża Ewropea ta’ daqs kbir li diġà ngħatat multa, għalkemm fil-livell nazzjonali, għat-twettiq prematur ta’ konċentrazzjoni.

538 Dan huwa element li jista’ jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-evalwazzjoni, minn naħa, tal-eżistenza ta’ negliġenza minn naħa tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, tal-livell ta’ din in-negliġenza.

539 Fil-punti 159 u 163 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta’ preċedent fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood bħala element li jżid il-livell ta’ negliġenza tar-rikorrenti u li abbażi ta’ dan, “[kien] jirrendi l-ksur iktar serju”. Fil-fatt, il-konstatazzjoni, inkluża fil-punt 163 tad-deċiżjoni kkontestata, li s-sanzjoni preċedenti kellha twassal lir-rikorrenti sabiex tevalwa b’reqqa partikolari l-obbligi tagħha fir-rigward tal-kontroll tal-operazzjonijiet ta’ konċentrazzjoni, tikkonċerna, essenzjalment il-livell ta’ negliġenza. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni kkonfermat li kienet ibbażat ruħha, fid-deċiżjoni kkontestata, fuq il-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood unikament bħala fattur li jikkonċerna l-livell ta’ negliġenza tar-rikorrenti.

540 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti qablet li l-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-negliġenza. Madankollu, ir-rikorrenti sostniet li din il-kawża ma kinitx rilevanti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-eżistenza jew tal-livell tan-negliġenza, peress li l-fatti li taw lok għal dik il-kawża kienu kompletament differenti minn dawk li taw lok għall-kawża odjerna, b’tali mod li hija ma setgħet tislet l-ebda konklużjoni utli għall-kawża odjerna.

541 F’dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li kien ċertament minnu li d-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood ma kinitx tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 (ara l-punt 258 iktar ’il fuq). Madankollu, il-fatt li r-rikorrenti kienet diġà ngħatat multa, minkejja li fil-livell nazzjonali, għat-twettiq prematur ta’ konċentrazzjoni, jimplika li kien hemm lok li tiġi mistennija diliġenza partikolari min-naħa tar-rikorrenti (ara l-punt 258 iktar ’il fuq). F’dan ir-rigward, l-eżistenza ta’ dan il-preċedent kienet iżżid il-livell ta’ negliġenza tar-rikorrenti, fatt li jikkostitwixxi fattur li jirrendi l-ksur iktar serju.

542 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqet l-ebda żball billi ħadet inkunsiderazzjoni l-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood fil-kuntest tal-evalwazzjoni tas-serjetà tal-ksur.

*2) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kawżi li jikkonċernaw kumpanniji oħra*

543 Ir-rikorrenti ssostni li d-dikjarazzjoni inkluża fil-punt 160 tad-deċiżjoni kkontestata li "il-Kummissjoni kienet diġà bdiet investigazzjonijiet kontra kumpanniji oħra u kienet imponiet fuqhom multi għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament [Nru 4064/89]" ma tiħux inkunsiderazzjoni l-problema essenzjali li l-ebda waħda minn dawn il-kawżi ma kienet tikkonċerna l-portata tal-Artikolu 7(2) Regolament Nru 139/2004 jew tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 4064/89.

544 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li, fil-punt 160 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li r-Regolament Nru 139/2004 kien diġà ilu fis-seħħ għal iktar minn għaxar snin u li kienu jeżistu dispożizzjonijiet simili li jikkonċernaw l-obbligu ta' *status quo* fir-Regolament Nru 4064/89, li baqa' fis-seħħ għal iktar minn tlettax-il sena. Barra minn hekk, hija rrilevat li kienet diġà bdiet investigazzjonijiet kontra kumpanniji oħra, u kienet imponiet fuqhom multi għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89 u li hija kienet ukoll adottat deċiżjonijiet oħra abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4064/89.

545 B'dan, il-Kummissjoni, essenzjalment iġġustifikat il-fatt li hija ma kellhiex iktar raġuni li tkun "klementi" fl-istabbiliment tal-multi abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 139/2004.

546 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, ċertament, il-Kummissjoni tista' tagħżel li timponi multi f'ammont baxx meta tkun qiegħda tapplika għall-ewwel darba jew l-ewwel drabi dispożizzjoni li tippermettilha li timponi multa. Madankollu, il-Kummissjoni tista' legalment tikkunsidra li ma għadx għandha raġuni sabiex taġixxi b'dan il-mod meta hija tkun diġà imponiet diversi drabi multi b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

547 L-argument tar-rikorrenti li l-preċedenti ma kinux jikkonċernaw l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 jew l-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 4064/89 huwa, f'dan il-kuntest, irrilevanti. Fil-fatt, l-eżistenza ta' preċedenti, li fihom ġew imposti multi abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4064/89, setgħet twissi lir-rikorrenti li hija kienet tirriskja l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet kbar f'każ ta' ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. B'mod partikolari, il-fatt li l-Kummissjoni kienet diġà imponiet sanzjoni kbira, jiġifieri multa ta' EUR 20 miljun, fid-deċiżjoni Electrabel seta' jagħti indikazzjoni lir-rikorrenti tal-fatt li hija kienet qiegħda tirriskja li tingħata sanzjonijiet kbar f'każ ta' twettiq prematur tal-konċentrazzjoni inkwistjoni.

548 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma bdietx investigazzjoni u ma imponiet l-ebda multa fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, fil-punt 160 tad-deċiżjoni kkontestata u fin-noti ta' qiegħ il-paġna Nri 64 u 65 ta' din tal-aħħar, il-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq din il-kawża.

549 Fl-aħħar, ir-rikorrenti ssostni li l-konklużjoni, fil-punt 163 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-eżistenza ta' kawżi preċedenti ta' istanzi ta' ksur proċedurali li jikkonċernaw lir-rikorrenti kif ukoll lil kumpanniji oħra tirrendi l-ksur tar-rikorrenti iktar serju, hija manifestament ivvizzjata bi żbalji ta' liġi u ta' fatt.

550 Madankollu, fil-punt 163 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li "is-sanzjoni preċedenti", jiġifieri s-sanzjoni imposta fid-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood, kellha twassal lir-rikorrenti sabiex tevalwa b'reqqa partikolari l-obbligi tagħha u li, "[f']dan ir-rigward, l-eżistenza ta' ksur tal-obbligu ta' *status quo* fil-livell nazzjonali [kienet] tirrendi l-ksur iktar gravi". Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonstatat biss, fil-punt 163 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-eżistenza ta' ksur preċedenti mwettaq mir-rikorrenti fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood kienet tirrendi l-ksur iktar serju. Madankollu hija ma kkonstatatx li l-eżistenza ta' kawżi preċedenti ta' ksur proċedurali li tikkonċerna kumpanniji oħra kienet tirrendi l-ksur tar-rikorrenti iktar serju.

551 Minn dak li ntqal jirriżulta li hemm lok li tiġi miċħuda t-tieni parti tal-ħames motiv.

### *3. Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq evalwazzjoni żbaljata tat-tul tal-ksur allegat*

552 Ir-rikorrenti tikkonferma li, sabiex tiġġustifika r-rifjut tagħha li teskludi l-perijodu ta' qabel in-notifika mit-tul tal-ksur, il-Kummissjoni kkonfermat b'mod żbaljat, fil-punt 173 tad-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti ma wrietx disponibbiltà suffiċjenti sabiex tikkomunika informazzjoni matul il-fażi ta' qabel in-notifika. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma osservatx, fid-deċiżjoni kkontestata, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fl-evalwazzjoni tagħha tat-tul tal-ksur, billi ma adottatx l-istess approċċ bħal dak segwit fid-deċiżjoni tagħha Electrabel, li kien jikkonsisti fl-esklużjoni tal-perijodi ta' qabel in-notifika u dak tal-eżami tal-konċentrazzjoni mit-tul tal-ksur.

553 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

554 Qabel xejn, jeħtieġ li jitfakkar li, fil-punti 128 u 165 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat li ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ksur instantanju u li dan il-ksur kien twettaq f'dan il-każ fit-18 ta' Diċembru 2012, jiġifieri fil-jum tal-konklużjoni tal-akkwist ta' Diċembru 2012.

555 Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punti 128 u 166 tad-deċiżjoni kkontestata, li ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ksur kontinwu li jipperdura sakemm it-tranżazzjoni ma tiġix ddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni skont ir-Regolament Nru 139/2004. Skont il-Kummissjoni, f'dan il-każ, il-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 beda fit-18 ta' Diċembru 2012 u spiċċa fid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni, jiġifieri fit-30 ta' Settembru 2013.

556 Konsegwentement, il-Kummissjoni qieset li l-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien ta' disa' xhur u tnax-il jum. Hija qieset li dan il-perijodu seta' jitqies bħala partikolarment twil, b'mod partikolari fir-rigward ta' konċentrazzjoni li tippreżenta effetti antikompetittivi potenzjali.

557 Fl-aħħar, il-Kummissjoni tqis li kienet "iġġustifikata, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, li tieħu inkunsiderazzjoni l-perijodu ta' qabel in-notifika kif ukoll tal-investigazzjoni approfondita tal-fażi I, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tul tal-ksur tal-Artikolu 7(1) [tar-Regolament Nru 139/2004]". Fl-ewwel lok, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li l-operazzjoni prevista kienet qajmet dubji serji fis-suq potenzjali tas-salamun Skoċċiż u li ma setax jiġi eskluż li din għamlet ħsara lill-kompetizzjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, multa kellha, skont il-Kummissjoni, teżerċita effett dissważiv l-iktar qawwi possibbli. Fit-tieni lok, il-Kummissjoni rrilevat li r-rikorrenti ma kinitx disposta suffiċjentement li tikkomunika informazzjoni matul il-fażi ta' qabel in-notifika sabiex tiġġustifika l-esklużjoni ta' dan il-perijodu mit-tul totali tal-ksur, għar-raġunijiet spjegati f'iktar dettall fil-punti 174 sa 194 tad-deċiżjoni kkontestata.

558 Ir-rikorrenti ma tikkontestax il-fatt li l-ksur tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ma kienx jikkostitwixxi ksur instantanju. It-tielet parti tal-ħames motiv tikkonċerna unikament l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tat-tul tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

559 Fir-rigward tat-tul tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, hemm lok li jitfakkar li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, fil-punt 212 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672), li "il-kapaċità li tiġi eżerċitata influwenza determinanti fuq l-attività tal-impriża kkontrollata [kienet] tagħmel bilfors parti miż-żmien li għandu jibda jiddekorri mid-data meta jinkiseb il-kontroll u sakemm dan jintemm" u li "l-entità li tkun kisbet il-kontroll tal-impriża tkompli teżerċitah bi ksur tal-obbligu ta' sospensjoni li jirriżulta mill-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89 sal-mument meta din iġġibu fi tmiemu, billi tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni jew tħalli l-kontroll". Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali speċifikat, fil-punt 212 ta' dik is-sentenza, li "il-ksur jippersisti sakemm jibqa' l-kontroll miksub bi ksur tal-Artikolu 7(1) u sakemm

il-konċentrazzjoni ma tiġix awtorizzata mill-Kummissjoni" u li "għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha raġun li tikklassifika l-ksur bħala wieħed kontinwu sad-data tal-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni jew, jekk ikun il-każ, sa data preċedenti meħuda inkunsiderazzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ".

560 Dawn il-kunsiderazzjonijiet, li kienu jikkonċernaw l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89, japplikaw b'analoġija għall-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

561 B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-punt tat-tluq tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 kien it-18 ta' Diċembru2012, jiġifieri d-data tat-twettiq tal-konċentrazzjoni inkwistjoni, u dan kif ukoll ġie kkonstatat b'mod ġust mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tikkontestax il-punt tat-tluq adottat mill-Kummissjoni għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

562 Fir-rigward tad-data li fiha ġie tterminat il-ksur, mill-premessi li jinsabu fil-punt 559 iktar 'il fuq jirriżulta li ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jieqaf fil-mument li fih il-Kummissjoni tawtorizza l-konċentrazzjoni jew fil-mument li fih l-impriża inkwistjoni tabbanduna l-kontroll. Ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 jieqaf ukoll fil-mument li fih tingħata deroga possibbli mill-obbligu ta' sospensjoni mill-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 7(3) tar-Regolament Nru 139/2004.

563 F'dan il-każ, kien għalhekk b'mod ġust li l-Kummissjoni kkonstatat li l-ksur kien ġiet twaqqaf fid-data li fiha kienet ġiet awtorizzata l-konċentrazzjoni mill-Kummissjoni, jiġifieri fit-30 ta' Settembru 2013. Fil-fatt, ma kienet ngħatat l-ebda deroga mill-obbligu ta' sospensjoni mill-Kummissjoni, u din lanqas ma ntalbet mir-rikorrenti, u din tal-aħħar fl-ebda mument ma abbandunat il-kontroll ta' Morpol. Għaldaqstant, il-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 ipperdura mit-18 ta' Diċembru 2012 sat-30 ta' Settembru 2013, jiġifieri perijodu ta' disa' xhur u tnax-il jum, kif ikkonstatat mill-Kummissjoni.

564 Fil-punti 172 sa 195 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni mmotivat fid-dettall id-deċiżjoni tagħha li ma teskludix la l-perijodu ta' qabel in-notifika u lanqas il-perijodu tal-investigazzjoni approfondita tal-fażi I, sabiex tiddetermina t-tul tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

565 Ir-rikorrenti tqis li l-Kummissjoni kellha teskludi l-perijodu ta' qabel in-notifika mit-tul tal-ksur, u hija tikkontesta diversi premessi li jinsabu fil-punti 172 sa 195 tad-deċiżjoni kkontestata.

566 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, ladarba l-Kummissjoni kkonstatat ksur ta' perijodu ta' disa' xhur u tnax-il jum, huwa għal kollox normali li hija tieħu inkunsiderazzjoni dan il-perijodu għall-finijiet tal-istabbiliment tal-multa. Ċertament, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, skont is-setgħa diskrezzjonali tagħha, li ma tiħux inkunsiderazzjoni parti mill-perijodu ta' ksur, bl-istess mod bħalma għandha dritt li tiddeċiedi li ma tinvestigax ksur. Madankollu, bħala prinċipju il-Kummissjoni ma hija bl-ebda mod obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni parti mill-perijodu ta' ksur.

567 Meta ġiet mistoqsija, waqt is-seduta, dwar il-kwistjoni dwar għaliex fl-opinjoni tagħha kien jeżisti obbligu ta' esklużjoni tal-perijodu ta' qabel in-notifika mill-perijodu tal-ksur, ir-rikorrenti speċifikat li dan l-argument kien ibbażat biss fuq il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u li r-rikorrenti kienet qiegħda titlob l-istess trattament li ngħata lill-kumpannija Electrabel fid-deċiżjoni Electrabel.

568 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li, fil-punt 215 ta' din id-deċiżjoni Electrabel, il-Kummissjoni qieset, "fil-kuntest tad-diskrezzjoni tagħha u bla ħsara għall-pożizzjoni bħala prinċipju tagħha", li ma tiħux inkunsiderazzjoni l-perijodu li ta' qabel in-notifika u tal-eżami tal-konċentrazzjoni u li tikkonstata l-eżistenza ta' ksur biss sal-mument li fih Electrabel kienet informat lill-Kummissjoni dwar il-konċentrazzjoni.

569 Madankollu, il-Kummissjoni kkonstatat ukoll, fil-punt 211 tad-deċiżjoni tagħha Electrabel, li ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 4064/89 ma setgħax biss jieqaf meta l-Kummissjoni tawtorizza l-konċentrazzjoni jew, fejn xieraq, tagħti deroga.

570 Hemm lok li jiġi kkonstatat li l-fatt innifsu li l-Kummissjoni ddeċidiet, f'dan il-każ, li ma tiħux inkunsiderazzjoni parti mill-perijodu tal-ksur, u dan espressament "fil-kuntest tad-diskrezzjoni tagħha u bla ħsara għall-pożizzjoni bħala prinċipju tagħha", ma huwiex ta' natura li jbiddel il-kuntest legali applikabbli.

571 Ir-riferiment, fil-punt 212 tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672), għal "data preċedenti [għad-data ta' awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni] meħuda inkunsiderazzjoni fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ" għandu jinftiehem bħala riferiment għall-fakultà tal-Kummissjoni, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, li ma tiħux inkunsiderazzjoni perijodu mill-ksur sabiex tistabbilixxi t-tul tiegħu. Minn dan kollu ma jirriżultax obbligu fuq il-Kummissjoni li tadotta, bħala data tat-tmiem tal-ksur, data preċedenti għal dik tad-data tal-awtorizzazzjoni tal-konċentrazzjoni mill-Kummissjoni.

572 Bil-għan li tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li la teskludi l-fażi ta' qabel in-notifika u lanqas il-fażi tal-eżami tal-konċentrazzjoni mill-perijodu tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, il-Kummissjoni rrilevat, fil-punt 172 tad-deċiżjoni kkontestata, li t-tranżazzjoni prevista kienet qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, u li ma setax jiġi eskluż li din għamlet ħsara lill-kompetizzjoni, tal-inqas sa ċertu punt, wara t-twettiq tal-operazzjoni prevista u qabel l-awtorizzazzjoni tagħha.

573 Din il-kunsiderazzjoni hija waħedha suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-fatt li l-Kummissjoni ma adottatx l-istess approċċ li ġie segwit fid-deċiżjoni tagħha Electrabel, li jikkonsisti fl-esklużjoni tal-perijodu ta' qabel in-notifika u tal-eżami tal-konċentrazzjoni mit-tul tal-ksur.

574 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jitfakkar li, fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel, il-Kummissjoni kkonstatat li l-konċentrazzjoni ma kinitx qajmet l-ebda problema ta' kompetizzjoni. Dan jimplika li t-twettiq prematur ta' din il-konċentrazzjoni ma kellu l-ebda effett dannuż fuq il-kompetizzjoni.

575 Madankollu, f'dan il-każ, il-preżenza ta' effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni minħabba t-twettiq prematur tal-konċentrazzjoni ma jistax jiġi eskluż (ara l-punti 505 sa 517 iktar 'il fuq). F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jkunx f'loku li l-Kummissjoni teskludi l-perijodu ta' qabel in-notifika u tal-eżami tal-konċentrazzjoni mit-tul tal-ksur. Fil-fatt, ir-riskju ta' effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni jiżdied, f'tali każ, mat-tul tal-ksur. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti u dik tal-kumpannija Electrabel fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel ma humiex paragunabbli, b'tali mod li r-rikorrenti ma tistax tinvoka b'mod utli l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

576 Minn dawn isegwi li ma huwiex neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti maħsuba sabiex tiġi kkontestata l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, fid-deċiżjoni kkontestata, li tistabbilixxi li r-rikorrenti ma kinitx faċilment disposta li tipprovdi lill-Kummissjoni d-data rilevanti kollha li tikkonċerna s-suq. Anki jekk jiġi preżunt li r-rikorrenti tat prova ta' atitudni kooperattiva waqt il-proċedura ta' notifika tal-konċentrazzjoni, kif hija ssostni, dan ma jkunx jiġġustifika l-applikazzjoni tal-istess approċċ bħal dak segwit fid-deċiżjoni Electrabel u l-esklużjoni tal-perijodu ta' qabel in-notifika u tal-eżami tal-konċentrazzjoni mit-tul tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

577 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-Kummissjoni evalwat b'mod korrett it-tul tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 u li kien b'mod ġust li hija la eskludiet il-perijodu ta' qabel in-notifika u tal-eżami tal-konċentrazzjoni mit-tul tal-ksur.

578 Għaldaqstant hemm lok li t-tielet parti tal-ħames motiv jiġi miċħud.

### *4. Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq il-fatt li l-multa hija sproporzjonata*

579 Ir-raba' parti tal-ħames motiv hija maqsuma fi tliet ilmenti, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq l-allegazzjoni li l-multa teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq l-għan segwit, it-tieni, fuq l-allegazzjoni li l-multa hija sproporzjonata meta mqabbla mat-tul u mas-serjetà tal-ksur allegat u, it-tielet, fuq l-allegazzjoni li l-multa hija eċċessiva u għandha titnaqqas.

580 Qabel xejn, jeħtieġ li jitfakkar, li l-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet Komunitarji ma għandhomx jaqbżu l-limiti ta' dak li huwa idoneju u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, bil-kundizzjoni li, meta tkun possibbli għażla bejn diversi miżuri idoneji, għandha tintgħażel dik l-inqas restrittiva, u li l-inkonvenjenti kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta pparagunati mal-għanijiet li għandhom jintlaħqu. B'hekk jirriżulta li l-multi ma għandhomx ikunu sproporzjonati fir-rigward tal-għanijiet previsti, jiġifieri fir-rigward tar-rispett tar-regoli tal-kompetizzjoni, u li l-ammont tal-multa imposta fuq impriża għall-ksur fil-qasam tal-kompetizzjoni għandu jkun proporzjonat għall-ksur, evalwat kollu kemm hu, b'kunsiderazzjoni b'mod partikolari, tas-serjetà ta' dan tal-aħħar (ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 279 u l-ġurisprudenza ċċitata).

581 Barra minn hekk, hemm lok li jitfakkar li, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 139/2004, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha tiddeċiedi b'ġurisdizzjoni sħiħa dwar ir-rikorsi ppreżentati kontra deċiżjonijiet li bihom il-Kummissjoni tkun iffissat multa jew pagament ta' penalità perjodiku; din tista' tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagament ta' penalità perjodiku impost. Din il-ġurisdizzjoni tagħti s-setgħa lill-qorti, lil hinn mis-sempliċi stħarriġ ta' legalità tas-sanzjoni, li tissostitwixxi bl-evalwazzjoni tagħha dik tal-Kummissjoni, u konsegwentement, li tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-pagamenti ta' penalità imposti (ara s-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, KME Germany *et* vs Il-Kummissjoni, C-272/09 P, EU:C:2011:810, punt 103 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2011, Romana Tabacchi vs Il-Kummissjoni, T-11/06, EU:T:2011:560, punt 265).

#### *a) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-multa teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan segwit*

582 Ir-rikorrenti tfakkar li l-Kummissjoni qieset, fil-punt 206 tad-deċiżjoni kkontestata, li multa kbira kienet neċessarja sabiex jiġi żgurat effett dissważiv suffiċjenti. Ir-rikorrenti tammetti li, skont is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni (T-332/09, EU:T:2012:672, punt 282), il-Kummissjoni "għandha raġun li *tieħu inkunsiderazzjoni* n-neċessità li tiggarantixxi li dawn [il-multi] ikollhom effett suffiċjentement disswaživ" Madankollu, skont ir-rikorrenti, dan waħdu ma jirrendix il-multa "neċessarja" għat-twettiq tal-għan segwit f'dan il-każ. Fl-opinjoni tagħha, deċiżjoni li tikkonstata ksur u li tiċċara l-portata tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kienet tkun suffiċjenti f'dan il-każ sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u kienet tikkostitwixxi l-miżura l-inqas ristrettiva.

583 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li diversi argumenti tar-rikorrenti maħsuba sabiex jistabbilixxu li l-Kummissjoni wettqet żball billi imponiet multa li tmur lil hinn minn multa simbolika diġà ġew miċħuda fil-kuntest tal-eżami tar-raba' motiv.

584 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-effett disswaživ tal-multa, jeħtieġ li jiġi rrilevat li sempliċi deċiżjoni li tikkonstata ksur u tiċċara l-portata tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ma kienx ikollha l-istess effett disswaživ bħad-deċiżjoni kkontestata, li timponi multa ta' EUR 20 miljun (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 295). Għaldaqstant kien neċessarju li tiġi imposta multa kbira bil-għan li jintlaħaq l-għan li tiġi żgurata, fil-futur, l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni.

585 Il-fatt waħdu li l-ksur twettaq b'negliġenza ma jimplikax li ma kienx neċessarju li jiġu imposti multi f'ammont suffiċjentement disswaživ. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel kienet hija wkoll tikkonċerna ksur imwettaq b'negliġenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 276).

586 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-kawża odjerna tikkonċerna ksur possibbli mwettaq minħabba interpretazzjoni żbaljata, skużabbli, tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-aġir tar-rikorrenti kien negliġenti u li ma kienx jeżisti żball skużabbli min-naħa tagħha (ara l-eżami tat-tieni motiv kif ukoll il-punt 484 iktar 'il fuq).

587 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma qajjem l-ebda argument, fil-kuntest tal-ewwel ilment tar-raba' parti tal-ħames motiv, li jista' jpoġġi f'dubju l-proporzjonalità tal-multa imposta.

*b) Fuq it-tieni ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-multa hija sproporzjonata meta mqabbla mat-tul u mas-serjetà tal-ksur allegat*

588 Ir-rikorrenti ssostni li, minħabba żbalji ta' liġi u ta' fatt imwettqa fl-evalwazzjoni tas-serjetà u tat-tul tal-ksur allegat, il-multa hija manifestament sproporzjonata meta mqabbla mat-tul u mas-serjetà tal-ksur allegat.

589 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-argumenti tar-rikorrenti marbuta mal-allegati żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tas-serjetà u tat-tul tal-ksur ġew miċħuda fil-kuntest tal-eżami tat-tieni u t-tielet parti tal-ħames motiv.

590 Għaldaqstant hemm lok li jiġi miċħud it-tieni ilment tar-raba' parti tal-ħames motiv.

*c) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-multa hija eċċessiva u għandha titnaqqas*

591 Ir-rikorrenti tirrileva li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni imponiet multa identika għal dik imposta fid-deċiżjoni Electrabel, minkejja li kienu jeżistu differenzi sinjifikattivi bejn iż-żewġ kawżi, b'mod partikolari inkwantu tat-tul tal-ksur allegat u tad-dħul mill-bejgħ global tal-impriżi. Hija tenfasizza li t-tul tal-ksur fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel kien ta' iktar minn 4.5 darbiet iktar minn dak tal-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004 f'dan il-każ. Barra minn hekk, ir-rikorrenti rrilevat li l-multa imposta fid-deċiżjoni Electrabel kienet ekwivalenti għal 0.04 % tad-dħul globali tal-awtur tal-ksur, kontra 1 % f'dan il-każ. Barra minn hekk, hija tenfasizza li l-multa imposta fid-deċiżjoni Electrabel kienet tekwivali biss għal 0.42 % tal-multa massima awtorizzata, kontra 10 % f'dan il-każ. Barra minn hekk, il-multa imposta fuq Electrabel kienet tekwivali għal madwar 1/13 tal-valur tat-tranżazzjoni, filwaqt li din kienet tekwivali għal madwar 1/6 tal-valur tat-tranżazzjoni fil-kawża odjerna.

592 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jitfakkar li, kif tammetti r-rikorrenti, il-prassi deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni ma sservix fiha nnifisha bħala kuntest ġuridiku għall-multi fil-qasam tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 259 u l-ġurisprudenza ċċitata).

593 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tenfasizza li ma hijiex titlob lill-Qorti Ġenerali tapplika l-istess formula matematika bħal dik applikata fid-deċiżjoni Electrabel, li twassal għal tnaqqis tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont koeffiċjent ta' 25. Madankollu hija titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li tieħu inkunsiderazzjoni d-differenza fit-trattament bejn Electrabel u r-rikorrenti, li hija skjaċċanti, u li tieħu kont debitu taċ-ċirkustanzi tal-każ.

594 Jeħtieġ li jiġi rrilevat li, ċertament, il-multa f'dan il-każ hija ħafna ikbar, fid-dawl tad-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti, meta mqabbla ma' dik imposta fid-deċiżjoni Electrabel, minkejja li dawn iż-żewġ multi huma identiċi f'termini assoluti (EUR 20 miljun fiż-żewġ kawżi). Madankollu, jeħtieġ li jitfakkar li d-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni fil-qasam tal-multi jistgħu jkunu rilevanti fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament biss jekk jintwera li d-data ċirkustanzjali tal-kawżi relattivi għal dawn id-deċiżjonijiet l-oħra hija paragunabbli ma' dawk tal-kawża odjerna (ara f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2012, E.ON Ruhrgas u E.ON vs il-Kummissjoni, T-360/09, EU:T:2012:332, punt 262 u l-ġurisprudenza ċċitata).

595 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, hemm lok li jittieħed kont tal-fatt li, fid-deċiżjoni Electrabel, il-Kummissjoni imponiet biss multa għall-ksur tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 4064/89. F'dan il-każ, il-Kummissjoni setgħet ġustament timponi żewġ multi għall-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

596 Fit-tieni lok, hemm lok li jittieħed kont tal-fatt li, f'dan il-każ, it-tranżazzjoni prevista kienet tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u li t-twettiq prematur tal-konċentrazzjoni seta' jkollu effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni, għall-kuntrarju ta' kif kienet is-sitwazzjoni fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel. Dan il-fatt waħdu jiġġustifika l-impożizzjoni ta' multa ħafna ikbar minn dik imposta fid-deċiżjoni Electrabel.

597 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kienet enfasizzat, fid-deċiżjoni tagħha Electrabel, li l-fatt li t-tranżazzjoni ma kinitx qajmet problemi ta' kompetizzjoni ma kienx ta' natura li jinċidi fuq in-natura serja ta' ksur u li l-preżenza ta' dannu lill-kompetizzjoni kien jirrendi l-ksur iktar serju. Skont ir-rikorrenti, la l-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel u lanqas il-kawża odjerna ma kienu jinvolvu xi dannu effettiv lill-kompetizzjoni.

598 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jitfakkar, minn naħa, li l-fatt li konċentrazzjoni tqajjem dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern jirrendi t-twettiq prematur ta' din il-konċentrazzjoni iktar serju mit-twettiq prematur ta' konċentrazzjoni li ma tqajjimx problemi ta' kompetizzjoni, dment li ma jkunx jista' jiġi eskluż f'każ partikolari li t-twettiq tagħha fil-forma prevista inizjalment u mhux awtorizzata mill-Kummissjoni seta' jkollu effetti dannużi fuq il-kompetizzjoni (ara l-punt 500 iktar 'il fuq) u, min-naħa l-oħra, li, f'dan il-każ, ma jistax jiġi eskluż effett negattiv tat-twettiq prematur tal-konċentrazzjoni fuq il-kompetizzjoni (ara l-punt 514 iktar 'il fuq).

599 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-kuntest tal-kawża odjerna, jiġifieri fl-ewwel lok, ir-rikors għall-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, fit-tieni lok, l-osservanza simultanja tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 u, fit-tielet lok, il-kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni waqt l-elaborazzjoni ta' assjem ta' miżuri korrettivi adegwati, jirrendi insinjifikattiva kull differenza fattwali possibbli bejn il-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel.

600 Fir-rigward tal-ewwel element, hemm lok li jitfakkar li l-kawża odjerna tikkonċerna ksur imwettaq b'negliġenza, bħall-ksur inkwistjoni fil-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel. Iċ-ċirkustanza li l-iżball tar-rikorrenti seta' kien jikkonċerna l-portata tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, ma tirrendix il-ksur inqas gravi.

601 Fir-rigward tat-tieni element, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li r-rikorrenti ma kinitx eżerċitat id-drittijiet tagħha tal-vot fi ħdan Morpol u li hija kienet żammet lil Morpol bħala entità separata tar-rikorrenti matul il-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjoni bħala ċirkustanzi attenwanti (punti 196 u 198 tad-deċiżjoni kkontestata). Madankollu hemm lok li jitfakkar li dawn il-miżuri ma jeskludux li t-twettiq prematur tal-konċentrazzjoni seta' kellu effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni (ara l-punt 516 iktar 'il fuq).

602 Fir-rigward tat-tielet element, il-Kummissjoni tenfasizza ġustament li kien fl-interess kummerċjali tar-rikorrenti stess li tipproponi miżuri korrettivi. Li kieku r-rikorrenti ma kinitx ipproponiet tali miżuri, il-Kummissjoni kienet tibda l-proċeduri tat-tieni fażi, li kienu jtawlu l-ksur u li fl-aħħar mill-aħħar setgħu jwasslu għall-projbizzjoni tal-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, il-fatt li r-rikorrenti pproponiet miżuri korrettivi adegwati ma jirrendix il-ksur inqas gravi.

603 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat, fir-rigward tal-paragun bejn il-kawża odjerna u l-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Electrabel, li l-fatt li l-Kummissjoni applikat, fil-passat, multi ta' ċertu livell għal ċerti tipi ta' ksur ma jistax iċaħħadha mill-possibbiltà li żżid dan il-livell fil-limiti indikati fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, jekk dan ikun neċessarju sabiex tiġi żgurata l-implementazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. Fil-fatt, l-applikazzjoni effikaċi tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni titlob li l-Kummissjoni tkun tista' f'kull mument taġġusta l-livell tal-multi skont il-ħtiġijiet ta' din il-politika (ara s-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2012, Electrabel vs Il-Kummissjoni, T-332/09, EU:T:2012:672, punt 286 u l-ġurisprudenza ċċitata).

604 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-kawża odjerna ma tikkonċernax ksur ċar tal-obbligu ta' *status quo* u li kienet l-iktar l-iktar tikkonċerna interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 dovuta għal żball skużabbli. Għaldaqstant, skont ir-rikorrenti, l-ebda argument tal-politika tal-kompetizzjoni ma jista' jiġġustifika l-livell tal-multa f'dan il-każ.

605 Fir-rigward ta' dan l-argument tar-rikorrenti, huwa suffiċjenti li jitfakkar li l-aġir tar-rikorrenti kien negliġenti u li ma kien jeżisti l-ebda żball skużabbli min-naħa tagħha (ara l-eżami tat-tieni motiv kif ukoll il-punt 484 iktar 'il fuq).

606 Barra minn hekk, hemm lok li jiġi rrilevat li l-ammont globali taż-żewġ multi imposti f'dan il-każ jikkorrispondi għal madwar 1 % tad-dħul mill-bejgħ tar-rikorrenti. Il-Kummissjoni tindika f'dan ir-rigward li dan l-ammont jikkorrispondi għal 10 % tal-ammont massimu awtorizzat.

607 Il-Kummissjoni ġustament tenfasizza, fir-risposta tagħha, li l-għażla li tistabbilixxi l-multa f'ammont li jkun fil-parti inferjuri tal-iskala awtorizzata tirrifletti l-bilanċ imfittex mill-Kummissjoni bejn, minn naħa, is-serjetà tal-ksur imwettaq, l-effetti negattivi potenzjali fuq il-kompetizzjoni li setgħet tikkawża l-konċentrazzjoni, id-daqs u l-kumplessità tal-istruttura tar-rikorrenti u n-neċessità li tiġi applikata sanzjoni suffiċjentement disswaživa, u min-naħa l-oħra, ċerti ċirkustanzi attenwanti bħall-atitudni negliġenti u mhux intenzjonata tar-rikorrenti, il-fatt li hija talbet pariri legali, il-fatt li hija ma eżerċitatx id-drittijiet tal-vot li kien jikkonferilha s-sehem tagħha fil-kapital, u s-separazzjoni taż-żewġ attivitajiet sal-awtorizzazzjoni tat-tranżazzjoni.

608 Fid-dawl tal-elementi msemmija fil-punt 607 iktar 'il fuq, l-ammont tal-multi ma jistax jitqies bħala sproporzjonat. Effettivament, l-ammont tal-multi, anki jekk jitqiesu flimkien, jinsab fil-parti inferjuri tal-iskala awtorizzata, fatt li jirrifletti bilanċ ġust bejn il-fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni u dak li huwa proporzjonat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ. Għal dawn ir-raġunijiet, hemm lok li jitqies li l-ammont tal-multi imposti huwa adegwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

609 L-ebda wieħed mill-argumenti u mill-provi invokati mir-rikorrenti ma jippermettu lill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li tikkonstata li l-multi imposti ma humiex adegwati.

610 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-qrati tal-Unjoni naqqsu b'mod sinjifikattiv il-multi imposti mill-Kummissjoni f'ċirkustanzi simili għal dawk fil-kawża odjerna, jeħtieġ li jiġi kkonstatat li, kif tenfasizza l-Kummissjoni, il-fatti li taw lok għal dawn il-kawżi ma kinux paragunabbli ma' dawk li taw lok għall-kawża odjerna.

611 Fl-ewwel lok, fir-rigward tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 1984, Officine Bertoli vs Il-Kummissjoni (8/83, EU:C:1984:129), jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja naqqset b'75 % il-multa imposta mir-rikorrenti għal ksur tal-Artikolu 60 KEFA. Fil-punt 29 ta' din is-sentenza hija rrilevat dan li ġej:

"[Ċ]erti ċirkustanzi partikolari tal-każ ineżami jiġġustifikaw tnaqqis, għal raġunijiet ta' ekwità. Matul l-aħħar tletin sena, ir-rikorrenti, minkejja diversi kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni, sal-lum għada qatt ma ġiet issanzjonata għal ksur tar-regoli fil-qasam tal-prezz, dazji jew kwoti. Ma' din iċ-ċirkustanza għandha tiżdied in-natura inċerta tal-avviżi tal-Kummissjoni li, filwaqt li wissiet lill-impriżi kkonċernati dwar it-tisħieħ u l-estensjoni tal-kontrolli fuq l-osservanza tal-prezzijiet u kundizzjonijiet tal-bejgħ imposti mill-Artikolu 60 tat-Trattat KEFA, ma ġibditx l-attenzjoni tagħhom għall-intenzjoni tal-Kummissjoni li tissanzjona, kif kellha s-setgħa li tagħmel, iktar severament il-ksur ikkonstatat."

612 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tikkonferma li, "[b'] mod simili, l-eżenzjoni mill-obbligu ta' *status quo* ġiet introdotta xi 25 sena qabel id-deċiżjoni" u li "qatt ma ġiet imposta xi sanzjoni minħabba applikazzjoni żbaljata tal-eżenzjoni".

613 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma imponietx multa għal applikazzjoni żbaljata tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, iżda għall-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Din ma hijiex l-ewwel kawża li fiha l-Kummissjoni imponiet multi għat-twettiq ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha.

614 Barra minn hekk, il-premessi li jinsabu fil-punt 29 tas-sentenza tat-28 ta' Marzu 1984, Officine Bertoli vs Il-Kummissjoni (8/83, EU:C:1984:129), kienu jikkonċernaw is-sitwazzjoni ta' waħda u l-istess impriża li ma ngħatat l-ebda multa, minkejja li sarulha diversi kontrolli. Dawn il-premessi ma jistgħux jiġu trasposti għas-sitwazzjoni tal-impriżi kollha, meta ma ġiet imposta l-ebda multa fuq l-ebda impriża.

615 Barra minn hekk, fir-rigward tal-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni, ma teżisti l-ebda sistema ta' kontrolli regolari, għall-kuntrarju tas-sitwazzjoni fis-sentenza tat-28 ta' Marzu 1984, Officine Bertoli vs Il-Kummissjoni (8/83, EU:C:1984:129).

616 Fit-tieni lok, fir-rigward tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1983, Lucchini Siderurgica vs Il-Kummissjoni (179/82, EU:C:1983:280), ir-rikorrenti tenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja naqqset b'50 % il-multa li kienet ġiet imposta talli ġiet oltrepassata l-kwota ta' produzzjoni tal-ħadid.

617 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "ċirkustanzi eċċezzjonali" kienu jiġġustifikaw li titwarrab ir-rata normali imposta mill-Kummissjoni. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li, fit-trimestru inkwistjoni, ir-rikorrenti fil-kawża li tat lok għas-sentenza kienet affaċċjat diffikultajiet eċċezzjonali sabiex tosserva l-kwota attribwita u li hija kienet sussegwentement naqqset il-produzzjoni tagħha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-rikorrenti f'dik il-kawża kienet offriet minn qabel, b'faks, il-kumpens għall-oltrepassar tal-kwota permezz ta' tnaqqis tal-produzzjoni sussegwenti tagħha, u li l-Kummissjoni ma kinitx wieġbet għal din il-faks, bi ksur tar-regoli ta' amministrazzjoni tajba, u billi ħalliet lir-rikorrenti fl-inċertezza dwar il-kwistjoni dwar jekk hija kinitx aċċettat l-offerta tagħha (sentenza tad-19 ta' Ottubru 1983, Lucchini Siderurgica vs Il-Kummissjoni, 179/82, EU:C:1983:280, punti 25 sa 27).

618 Ir-rikorrenti tikkonferma li hija mminimizzat ukoll kull konsegwenza negattiva tal-ksur possibbli tagħha billi astjeniet milli teżerċita d-drittijiet tagħha tal-vot u billi żammet lil Morpol bħala entità separata matul il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni lir-rikorrenti fl-inċertezza fuq il-kwistjoni dwar jekk l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 kinitx tapplika sal-konklużjoni minnha tal-proċess ta' kontroll tal-konċentrazzjoni.

619 Madankollu, f'dan il-każ, b'differenza mis-sitwazzjoni li tat lok għas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1983, Lucchini Siderurgica vs Il-Kummissjoni (179/82, EU:C:1983:280), ma teżistix rata normali għall-impożizzjoni ta' multa għal ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004. Kif jirriżulta mill-punt 25 tas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1983, Lucchini Siderurgica vs Il-Kummissjoni (179/82, EU:C:1983:280), il-multa kellha tiġi stabbilita, skont deċiżjoni ġenerali, f'ammont ta' ECU 75 għal kull tunnellata li tiżboq il-limitu, bla ħsara għal każijiet eċċezzjonali li jiġġustifikaw li titwarrab ir-rata normali.

620 F'dan il-każ, il-fatt li r-rikorrenti naqqset ir-riskju ta' effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni, billi astjeniet milli teżerċita id-drittijiet tagħha tal-vot u billi żammet lil Morpol bħala entità separata matul il-perijodu ta' eżami tal-konċentrazzjoni, ittieħed debitament inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, fil-punti 196 u 198 tad-deċiżjoni kkontestata bħala ċirkustanzi attenwanti. Għaldaqstant ma jkunx f'loku li din iċ-ċirkustanza tittieħed inkunsiderazzjoni għat-tieni darba, billi jitnaqqas l-ammont tal-multi imposti mill-Kummissjoni.

621 Fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ħalliet lir-rikorrenti fl-inċertezza fuq il-kwistjoni dwar jekk kinitx tapplika l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li, peress li r-rikorrenti ma kinitx ikkuntattjat lill-Kummissjoni bil-għan li tikseb kjarifiki dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 f'dan il-każ, hija ma tistax tallega li l-Kummissjoni ħallietha fl-inċertezza dwar dan is-suġġett. B'differenza mill-kawża li tat lok għas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 1983, Lucchini Siderurgica vs Il-Kummissjoni (179/82, EU:C:1983:280), fil-każ odjern ma kienx hemm kuntatt mir-rikorrenti li ma ġiex imwieġeb mill-Kummissjoni.

622 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq is-sentenza tas-16 ta' Mejju 1984, Eisen und Metall vs Il-Kummissjoni (9/83, EU:C:1984:177), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja naqqset b'50 % l-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni fuq ir-rikorrenti, fil-kummerċ tal-azzar, peress li wettqet tnaqqis tal-prezzijiet ippubblikati tagħha u peress li għaldaqstant applikat kundizzjonijiet mhux ugwali fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet paragunabbli (ara l-punti 27 u 41 sa 46 tas-sentenza).

623 F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, meta ksur ikun twettaq minn kummerċjant, l-influwenza iktar limitata li dan jista' jeżerċita fuq is-sitwazzjoni tas-suq tikkostitwixxi ċirkustanza li żżid is-serjetà tal-ksur u li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, l-applikazzjoni ta' multa kbira ħafna tista' tiġi ġġustifikata biss minn ċirkustanzi li juru serjetà partikolari tal-ksur imwettaq minn kummerċjant (sentenza tas-16 ta' Mejju 1984, Eisen und Metall vs Il-Kummissjoni, 9/83, EU:C:1984:177, punti 43 u 44). Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punt 45 ta' din is-sentenza, li multa ekwivalenti għal 110 % tat-tnaqqis tal-prezzijiet ma kinitx iġġustifikata, peress li l-unika ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni tal-ammont tal-multa kienet fil-forma ta' riferiment għall-fatt li l-ammont tal-multa kellu jkun f'livell suffiċjenti sabiex jiddisswadi lill-impriża milli twettaq tnaqqis ġdid.

624 Għaldaqstant jirriżulta biss mis-sentenza tas-16 ta' Mejju 1984, Eisen und Metall vs Il-Kummissjoni (9/83, EU:C:1984:177), li r-riferiment għan-neċessità ta' effett suffiċjentement dissważiv ma huwiex biżżejjed sabiex tintwera' serjetà partikolari ta' ksur imwettaq minn kummerċjant.

625 F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata turi serjetà partikolari tal-ksur bil-għan li tiġġustifika l-impożizzjoni ta' multa għolja. Fil-fatt, ma jistax jiġi ddikjarat li r-rikorrenti setgħet biss teżerċita influwenza limitata fuq is-suq.

626 Sa fejn ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq żball skużabbli fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, huwa suffiċjenti li jitfakkar li dan l-argument diġà ġie miċħud fil-punt 484 iktar 'il fuq.

627 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti tibbaża ruħha fuq is-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Parker Pen vs Il-Kummissjoni (T-77/92, EU:T:1994:85). Fil-punt 94 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrilevat li "il-Kummissjoni ma [kinitx] ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li d-dħul mill-bejgħ mwettaq mill-prodotti kkonċernati mill-ksur kien relattivament dgħajjef meta mqabbel ma' dak li rriżulta mill-bejgħ kollu mwettaq minn Parker" u li "l-istabbiliment ta' multa adegwata ma [setgħax] ikun ir-riżultat ta' sempliċi kalkolu bbażat fuq id-dħul mill-bejgħ globali". Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali naqqset il-multa b'madwar 43 %, billi biddlitha minn ECU 700 000 għal ECU 400 000 (punt 95 tas-sentenza).

628 Ir-rikorrenti ssostni li, b'mod simili, li l-bejgħ tas-salamun Skoċċiż tat-trobbija mwettaq fl-2012 minn Morpol, settur li fih il-Kummissjoni identifikat problemi ta' kompetizzjoni, kien relattivament dgħajjef meta mqabbel mal-bejgħ kollu tagħha, jiġifieri 5 %.

629 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi rrilevat li s-sentenza tal-14 ta' Lulju 1994, Parker Pen vs Il-Kummissjoni (T-77/92, EU:T:1994:85), kienet tikkonċerna ksur tal-Artikolu [101 TFUE]. Fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, ma huwiex f'loku li l-ammont tal-multa jiġi kkalkolat abbażi tal-valuri tal-bejgħ fis-settur milqut minn problemi possibbli tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, it-twettiq ta' konċentrazzjoni qabel in-notifika u l-awtorizzazzjoni tagħha ma jikkonċernax esklużivament is-settur tas-suq li fir-rigward tiegħu jistgħu jiġu identifikati problemi ta' kompetizzjoni mill-Kummissjoni. Inkella, l-multa, bħala prinċipju, kellha tkun ta' EUR 0 fil-każ ta' konċentrazzjoni li ma tkun qajmet l-ebda problema ta' kompetizzjoni.

630 Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma wettqitx "sempliċi kalkolu bbażat fuq id-dħul mill-bejgħ globali", iżda ħadet inkunsiderazzjoni assjem ta' elementi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura, tas-serjetà u tat-tul tal-ksur.

631 Għalhekk, hemm lok li r-raba' parti tal-ħames motiv tiġi miċħuda.

### *5. Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata, b'mod żbaljat, ma tirrikonoxxix ċirkustanzi attenwanti*

632 Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kellha tirrikonoxxi s-segwenti elementi bħala ċirkustanzi attenwanti:

– il-kooperazzjoni tar-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet;

– l-assenza ta' preċedenti rilevanti;

– l-eżistenza ta' żball skużabbli li ta lok għall-ksur allegat.

633 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

634 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegata kooperazzjoni tar-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet, anki jekk tiġi preżunta, jeħtieġ li jiġi rrilevat li din ma hijiex ċirkustanza attenwanti fil-kuntest ta' proċedura marbuta ma' ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

635 Huwa ċertament minnu li, fil-proċeduri marbuta mal-ksur tal-Artikoli 101 jew 102 TFUE, il-kooperazzjoni ta' rikorrent fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva tista', fejn xieraq, tittieħed inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanza attenwanti. F'tali kawżi, li fihom il-Kummissjoni tkun tipprevedi li tistabbilixxi ksur, bl-ebda mod ma huwa ovvju li l-impriżi suġġetti għall-investigazzjoni juru atitudni kooperattiva u li tgħin b'mod attiv lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-ksur.

636 Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma tibbażax ruħha fuq allegata kooperazzjoni waqt il-proċedura amministrattiva intiża li tistabbilixxi l-ksur tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004.

637 Hija tiddikjara sempliċiment li hija kkooperat matul il-proċedura ta' kontroll tal-konċentrazzjonijiet. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li huwa għal kollox loġiku li impriża li tkun tixtieq li tikseb l-awtorizzazzjoni ta' konċentrazzjoni tikkoopera mal-Kummissjoni sabiex taċċellera l-proċedura, li huwa fl-interess proprju tagħha (ara, fir-rigward tal-proposta għal miżuri korrettivi mir-rikorrenti, il-punt 602 iktar 'il fuq).

638 Għaldaqstant ma jistax jiġi allegat li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni tali kooperazzjoni bħala ċirkustanza attenwanti.

639 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti tiddikjara li l-Kummissjoni kellha tatiha l-benefiċċju ta' ċirkustanza attenwanti marbuta mal-assenza ta' preċedenti rilevanti li jistabbilixxu ksur tal-obbligu ta' *status quo* inkonnessjoni mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tenfasizza li, fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Frar 1998 (Każ Nru IV/M.920 – Samsung/AST) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Samsung/AST") kif ukoll fid-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' Frar 1999 (Każ Nru IV/M.969 – A. P. Møller) (iktar 'il quddiem "id-deċiżjoni A. P. Møller"), il-Kummissjoni rrikonoxxiet bħala fattur attenwanti l-fatt li l-aġir inkwistjoni seħħ fil-mument li fih hija kienet għadha ma adottatx deċiżjoni li tikkonstata ksur fir-rigward tal-aġir inkwistjoni.

640 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni ma hija bl-ebda mod obbligata li tieħu inkunsiderazzjoni, bħala ċirkustanza attenwanti, il-fatt li aġir li għandu eżattament l-istess karatteristiċi bħal dawk ta' dak inkwistjoni għadu ma tax lok għall-impożizzjoni ta' multa. Barra minn hekk, fl-ewwel lok, jeħtieġ li jitfakkar li, fid-deċiżjoni Yara/Kemira GrowHow, il-Kummissjoni kienet diġà esprimiet ruħha dwar l-interpretazzjoni li teħtieġ li tingħata lill-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004, minkejja li dan għamlitu *f'obiter dictum* (ara l-punt 419 iktar 'il fuq). Fit-tieni lok, il-Kummissjoni, f'diversi każijiet, imponiet multa abbażi tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4064/89, anki jekk dawn il-każijiet ma kinux jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004.

641 Fir-rigward tad-deċiżjoni Samsung/AST, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-Kummissjoni kkonstatat, fil-punt 5 tal-premessa 28, li din id-deċiżjoni kienet "l-ewwel [li hija kienet] ħadet [...] skont l-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Regolament [Nru 4064/89]". Fil-premessa 21 tad-deċiżjoni A.P. Møller, il-Kummissjoni kkonstatat li "l-ksur [kien] twettaq fl-istess ħin bħal dak li kien is-suġġett tad-deċiżjoni Samsung, meta l-Kummissjoni kienet għadha ma adottatx deċiżjoni skont [...] l-Artikolu 14 tar-Regolament [Nru 4064/89]", li "[d]an il-fatt [kien] tqies bħala ċirkustanza attenwanti fid-deċiżjoni Samsung" u li "l-istess raġunament [kien] applikabbli f'dan il-każ."

642 Għaldaqstant, f'dawn id-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni ma llimitatx ruħha sabiex tikkonstata li hija kienet għadha ma imponietx multa għal aġir li kellu eżattament l-istess karatteristiċi, iżda hija rrilevat li ma kienet ttieħdet l-ebda deċiżjoni skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 4064/89. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni f'dan il-każ ma hijiex paragunabbli ma' dawk li taw lok għad-deċiżjonijiet Samsung/AST u A.P. Møller.

643 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li, anki jekk jiġi preżunt li d-deċiżjoni kkontestata tista', ġustament, tikklassifika bħala negliġenti l-allegati ksur mir-rikorrenti tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 139/2004, id-deċiżjoni ma ħallietx lir-rikorrenti tibbenefika miċ-ċirkustanza attenwanti li tirriżulta mill-fatt l-ksur allegat kien ikkawżat minn żball skużabbli u li ma kienx intiż sabiex jiġi evitat il-kontroll tal-Kummissjoni.

644 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi kkonstatat li l-eżistenza ta' żball skużabbli jippreżumi li l-persuna kkonċernata tat prova ta' kull diliġenza meħtieġa minn persuna normalment avżata (ara l-punt 484 iktar 'il fuq). Għaldaqstant il-konstatazzjoni ta' negliġenza min-naħa tar-rikorrenti neċessarjament teskludi l-eżistenza ta' żball skużabbli min-naħa tagħha.

645 Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi miċħuda wkoll il-ħames parti tal-ħames motiv, kif ukoll il-ħames motiv fl-intier tiegħu.

646 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

647 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li din tiġi kkundannati għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) Marine Harvest ASA hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Dittrich Schwarcz Tomljenović

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Ottubru 2017.

Firem

# Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża ... 1

A. Akkwist mir-rikorrenti ta' Morpol ... 2

B. Stadju ta' qabel in-notifika ... 3

C. Notifika u deċiżjoni li tawtorizza l-konċentrazzjoni b'riżerva għall-osservanza ta' ċerti impenji ... 3

D. Id-deċiżjoni kkontestata u l-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tagħha ... 4

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet ... 6

III. Id-dritt ... 7

A. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata ċaħdet l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ... 7

1. Fuq l-ewwel tliet partijiet tal-ewwel motiv ... 7

a) Osservazzjonijiet preliminari ... 7

b) Dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ... 9

1) Fuq il-fatt li l-konċentrazzjoni inkwistjoni ma hijiex koperta mill-kliem tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ... 10

2) Fuq l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegata eżistenza ta' konċentrazzjoni unika ... 11

i) Osservazzjonijiet preliminari ... 11

ii) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-avviż ġurisdizzjonali kkonsolidat ... 14

iii) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali u l-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ... 16

iv) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-premessa 20 tar-Regolament Nru 139/2004 ... 19

v) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni tikkontradixxi l-prassi fl-Istati Membri ... 20

vi) Fuq l-argumenti tar-rikorrenti li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat ir-raġuni għall-eżistenza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ... 21

2. Fuq ir-raba' parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-fatt li r-rikorrenti kkonformat ruħha mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 139/2004 ... 30

B. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikkonkludi li r-rikorrenti kienet negliġenti ... 30

C. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ġenerali ta' *ne bis in idem* ... 38

1. Osservazzjonijiet preliminari fuq ir-relazzjoni bejn l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 14(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 139/2004 ..... 38

2. Fuq l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' ne bis in idem għall-każ odjern ..... 40

3. Fuq l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-konkors ta' istanzi differenti ta' ksur ..... 45

D. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt imwettaq bl-impożizzjoni ta' multi fuq ir-rikorrenti ..... 48

1. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nullum crimen, nulla poena sine lege ..... 48

2. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ..... 50

E. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' liġi u ta' fatt u fuq assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-livelli tal-multi ..... 57

1. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq l-assenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-istabbiliment tal-ammont tal-multa ..... 57

2. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq evalwazzjoni żbaljata tas-serjetà tal-ksur allegat ..... 61

a) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tan-negliġenza tar-rikorrenti ..... 62

b) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' dubji serji dwar il-kompatibbiltà tal-operazzjoni mas-suq intern ..... 62

c) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-preċedenti li jikkonċernaw lir-rikorrenti u lil kumpanniji oħra ..... 68

1) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kawża li tat lok għad-deċiżjoni Pan Fish/Fjord Seafood ..... 68

2) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kawżi li jikkonċernaw kumpanniji oħra ..... 70

3. Fuq it-tielet parti, ibbażata fuq evalwazzjoni żbaljata tat-tul tal-ksur allegat ..... 71

4. Fuq ir-raba' parti, ibbażata fuq il-fatt li l-multa hija sproporzjonata ..... 74

a) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-multa teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan segwit ..... 74

b) Fuq it-tieni ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-multa hija sproporzjonata meta mqabbla mat-tul u mas-serjetà tal-ksur allegat ..... 75

c) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-multa hija eċċessiva u għandha titnaqqas ..... 75

5. Fuq il-ħames parti, ibbażata fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata, b'mod żbaljat, ma tirrikonoxxix ċirkustanzi attenwanti ..... 80

Fuq l-ispejjeż ..... 82